(a) "applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali" jew "applikazzjoni" tfisser talba li ssir minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat għal-protezzjoni minn Stat Membru, li jista' jinftiehem li qed ifittex status ta' rifuġjat ***jew status ta' protezzjoni sussidjarja***;	(a) "applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali" jew "applikazzjoni" tfisser talba li ssir minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat għal-protezzjoni minn Stat Membru, li jista' jinftiehem li qed ifittex status ta' rifuġjat;

Or. hu

Emenda 492
Beatrix von Storch

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) "applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali" jew "applikazzjoni" tfisser talba li ssir minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat għal-protezzjoni minn Stat Membru, li jista' jinftiehem li qed ifittex status ta' rifuġjat ***jew status ta'***	(a) "applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali" jew "applikazzjoni" tfisser talba li ssir minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat għal-protezzjoni minn Stat Membru, li jista' jinftiehem li

protezzjoni sussidjarja;	qed ifittex status ta' rifuġjat;

Or. en

Emenda 493
Udo Voigt

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a) "applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali" jew "applikazzjoni" tfisser talba li ssir minn ċittadin ta' pajjiż terz ***jew persuna mingħajr Stat għal-protezzjoni*** minn Stat Membru, li jista' jinftiehem li qed ifittex status ta' rifuġjat jew status ta' protezzjoni sussidjarja;	a) "applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali" jew "applikazzjoni" tfisser talba li ssir minn ċittadin ta' pajjiż terz ***għall-protezzjoni*** minn Stat Membru, li jista' jinftiehem li qed ifittex status ta' rifuġjat jew status ta' protezzjoni sussidjarja;

Or. de

Emenda 494
Udo Voigt

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b) "applikant" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz ***jew persuna mingħajr Stat*** li jkun għamel applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali li dwarha tkun għadha ma tteħditx deċiżjoni finali;	b) "applikant" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz li jkun għamel applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali li dwarha tkun għadha ma tteħditx deċiżjoni finali;

Or. de

Emenda 495
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) "reġistrazzjoni" ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali tfisser ir-reġistrazzjoni tad-dettalji personali, inklużi l-marki tas-swaba' u immaġni tal-wiċċ b'mod konformi mal-[Artikolu 10(1) tar-Regolament Eurodac] ta' applikant għal protezzjoni internazzjonali, li tifformalizza l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali;

Or. en

Emenda 496
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt bb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(bb) "preżentazzjoni" ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali tfisser il-preżentazzjoni tal-elementi disponibbli lill-applikant li jissostanzjaw l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali b'mod konformi mal-[Artikolu 4(1) tar-Regolament dwar il-Kwalifika];

Or. en

Emenda 497
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) "applikant li jkollu bżonn ta' garanziji proċedurali speċjali" tfisser applikant li l-kapaċità tiegħu li jibbenefika mid-drittijiet u li jikkonforma mal-obbligi previsti f'dan ir-Regolament tkun limitata minħabba cirkostanzi individwali;	(c) "applikant li jkollu bżonn ta' garanziji proċedurali speċjali" tfisser applikant li l-kapaċità tiegħu li jibbenefika mid-drittijiet u li jikkonforma mal-obbligi previsti f'dan ir-Regolament tkun limitata minħabba cirkostanzi individwali ***jew vulnerabilitajiet speċifiċi***;

Or. en

Emenda 498
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar, Filiz Hyusmenova

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) "applikant li jkollu bżonn ta' garanziji proċedurali ***speċjali***" tfisser applikant li l-kapaċità tiegħu li jibbenefika mid-drittijiet u li jikkonforma mal-obbligi previsti f'dan ir-Regolament tkun limitata minħabba cirkostanzi individwali;	(c) "applikant li jkollu bżonn ta' garanziji proċedurali ***speċifiċi***" tfisser applikant li l-kapaċità tiegħu li jibbenefika mid-drittijiet u li jikkonforma mal-obbligi previsti f'dan ir-Regolament tkun limitata minħabba cirkostanzi individwali;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tallinja t-terminoloġija mal-pożizzjoni tal-PE dwar strumenti oħra tas-SEKA, b'mod partikolari d-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza.

Emenda 499
Brice Hortefeux

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(c) "applikant li jkollu bżonn ta' garanziji proċedurali speċjali" tfisser applikant li l-kapaċità tiegħu li jibbenefika mid-drittijiet u li jikkonforma mal-obbligi previsti f'***dan ir-Regolament*** tkun limitata minħabba cirkostanzi individwali;	(c) "applikant li jkollu bżonn ta' garanziji proċedurali speċjali" tfisser applikant li l-kapaċità tiegħu li jibbenefika mid-drittijiet u li jikkonforma mal-obbligi previsti f'***din id-Direttiva*** tkun limitata minħabba cirkostanzi individwali;

Or. fr

Emenda 500
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) "applikant li jkollu bżonn ta' garanziji proċedurali speċjali" tfisser applikant li l-kapaċità tiegħu li jibbenefika mid-drittijiet u li jikkonforma mal-obbligi previsti ***f'dan ir-Regolament*** tkun limitata minħabba cirkostanzi individwali;	(c) "applikant li jkollu bżonn ta' garanziji proċedurali speċjali" tfisser applikant li l-kapaċità tiegħu li jibbenefika mid-drittijiet u li jikkonforma mal-obbligi previsti ***f'din id-Direttiva*** tkun limitata minħabba cirkostanzi individwali;

Or. en

Emenda 501
Péter Niedermüller, Josef Weidenholzer, Ana Gomes, Marju Lauristin

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) "reġistrazzjoni" ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali tfisser ir-reġistrazzjoni tad-dettalji personali, b'mod konformi mal-[Artikolu 10(1) tar-Regolament Eurodac] ta' applikant għal protezzjoni internazzjonali, li tifformalizza l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali;

Or. en

Emenda 502
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Jean Lambert, Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) "persuna mingħajr Stat" tfisser individwu li ma jitqiesx bħala ċittadin minn kwalunkwe stat skont il-liġi nazzjonali tiegħu;

Or. en

Emenda 503
Péter Niedermüller, Marju Lauristin, Ana Gomes, Josef Weidenholzer

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cb) "preżentazzjoni" ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali tfisser il-preżentazzjoni ta' elementi disponibbli lill-applikant li jistgħu jgħinu biex tiġi ssostanzjata l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali b'mod konformi mal-[Artikolu 4(1) tar-Regolament dwar il-Kwalifika];

Or. en

Emenda 504
Péter Niedermüller, Ana Gomes, Josef Weidenholzer

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) "deċiżjoni finali" tfisser deċiżjoni dwar jekk ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat jingħatawx status ta' rifuġjat jew status ta' protezzjoni sussidjarja skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Kwalifika)***, inkluża deċiżjoni li tirrifjuta l-applikazzjoni bħala inammissibbli jew deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala espliċitament irtirata jew abbandunata u li ma tistax tibqa' soġġetta għal proċedura ta' appell fl-Istat Membru kkonċernat***;	(d) "deċiżjoni finali" tfisser deċiżjoni dwar jekk ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat jingħatawx status ta' rifuġjat jew status ta' protezzjoni sussidjarja skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Kwalifika);

Or. en

Ġustifikazzjoni

M'hemmx il-ħtieġa li jiġi stipulat għal liema raġunijiet ġiet irrifjutata applikazzjoni fid-definizzjoni tad-deċiżjoni finali. Barra minn hekk, minħabba li se jiġu emendati xi wħud mill-kunċetti elenkati mill-Kummissjoni, iridu jitħassru hawnhekk għal konsistenza ma' emendi aktar 'il quddiem.

Emenda 505
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) "deċiżjoni finali" tfisser deċiżjoni dwar jekk ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat jingħatawx status ta' rifuġjat jew status ta' protezzjoni sussidjarja skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Kwalifika), inkluża deċiżjoni li tirrifjuta ***l-applikazzjoni bħala inammissibbli jew deċiżjoni li tirrifjuta*** applikazzjoni bħala espliċitament irtirata ***jew abbandunata*** u li ma tistax tibqa' soġġetta għal proċedura ta' appell fl-Istat Membru kkonċernat;	(d) "deċiżjoni finali" tfisser deċiżjoni dwar jekk ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat jingħatawx status ta' rifuġjat jew status ta' protezzjoni sussidjarja skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Kwalifika), inkluża deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala espliċitament irtirata u li ma tistax tibqa' soġġetta għal proċedura ta' appell fl-Istat Membru kkonċernat;

Or. en

Emenda 506
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) "deċiżjoni finali" tfisser deċiżjoni dwar jekk ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat jingħatawx status ta' rifuġjat jew status ta' protezzjoni sussidjarja skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Kwalifika), inkluża deċiżjoni li tirrifjuta l-applikazzjoni bħala inammissibbli jew deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala espliċitament irtirata jew abbandunata u li ma tistax tibqa' soġġetta għal proċedura ta' appell fl-Istat Membru kkonċernat;	(d) "deċiżjoni finali" tfisser deċiżjoni dwar jekk ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat jingħatawx status ta' rifuġjat jew status ta' protezzjoni sussidjarja skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Kwalifika), inkluża deċiżjoni li tirrifjuta l-applikazzjoni bħala inammissibbli jew deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala espliċitament irtirata jew abbandunata u li ma tistax tibqa' soġġetta għal proċedura ta' appell ***skont l-Artikolu 53*** fl-Istat Membru kkonċernat;

Or. en

Emenda 507
Beatrix von Storch

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) "deċiżjoni finali" tfisser deċiżjoni dwar jekk ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat jingħatawx status ta' rifuġjat ***jew status ta' protezzjoni sussidjarja*** skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Kwalifika), inkluża deċiżjoni li tirrifjuta l-applikazzjoni bħala inammissibbli jew deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala espliċitament irtirata jew abbandunata u li ma tistax tibqa' soġġetta għal proċedura ta' appell fl-Istat Membru kkonċernat;	(d) "deċiżjoni finali" tfisser deċiżjoni dwar jekk ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat jingħatawx status ta' rifuġjat skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Kwalifika), inkluża deċiżjoni li tirrifjuta l-applikazzjoni bħala inammissibbli jew deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni bħala espliċitament irtirata jew abbandunata u li ma tistax tibqa' soġġetta għal proċedura ta' appell fl-Istat Membru kkonċernat;

Or. en

Emenda 508
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) "awtorità determinanti" tfisser kwalunkwe korp ***semiġudizzjarju*** jew amministrattiv fi Stat Membru responsabbli sabiex jeżamina applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali***, u kompetenti sabiex jieħu deċiżjonjiet fl-ewwel istanza***;	(e) "awtorità determinanti" tfisser kwalunkwe korp ***ġudizzjarju*** jew amministrattiv fi Stat Membru responsabbli sabiex jeżamina applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali;

Or. en

Emenda 509
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) "awtorità determinanti" tfisser kwalunkwe korp semiġudizzjarju jew amministrattiv fi Stat Membru responsabbli sabiex jeżamina applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali, u kompetenti sabiex jieħu deċiżjonjiet fl-ewwel istanza;	(e) "awtorità determinanti" tfisser kwalunkwe korp ***ġudizzjarju,*** semiġudizzjarju jew amministrattiv fi Stat Membru responsabbli sabiex jeżamina applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali, u kompetenti sabiex jieħu deċiżjonjiet fl-ewwel istanza;

Or. en

Emenda 510
Miltiadis Kyrkos

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) "kustodju" tfisser persuna jew organizzazzjoni maħtura biex jassistu jew ***jirrapreżentaw*** minorenni mhux akkompanjat bil-għan li jkunu salvagwardjati l-aħjar interessi tat-tfal u l-benesseri ġenerali tagħhom fi proċeduri previsti f'dan ir-Regolament u li jeżerċitaw kapaċità legali għall-minorenni fejn ikun meħtieġ***;***	(f) "kustodju" tfisser persuna jew organizzazzjoni maħtura biex jassistu jew ***jirrappreżentaw*** minorenni mhux akkompanjat bil-għan li jkunu salvagwardjati l-aħjar interessi tat-tfal u l-benesseri ġenerali tagħhom fi proċeduri previsti f'dan ir-Regolament u li jeżerċitaw kapaċità legali għall-minorenni fejn ikun meħtieġ***, fejn organizzazzjoni tinħatar bħala rappreżentat, din għandha tindika persuna responsabbli għat-twettiq tad-dmirijiet ta' rappreżentant fir-rigward tal-minorenni mhux akkompanjat, b'mod konformi mad-Direttiva 2013/33.***

Or. en

Emenda 511
Péter Niedermüller, Marju Lauristin, Josef Weidenholzer, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) "kustodju" tfisser persuna jew organizzazzjoni maħtura biex jassistu jew ***jirrapreżentaw*** minorenni mhux akkompanjat bil-għan li jkunu salvagwardjati l-aħjar interessi tat-tfal u l-benesseri ***ġenerali*** tagħhom ***fi proċeduri previsti f'dan ir-Regolament*** u li jeżerċitaw kapaċità legali għall-minorenni fejn ikun meħtieġ***;***	(f) "kustodju" tfisser persuna jew organizzazzjoni maħtura ***mill-korpi kompetenti*** biex jassistu jew ***jirrappreżentaw*** minorenni mhux akkompanjat ***fil-proċeduri previsti f'dan ir-Regolament*** bil-għan li jkunu salvagwardjati l-aħjar interessi tat-tfal u l-benesseri tagħhom u li jeżerċitaw kapaċità legali għall-minorenni fejn ikun meħtieġ

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-lingwaġġ użat fil-proposta ta' kompromess fir-Regolament dwar il-Kwalifika. Il-Parlament jenħtieġ li jagħmel ħiltu biex ikun konsistenti fir-rigward tad-definizzjonijiet.

Emenda 512
Brice Hortefeux

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) "kustodju" tfisser persuna jew organizzazzjoni maħtura biex jassistu jew jirrapreżentaw minorenni mhux akkompanjat bil-għan li jkunu salvagwardjati l-aħjar interessi tat-tfal u l-benesseri ġenerali tagħhom fi proċeduri previsti ***f'dan ir-Regolament*** u li jeżerċitaw kapaċità legali għall-minorenni fejn ikun meħtieġ;	(f) "kustodju" tfisser persuna jew organizzazzjoni maħtura biex jassistu jew jirrapreżentaw minorenni mhux akkompanjat bil-għan li jkunu salvagwardjati l-aħjar interessi tat-tfal u l-benesseri ġenerali tagħhom fi proċeduri previsti ***f'din id-Direttiva*** u li jeżerċitaw kapaċità legali għall-minorenni fejn ikun meħtieġ;

Or. fr

Emenda 513
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) "kustodju" tfisser persuna jew organizzazzjoni maħtura biex jassistu jew ***jirrapreżentaw*** minorenni mhux akkompanjat bil-għan li jkunu salvagwardjati l-aħjar interessi tat-tfal u l-benesseri ġenerali tagħhom fi proċeduri previsti ***f'dan ir-Regolament*** u li jeżerċitaw kapaċità legali għall-minorenni fejn ikun meħtieġ;	(f) "kustodju" tfisser persuna jew organizzazzjoni maħtura biex jassistu jew ***jirrappreżentaw*** minorenni mhux akkompanjat bil-għan li jkunu salvagwardjati l-aħjar interessi tat-tfal u l-benesseri ġenerali tagħhom fi proċeduri previsti ***f'din id-Direttiva*** u li jeżerċitaw kapaċità legali għall-minorenni fejn ikun meħtieġ;

Or. en

Emenda 514
Ska Keller

f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) "kustodju" tfisser persuna jew organizzazzjoni maħtura biex jassistu jew ***jirrapreżentaw*** minorenni mhux akkompanjat bil-għan li jkunu salvagwardjati l-aħjar interessi tat-tfal u l-benesseri ***ġenerali*** tagħhom fi proċeduri previsti f'dan ir-Regolament u li jeżerċitaw kapaċità legali għall-minorenni fejn ikun meħtieġ;	(f) "kustodju" tfisser persuna jew organizzazzjoni maħtura biex jassistu jew ***jirrappreżentaw*** minorenni mhux akkompanjat bil-għan li jkunu salvagwardjati l-aħjar interessi tat-tfal u l-benesseri tagħhom fi proċeduri previsti f'dan ir-Regolament u li jeżerċitaw kapaċità legali għall-minorenni fejn ikun meħtieġ;

Or. en

Emenda 515
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) "kustodju" tfisser persuna ***jew organizzazzjoni*** maħtura biex ***jassistu jew jirrapreżentaw*** minorenni mhux akkompanjat bil-għan li jkunu salvagwardjati l-aħjar interessi tat-tfal u l-benesseri ġenerali tagħhom fi proċeduri previsti f'dan ir-Regolament u li ***jeżerċitaw*** kapaċità legali għall-minorenni fejn ikun meħtieġ;	(f) "kustodju" tfisser persuna ***fiżika*** maħtura biex ***tassisti jew tirrappreżenta*** minorenni mhux akkompanjat bil-għan li jkunu salvagwardjati l-aħjar interessi tat-tfal u l-benesseri ġenerali tagħhom fi proċeduri previsti f'dan ir-Regolament u li ***teżerċita*** kapaċità legali għall-minorenni fejn ikun meħtieġ;

Or. en

Emenda 516
Miltiadis Kyrkos

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) "irtirar tal-protezzjoni internazzjonali" tfisser id-deċiżjoni minn awtorità determinanti li tirrevoka, twaqqaf jew tirrifjuta li ġġedded l-istatus ta' rifuġjat jew l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja ta' persuna;	(g) "irtirar tal-protezzjoni internazzjonali" tfisser id-deċiżjoni minn awtorità determinanti li tirrevoka, twaqqaf jew tirrifjuta li ġġedded l-istatus ta' rifuġjat jew l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja ta' persuna ***b'mod konformi mar-[Regolament dwar il-Kwalifika]***;

Or. en

Emenda 517
Beatrix von Storch

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) "irtirar tal-protezzjoni internazzjonali" tfisser id-deċiżjoni minn awtorità determinanti li tirrevoka, twaqqaf jew tirrifjuta li ġġedded l-istatus ta' rifuġjat ***jew l-istatus*** ta' ***protezzjoni sussidjarja ta'*** persuna;	(g) "irtirar tal-protezzjoni internazzjonali" tfisser id-deċiżjoni minn awtorità determinanti li tirrevoka, twaqqaf jew tirrifjuta li ġġedded l-istatus ta' rifuġjat ta' persuna;

Or. en

Emenda 518
Péter Niedermüller, Elly Schlein, Ana Gomes, Josef Weidenholzer, Cécile Kashetu Kyenge

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) "applikazzjoni sussegwenti" tfisser applikazzjoni oħra għall-protezzjoni internazzjonali li ssir fi kwalunkwe Stat Membru wara li tkun ittieħdet deċiżjoni finali dwar applikazzjoni preċedenti**,**	(i) "applikazzjoni sussegwenti" tfisser applikazzjoni oħra għall-protezzjoni internazzjonali li ssir fi kwalunkwe Stat Membru wara li tkun ittieħdet deċiżjoni

inklużi każijiet fejn l-applikazzjoni tkun ġiet irrifjutata bħala espliċitament irtirata jew bħala abbandunata wara l-irtirar impliċitu tagħha;	finali dwar applikazzjoni preċedenti;

Or. en

Ġustifikazzjoni

M'hemmx il-ħtieġa li jiġi stipulat għal liema raġunijiet ġiet irrifjutata applikazzjoni fid-definizzjoni tad-deċiżjoni finali. Barra minn hekk, minħabba li se jiġu emendati xi wħud mill-kunċetti elenkati mill-Kummissjoni, dawn iridu jitħassru hawnhekk għal konsistenza ma' emendi sussegwenti.

Emenda 519
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) "applikazzjoni sussegwenti" tfisser applikazzjoni oħra għall-protezzjoni internazzjonali li ssir fi kwalunkwe Stat Membru wara li tkun ittieħdet deċiżjoni finali dwar ***applikazzjoni*** preċedenti, inklużi każijiet fejn l-applikazzjoni tkun ġiet irrifjutata bħala espliċitament irtirata ***jew bħala abbandunata wara l-irtirar impliċitu tagħha***;	(i) "applikazzjoni sussegwenti" tfisser ***it-tieni*** applikazzjoni ***jew applikazzjoni*** oħra għall-protezzjoni internazzjonali li ssir fi kwalunkwe Stat Membru wara li tkun ittieħdet deċiżjoni finali dwar ***applikazzjonijiet*** preċedenti ***bbażati fuq l-istess elementi fil-fatt u fil-liġi bħal applikazzjonijiet preċedenti***, inklużi każijiet fejn l-applikazzjoni tkun ġiet irrifjutata bħala espliċitament irtirata;

Or. en

Emenda 520
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(i) "applikazzjoni sussegwenti" tfisser applikazzjoni oħra għall-protezzjoni internazzjonali li ssir ***fi kwalunkwe Stat*** Membru wara li tkun ittieħdet deċiżjoni finali ***dwar applikazzjoni*** preċedenti***,*** inklużi każijiet fejn l-applikazzjoni tkun ġiet irrifjutata bħala espliċitament irtirata ***jew bħala abbandunata wara l-irtirar impliċitu tagħha***;	(i) "applikazzjoni sussegwenti" tfisser ***it-tieni*** applikazzjoni ***jew applikazzjoni*** oħra għall-protezzjoni internazzjonali li ssir ***fl-Istat*** Membru ***kkonċernat*** wara li tkun ittieħdet deċiżjoni finali ***u abbażi tal-istess elementi li jkunu diġà ġew evalwati fl-applikazzjoni*** preċedenti inklużi każijiet fejn l-applikazzjoni tkun ġiet irrifjutata bħala espliċitament irtirata;
	Or. en

Emenda 521
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt ja (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ja) "konnessjoni sinifikanti ma' pajjiż terzi" tfisser l-eżistenza ta' rabtiet familjari jew kulturali jew residenza preċedenti fit-tul u integrazzjoni fit-territorju ta' pajjiż terz, skont liema applikant jista' jkun mistenni b'mod raġonevoli li jfittex protezzjoni f'dak il-pajjiż terz, u jkun hemm raġunijiet biex jiġi kkunsidrat li applikant se jkun ammess jew ammess mill-ġdid f'dak il-pajjiż. Konnessjoni sinifikanti ma għandhiex tirriżulta mis-sempliċi fatt li l-applikant ikun għadda in tranżitu minn pajjiż terz.
	Or. en

Emenda 522
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Jean Lambert, Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) l-ipproċessar u t-teħid ta' deċiżjonijiet dwar każijiet skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin);

Or. en

Emenda 523
Elissavet Vozemberg-Vrionidi

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kull Stat Membru għandu jipprovdi lill-awtorità determinanti b'mezzi xierqa, inkluż biżżejjed persunal kompetenti, biex twettaq il-kompiti tagħha skont dan ir-Regolament. ***Għal dak il-għan, kull Stat Membru għandu jivvaluta regolarment il-ħtiġijiet tal-awtorità determinanti biex jiżgura li din dejjem tkun f'pożizzjoni li titratta l-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali b'mod effettiv, b'mod partikolari meta tirċievi numru sproporzjonat ta' applikazzjonijiet simultanji.***	2. Kull Stat Membru għandu jipprovdi lill-awtorità determinanti b'mezzi xierqa, inkluż biżżejjed persunal kompetenti, biex twettaq il-kompiti tagħha skont dan ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Stat Membru ma jistax jipprevedi sitwazzjonijiet futuri li minħabba fihom se jkun iffaċċjat minn numru sproporzjonat ta' applikazzjonijiet sabiex jgħammar bil-quddiem lill-awtorità determinanti tiegħu bil-persunal.

Emenda 524
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kull Stat Membru għandu jipprovdi lill-awtorità determinanti b'mezzi xierqa, inkluż biżżejjed persunal kompetenti, biex twettaq il-kompiti tagħha skont dan ir-Regolament. Għal dak il-għan, kull Stat Membru għandu jivvaluta regolarment il-ħtiġijiet tal-awtorità determinanti biex jiżgura li din dejjem tkun f'pożizzjoni li titratta l-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali b'mod effettiv, b'mod partikolari meta tirċievi numru ***sproporzjonat*** ta' applikazzjonijiet simultanji.	2. Kull Stat Membru għandu jipprovdi lill-awtorità determinanti b'mezzi xierqa, inkluż biżżejjed persunal kompetenti ***u taħriġ xieraq***, biex twettaq il-kompiti tagħha skont dan ir-Regolament. Għal dak il-għan, kull Stat Membru għandu jivvaluta regolarment il-ħtiġijiet tal-awtorità determinanti biex jiżgura li din dejjem tkun f'pożizzjoni li titratta l-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali b'mod effettiv, b'mod partikolari meta tirċievi numru ***sproporzjonatament għoli*** ta' applikazzjonijiet simultanji.

Or. en

Emenda 525
Brice Hortefeux, Rachida Dati

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kull Stat Membru għandu jipprovdi ***lill-awtorità*** determinanti b'mezzi xierqa, inkluż biżżejjed persunal kompetenti, biex ***twettaq il-kompiti tagħha*** skont dan ir-Regolament. Għal dak il-għan, kull Stat Membru għandu jivvaluta regolarment il-ħtiġijiet tal-awtorità determinanti biex jiżgura li din dejjem tkun f'pożizzjoni li titratta l-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali b'mod effettiv, b'mod partikolari meta tirċievi numru sproporzjonat ta' applikazzjonijiet simultanji.	2. Kull Stat Membru għandu jipprovdi ***lill-awtoritajiet*** determinanti b'mezzi xierqa, inkluż biżżejjed persunal kompetenti ***u mħarreġ***, biex ***iwettqu l-kompiti tagħhom*** skont dan ir-Regolament. Għal dak il-għan, kull Stat Membru għandu jivvaluta regolarment il-ħtiġijiet tal-awtorità determinanti biex jiżgura li din dejjem tkun f'pożizzjoni li titratta l-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali b'mod effettiv, b'mod partikolari meta tirċievi numru sproporzjonat ta' applikazzjonijiet simultanji.

Or. fr

Emenda 526
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kull Stat Membru għandu jipprovdi lill-awtorità determinanti b'mezzi xierqa, inkluż biżżejjed persunal kompetenti, biex twettaq il-kompiti tagħha skont ***dan ir-Regolament***. Għal dak il-għan, kull Stat Membru għandu jivvaluta regolarment il-ħtiġijiet tal-awtorità determinanti biex jiżgura li din dejjem tkun f'pożizzjoni li titratta l-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali b'mod effettiv, b'mod partikolari meta tirċievi numru sproporzjonat ta' applikazzjonijiet simultanji.	2. Kull Stat Membru għandu jipprovdi lill-awtorità determinanti b'mezzi xierqa, inkluż biżżejjed persunal kompetenti, biex twettaq il-kompiti tagħha skont ***din id-Direttiva***. Għal dak il-għan, kull Stat Membru għandu jivvaluta regolarment il-ħtiġijiet tal-awtorità determinanti biex jiżgura li din dejjem tkun f'pożizzjoni li titratta l-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali b'mod effettiv, b'mod partikolari meta tirċievi numru sproporzjonat ta' applikazzjonijiet simultanji.

Or. en

Emenda 527
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtoritajiet li ġejjin għandu jkollhom il-kompitu li jirċievu u jirreġistraw applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali, kif ukoll li jinfurmaw lill-applikanti dwar fejn u kif għandhom jippreżentaw applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali:	L-awtoritajiet li ġejjin għandu jkollhom il-kompitu li jirċievu u jirreġistraw applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali, kif ukoll li jinfurmaw lill-applikanti dwar fejn u kif għandhom jippreżentaw applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali***. Dawn l-awtoritajiet fl-ebda każ ma għandhom is-setgħa li jiddeċiedu dwar l-ammissibilità u***

l-merti ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali:

Or. en

Emenda 528
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtoritajiet li ġejjin għandu jkollhom il-kompitu li jirċievu u jirreġistraw applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali, kif ukoll li jinfurmaw lill-applikanti dwar fejn u kif għandhom jippreżentaw applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali:	L-awtoritajiet li ġejjin għandu jkollhom il-kompitu li jirċievu u jirreġistraw applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali, kif ukoll li jinfurmaw lill-applikanti dwar fejn u kif għandhom jippreżentaw applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali***. Dawn l-awtoritajiet fl-ebda każ ma għandhom is-setgħa li jiddeċiedu dwar il-merti ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali***:

Or. en

Emenda 529
Brice Hortefeux, Rachida Dati

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtoritajiet li ġejjin għandu jkollhom il-kompitu li jirċievu ***u jirreġistraw*** applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali***, kif ukoll li jinfurmaw lill-applikanti dwar fejn u kif għandhom jippreżentaw applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali***:	L-awtoritajiet li ġejjin għandu jkollhom il-kompitu li jirċievu applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali:

Or. fr

Emenda 530
Elissavet Vozemberg-Vrionidi

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtoritajiet li ġejjin għandu jkollhom il-kompitu li jirċievu u jirreġistraw applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali, kif ukoll li jinfurmaw lill-applikanti dwar fejn u kif għandhom jippreżentaw applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali:	***F'każ ta' numru sproporzjonat ta' applikazzjonijiet, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li*** l-awtoritajiet li ġejjin għandu jkollhom il-kompitu li jirċievu u jirreġistraw applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali, kif ukoll li jinfurmaw lill-applikanti dwar fejn u kif għandhom jippreżentaw applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kull Stat Membru jenħtieġ li jispeċifika bil-liġi nazzjonali l-mod li bih l-awtoritajiet imsemmija għandhom jassistu lill-awtorità determinanti biex tirċievi u tirreġistra applikazzjonijiet.

Emenda 531
Péter Niedermüller, Ana Gomes, Josef Weidenholzer

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtoritajiet li ġejjin ***għandu jkollhom il-kompitu li*** jirċievu u jirreġistraw applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali***, kif ukoll*** li jinfurmaw lill-applikanti dwar fejn u kif għandhom jippreżentaw applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali:	***Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1,*** l-awtoritajiet li ġejjin ***jistgħu*** jirċievu u jirreġistraw ***ukoll*** applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali ***u għandu jkollhom il-kompitu*** li jinfurmaw lill-applikanti dwar fejn u kif għandhom jippreżentaw applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-paragrafu 1 jistipula li huwa l-kompitu tal-awtorità determinanti li tirċievi u tirreġistra applikazzjonijiet. Il-paragrafu 3 imbagħad jistipula li huwa l-kompitu ta' erba' korpi differenti. Għal ċertezza tad-dritt, jenħtieġ li jkun ċar li normalment hija l-awtorità determinanti iżda li korpi oħra jistgħu jirċievu u jirreġistraw applikazzjonijiet.

Emenda 532
Emil Radev

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtoritajiet li ġejjin ***għandu*** jkollhom il-kompitu li jirċievu ***u*** jirreġistraw applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali, kif ukoll li jinfurmaw lill-applikanti dwar fejn u kif għandhom jippreżentaw applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali:	L-awtoritajiet li ġejjin ***jista'*** jkollhom il-kompitu li jirċievu ***u/jew*** jirreġistraw applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali, kif ukoll li jinfurmaw lill-applikanti dwar fejn u kif għandhom jippreżentaw applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali:

Or. bg

Emenda 533
Filiz Hyusmenova

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtoritajiet li ġejjin ***għandu*** jkollhom il-kompitu li jirċievu u jirreġistraw applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali, kif ukoll li jinfurmaw lill-applikanti dwar fejn u kif għandhom jippreżentaw applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali:	L-awtoritajiet li ġejjin ***jista'*** jkollhom il-kompitu li jirċievu u jirreġistraw applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali, kif ukoll li jinfurmaw lill-applikanti dwar fejn u kif għandhom jippreżentaw applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali:

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'xi Stati Membri, b'mod speċifiku l-Istati Membri l-aktar esposti tal-UE, jista' jkun proċeduralment diffiċli għall-awtoritajiet enumerati kollha li kemm jirċievu kif ukoll jirreġistraw applikazzjonijiet. Filwaqt li kollha kemm huma jistgħu jkunu l-korp, li jirċievi l-applikazzjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom xi diskrezzjoni fir-rigward tal-awtoritajiet l-aktar effiċjenti li għandhom iwettqu r-reġistrazzjoni tal-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali, li jista' jirrikjedi għarfien u taħriġ speċifiku.

Emenda 534
Sergei Stanishev

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtoritajiet li ġejjin ***għandu*** jkollhom il-kompitu li jirċievu u jirreġistraw applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali, kif ukoll li jinfurmaw lill-applikanti dwar fejn u kif għandhom jippreżentaw applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali:	L-awtoritajiet li ġejjin ***jista'*** jkollhom il-kompitu li jirċievu u jirreġistraw applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali, kif ukoll li jinfurmaw lill-applikanti dwar fejn u kif għandhom jippreżentaw applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kondiviżjoni tar-responsabbiltà bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-irċevuta u r-reġistrazzjoni ta' applikazzjonijiet jenħtieġ li tiġi adattata għall-ħtiġijiet u l-prattiki tal-Istati Membri u jenħtieġ għalhekk li tkun għad-diskrezzjoni tagħhom.

Emenda 535
Brice Hortefeux, Rachida Dati

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) l-awtorità determinanti

Or. fr

Emenda 536
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-pulizija;	***imħassar***

Or. en

Emenda 537
Kinga Gál

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-pulizija;	***imħassar***

Or. hu

Emenda 538
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-awtoritajiet responsabbli għall-faċilitajiet ta' detenzjoni.	(d) l-awtoritajiet responsabbli għall-faċilitajiet ta' detenzjoni ***jew akkoljenza***.

Or. en

Emenda 539
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri jistgħu jafdaw ukoll lil awtoritajiet oħra b'dawn il-kompiti.	***imħassar***

Or. en

Emenda 540
Brice Hortefeux, Rachida Dati

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri jistgħu jafdaw ukoll lil awtoritajiet oħra b'dawn il-kompiti.	L-Istati Membri jistgħu jafdaw ukoll lil awtoritajiet oħra b'dawn il-kompiti. ***Meta l-applikazzjoni tasal għand awtorità li m'għandhiex is-setgħa li tirreġistraha, din l-awtorità għandha tinforma lill-applikanti dwar fejn u kif għandhom jippreżentaw applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali.***

Or. fr

Emenda 541
Brice Hortefeux, Rachida Dati

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. F'kull Stat Membru, awtorità waħda jew aktar huma reponsabbli biex:
	(a) jirreġistraw l-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali;
	(b) jittrattaw il-każ skont ir-Regolament (UE) Nru xxx/xxxx [Regolament ta'

Dublin]

(c) jagħtu jew jirrifjutaw il-permess tad-dħul fil-qafas tal-proċedura pprovduta fl-Artikolu 41 ta' din id-Direttiva, soġġett għall-kundizzjonijiet u kif stipulat f'dak l-Artikolu u fuq il-bażi tal-opinjoni raġunata tal-awtorità determinanti.

Or. fr

Emenda 542
Péter Niedermüller, Birgit Sippel, Ana Gomes, Josef Weidenholzer

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-awtorità determinanti tal-Istat Membru responsabbli tista' tkun assistita sabiex din tirċievi**,** tirreġistra ***u teżamina*** applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali***:***	4. L-awtorità determinanti tal-Istat Membru responsabbli tista' tkun assistita sabiex din tirċievi ***u*** tirreġistra applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali ***mill-awtoritajiet ta' Stat Membru ieħor li ġie fdat mill-Istat Membru responsabbli mill-kompitu li jirċievi jew jirreġistra applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali;***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-esperti mibgħuta mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil biss jenħtieġ li jkunu intitolati li jissostitwixxu lill-awtorità determinati tal-Istat Membru responsabbli għall-finijiet tal-parti fl-eżami tal-applikazzjonijiet.

Emenda 543
Elissavet Vozemberg-Vrionidi

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

4. L-awtorità determinanti tal-Istat Membru responsabbli tista' tkun assistita sabiex din tirċievi, tirreġistra u teżamina applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali:	4. ***F'każ ta' numru sproporzjonat ta' applikazzjonijiet,*** l-awtorità determinanti tal-Istat Membru responsabbli tista' tkun assistita sabiex din tirċievi, tirreġistra***,*** ***tippreżenta*** u teżamina applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali ***u b'rispett sħiħ tal-liġi nazzjonali tiegħu***:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa imperattiv li jiġi definit il-kunċett ta' numru sproporzjonat ta' applikazzjonijiet.

Emenda 544
Brice Hortefeux, Rachida Dati

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***L-awtorità*** determinanti tal-Istat Membru responsabbli ***tista' tkun assistita*** sabiex ***din tirċievi, tirreġistra u teżamina*** applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali:	4. ***L-awtoritajiet*** determinanti tal-Istat Membru responsabbli ***jistgħu jkunu assistiti*** sabiex ***dawn jirċievu, jirreġistraw u jeżaminaw*** applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali:

Or. fr

Emenda 545
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-awtorità determinanti tal-Istat Membru responsabbli tista' tkun assistita sabiex din tirċievi***,*** tirreġistra ***u teżamina*** applikazzjonijiet għall-protezzjoni	4. L-awtorità determinanti tal-Istat Membru responsabbli tista' tkun assistita sabiex din tirċievi ***u*** tirreġistra applikazzjonijiet għall-protezzjoni

internazzjonali:	internazzjonali:

Or. en

Emenda 546
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-awtorità determinanti tal-Istat Membru responsabbli tista' tkun assistita sabiex din tirċievi**,** tirreġistra ***u teżamina*** applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali:	4. L-awtorità determinanti tal-Istat Membru responsabbli tista' tkun assistita sabiex din tirċievi ***u*** tirreġistra applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali:

Or. en

Emenda 547
Elissavet Vozemberg-Vrionidi

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) mill-awtoritajiet ta' Stat Membru ieħor li jkunu ġew fdati minn dak l-Istat Membru bil-kompitu li jirċievu, jirreġistraw jew jeżaminaw applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kompitu ta' reġistrazzjoni, preżentazzjoni u eżaminar tal-applikazzjonijiet jenħtieġ li jiġi fdat (meta mitlub mill-Istat) biss lil esperti mibgħuta mill-EASO u maħtura għal dak l-għan u mhux mill-awtoritajiet ta' Stat Membru ieħor peress li dan huwa rilevanti għal wieħed mid-dominji bażiċi fdati lil kull Stat nazzjonali. Għalhekk l-għajnuna jenħtieġ li tasal biss meta tintalab u biss permezz tal-EASO.

Emenda 548
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) mill-awtoritajiet ta' Stat Membru ieħor li jkunu ġew fdati minn dak l-Istat Membru bil-kompitu li jirċievu, jirreġistraw jew jeżaminaw applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali;	***imħassar***

Or. en

Emenda 549
Péter Niedermüller, Cécile Kashetu Kyenge, Elly Schlein, Ana Gomes, Josef Weidenholzer

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) mill-awtoritajiet ta' Stat Membru ieħor li jkunu ġew fdati minn dak l-Istat Membru bil-kompitu li jirċievu, jirreġistraw jew jeżaminaw applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-parti rilevanti ta' dan it-test ġiet trasferita fil-paragrafu introduttorju.

Emenda 550
Péter Niedermüller, Josef Weidenholzer, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) minn esperti mibgħuta mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil, skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-UE għall-Asil).	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ġie trasferita fil-paragrafu 4(a)

Emenda 551
Elissavet Vozemberg-Vrionidi

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) L-esperti mibgħuta mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil se jkunu soġġetti għall-proċeduri operattivi standard u l-ġerarkija tal-awtorità determinanti tal-Istat Membru assistit.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan se jippermetti kooperazzjoni aħjar bejn l-awtorità determinanti u l-esperti mibgħuta mill-EASO u jipprevjeni nuqqas ta' fehim u kunflitti possibbli.

Emenda 552
Péter Niedermüller, Birgit Sippel, Josef Weidenholzer, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. L-awtorità determinanti tal-Istat Membru responsabbli tista' tkun assistita sabiex din tirċievi, tirreġistra u teżamina applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali minn esperti mibgħuta mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil, skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huma biss l-esperti mibgħuta mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil li jenħtieġ li jkunu intitolati biex jissostitwixxu lill-awtorità determinanti tal-Istat Membru responsabbli għall-finijiet tal-parti fl-eżami tal-applikazzjonijiet.

Emenda 553
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persunal tal-awtorità ***determinanti, jew ta' kwalunkwe awtorità oħra*** responsabbli biex tirċievi u tirreġistra applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali skont il-paragrafu 3, ikollu l-għarfien xieraq u jkun provdut bit-taħriġ u l-istruzzjonijiet neċessarji biex jissodisfa l-obbligi tiegħu fl-applikazzjoni ta' dan ***ir-Regolament***.	5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persunal tal-awtorità responsabbli biex tirċievi u tirreġistra applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali skont il-paragrafu 3, ikollu l-għarfien xieraq u jkun provdut bit-taħriġ u l-istruzzjonijiet neċessarji biex jissodisfa l-obbligi tiegħu fl-applikazzjoni ta' ***din id-Direttiva.*** Dan ***it-taħriġ irid jinkludi, iżda ma jkunx limitat għal, taħriġ speċjalizzat dwar l-identifikazzjoni ta' vittmi tal-vjolenza minħabba l-orjentazzjoni sesswali jew ta' vjolenza bbażata fuq is-sess, kif ukoll vittmi ta' traffikar u tortura***. ***L-Istati Membri se jiżguraw ukoll il-preżenza ta' interpreti, medjaturi kulturali, u l-aċċess tal-NGOs li jipprovdu għajnuna legali matul il-proċess.***

Or. en

Emenda 554
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persunal tal-awtorità determinanti, jew ta' kwalunkwe awtorità oħra responsabbli biex tirċievi u tirreġistra applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali skont ***il-paragrafu*** 3, ikollu l-għarfien xieraq u jkun provdut bit-taħriġ u l-istruzzjonijiet ***neċessarji*** biex jissodisfa l-obbligi tiegħu fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.	5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persunal tal-awtorità determinanti, jew ta' kwalunkwe awtorità oħra responsabbli biex tirċievi u tirreġistra applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali skont ***il-paragrafi*** 3 ***u 4***, ikollu l-għarfien xieraq u jkun provdut bit-taħriġ ***neċessarju skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) XXX/XXX (ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-UE għall-Asil)*** u l-istruzzjonijiet biex jissodisfa l-obbligi tiegħu fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 555
Péter Niedermüller, Birgit Sippel, Josef Weidenholzer, Ana Gomes, Marju Lauristin, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persunal tal-awtorità determinanti, jew ta' kwalunkwe awtorità oħra responsabbli biex tirċievi u tirreġistra applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali skont ***il-paragrafu*** 3, ikollu l-għarfien xieraq u jkun provdut bit-taħriġ u l-istruzzjonijiet neċessarji biex jissodisfa	5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persunal tal-awtorità determinanti, jew ta' kwalunkwe awtorità oħra responsabbli biex tirċievi u tirreġistra applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali skont ***il-paragrafi*** 3, ***4 u 4a,*** ikollu l-għarfien xieraq u jkun provdut bit-taħriġ u l-istruzzjonijiet neċessarji biex

l-obbligi tiegħu fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.	jissodisfa l-obbligi tiegħu fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-persunal ta' Stati Membri u esperti oħra mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil jenħtieġ li jissodisfa l-kundizzjonijiet relatati mat-taħriġ u l-istruzzjoni.

Emenda 556
Brice Hortefeux

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persunal tal-awtorità determinanti, jew ta' kwalunkwe awtorità oħra responsabbli biex tirċievi u tirreġistra applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali skont il-paragrafu 3, ikollu l-għarfien xieraq u jkun provdut bit-taħriġ u l-istruzzjonijiet neċessarji biex jissodisfa l-obbligi tiegħu fl-applikazzjoni ta' ***dan ir-Regolament***.	5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persunal tal-awtorità determinanti, jew ta' kwalunkwe awtorità oħra responsabbli biex tirċievi u tirreġistra applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali skont il-paragrafu 3, ikollu l-għarfien xieraq u jkun provdut bit-taħriġ u l-istruzzjonijiet neċessarji biex jissodisfa l-obbligi tiegħu fl-applikazzjoni ta' ***din id-Direttiva***.

Or. fr

Emenda 557
Monika Hohlmeier, Heinz K. Becker

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiġi evitat li l-applikant jaħrab, kif ukoll biex jiġu prevenuti vjaġġi illegali lejn Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea.

Or. en

Emenda 558
Udo Voigt

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-awtoritajiet li japplikaw dan ir-Regolament għandhom jissalvagwardaw il-kunfidenzjalità ta' kwalunkwe informazzjoni li jiksbu matul il-ħidma tagħhom.	(1) L-awtoritajiet li japplikaw dan ir-Regolament għandhom jissalvagwardaw il-kunfidenzjalità ta' kwalunkwe informazzjoni li jiksbu matul il-ħidma tagħhom. ***Madankollu, sabiex jiġu miġġielda l-attentati terroristiċi, l-applikanti kollha għandhom jiġu rreġistrati f'fajl online ċentralizzat, li jinkludi ritratt, l-isem sħiħ tal-applikant u l-aħħar post ta' residenza tiegħu fil-pajjiż terz.***

Or. de

Emenda 559
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtoritajiet li japplikaw dan ir-Regolament għandhom jissalvagwardaw il-kunfidenzjalità ta' kwalunkwe informazzjoni li jiksbu matul il-ħidma tagħhom.	1. L-awtoritajiet li japplikaw dan ir-Regolament għandhom jissalvagwardaw il-kunfidenzjalità ta' kwalunkwe informazzjoni ***dwar kwalunkwe applikazzjoni individwali*** li jiksbu matul il-ħidma tagħhom.

Or. en

Emenda 560
Brice Hortefeux

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtoritajiet li japplikaw ***dan ir-Regolament*** għandhom jissalvagwardaw il-kunfidenzjalità ta' kwalunkwe informazzjoni li jiksbu matul il-ħidma tagħhom.	1. L-awtoritajiet li japplikaw ***din id-Direttiva*** għandhom jissalvagwardaw il-kunfidenzjalità ta' kwalunkwe informazzjoni li jiksbu matul il-ħidma tagħhom.

Or. fr

Emenda 561
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtoritajiet li japplikaw ***dan ir-Regolament*** għandhom jissalvagwardaw il-kunfidenzjalità ta' kwalunkwe informazzjoni li jiksbu matul il-ħidma tagħhom.	1. L-awtoritajiet li japplikaw ***din id-Direttiva*** għandhom jissalvagwardaw il-kunfidenzjalità ta' kwalunkwe informazzjoni li jiksbu matul il-ħidma tagħhom.

Or. en

Emenda 562
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiksbu kwalunkwe informazzjoni mill-persuni allegatament awturi tal-persekuzzjoni jew ħsara serja ***b'mod li jirriżulta li tali awturi jiġu infurmati direttament bil-fatt li tkun saret applikazzjoni mill-applikant ikkonċernat, u li jipperikola l-integrità fiżika tal-applikant jew tad-dipendenti tiegħu, jew***	(b) jiksbu kwalunkwe informazzjoni mill-persuni allegatament awturi tal-persekuzzjoni jew ħsara serja.

il-libertà u s-sigurtà tal-membri tal-familja tiegħu li jkunu għadhom jgħixu fil-pajjiż ta' oriġini.

Or. en

Emenda 563
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiksbu kwalunkwe informazzjoni mill-persuni allegatament awturi tal-persekuzzjoni jew ħsara serja ***b***'mod ***li jirriżulta li tali awturi jiġu infurmati direttament bil-fatt li tkun saret applikazzjoni mill-applikant ikkonċernat, u li*** jipperikola l-integrità fiżika tal-applikant jew tad-dipendenti tiegħu, jew il-libertà u s-sigurtà tal-membri tal-familja tiegħu li jkunu għadhom jgħixu fil-pajjiż ta' oriġini.	(b) jiksbu kwalunkwe informazzjoni mill-persuni allegatament awturi tal-persekuzzjoni jew ħsara serja ***jekk dan jista' bi kwalunkwe*** mod jipperikola l-integrità fiżika tal-applikant jew tad-dipendenti tiegħu, jew il-libertà u s-sigurtà tal-membri tal-familja tiegħu li jkunu għadhom jgħixu fil-pajjiż ta' oriġini.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-dispożizzjoni jeħtieġ li tagħti protezzjoni aktar ċara lill-applikant u d-dipendenti tiegħu sabiex tkun proporzjonata.

Emenda 564
Emil Radev

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-applikant għandu jagħmel l-applikazzjoni tiegħu fl-Istat Membru tal-ewwel dħul jew, fejn dan ikun preżenti legalment fi Stat Membru, hu għandu	***imħassar***

jagħmel l-applikazzjoni tiegħu f'dak l-Istat Membru kif previst fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin).

Or. bg

Emenda 565
Filiz Hyusmenova

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***L-applikant għandu*** jagħmel ***l-applikazzjoni tiegħu fl-Istat Membru tal-ewwel dħul jew, fejn dan ikun preżenti legalment fi*** Stat Membru, ***hu*** għandu ***jagħmel*** l-applikazzjoni ***tiegħu f'dak l-Istat Membru kif previst fl-Artikolu 4 tar-Regolament*** (UE) ***Nru XXX/XXX*** (ir-Regolament ta' ***Dublin***).	1. ***Meta ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat*** jagħmel ***applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali minn*** Stat Membru, ***l-applikant*** għandu ***jikkoopera mal-awtoritajiet responsabbli sabiex dawn jistabbilixxu l-identità tiegħu kif ukoll biex jirreġistraw*** l-applikazzjoni***, jippermettu l-preżentazzjoni tagħha u jeżaminawha billi:*** (***a) jipprovdi d-data msemmija fil-punti (a) u (b) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 27(1);*** ***(b) jipprovdi l-marki tas-swaba' u l-immaġni tal-wiċċ kif imsemmi fir-Regolament*** (UE) ***Nru XXX/XXX*** (ir-Regolament ***Eurodac***)***.***[1a] ***(c) jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu skont l-Artikolu 28 fil-limitu*** ta' ***żmien stabbilit u jippreżenta l-elementi kollha għad-dispożizzjoni tiegħu biex jissostanzja l-applikazzjoni tiegħu;*** ***(d) jagħti dokumenti fil-pussess tiegħu rilevanti għall-eżami tal-applikazzjoni***.
	[1a] ĠU L [...], [...], p. [...].

Or. en

Emenda 566
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Jean Lambert, Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-applikant għandu jagħmel l-applikazzjoni tiegħu fl-Istat Membru ***tal-ewwel dħul jew,*** fejn dan ikun preżenti ***legalment fi Stat Membru, hu għandu jagħmel l-applikazzjoni tiegħu f'dak l-Istat Membru kif previst fl-Artikolu 4 tar-Regolament*** (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin).	1. L-applikant għandu jagħmel l-applikazzjoni tiegħu fl-Istat Membru fejn dan ikun preżenti ***b'mod konformi mar-Regolament*** (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin).

Or. en

Emenda 567
Sergei Stanishev

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-applikant għandu jagħmel l-applikazzjoni tiegħu fl-Istat Membru ***tal-ewwel dħul jew,*** fejn dan ikun preżenti legalment fi Stat Membru, hu għandu jagħmel l-applikazzjoni tiegħu f'dak l-Istat Membru kif previst fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin).	1. L-applikant għandu jagħmel l-applikazzjoni tiegħu fl-Istat Membru ***determinat bħala responsabbli b'mod konformi mar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin).*** Fejn dan ikun preżenti legalment fi Stat Membru, hu għandu jagħmel l-applikazzjoni tiegħu f'dak l-Istat Membru kif previst fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu konformi mar-Regolament ta' Dublin u jqisu l-possibilità li jiġi xkattat il-mekkaniżmu tal-allokazzjoni awtomizzata.

Emenda 568
Miltiadis Kyrkos

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-applikant għandu jagħmel l-applikazzjoni tiegħu fl-Istat Membru tal-ewwel dħul jew, fejn dan ikun preżenti legalment fi Stat Membru, hu għandu jagħmel l-applikazzjoni tiegħu f'dak l-Istat Membru kif previst fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin).	1. L-applikant għandu jagħmel ***u jippreżenta*** l-applikazzjoni tiegħu fl-Istat Membru tal-ewwel dħul jew, fejn dan ikun preżenti legalment fi Stat Membru, hu għandu jagħmel l-applikazzjoni tiegħu f'dak l-Istat Membru kif previst fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin).

Or. en

Emenda 569
Elissavet Vozemberg-Vrionidi

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-applikant għandu jagħmel l-applikazzjoni tiegħu fl-Istat Membru tal-ewwel dħul jew, fejn dan ikun preżenti legalment fi Stat Membru, hu għandu jagħmel l-applikazzjoni tiegħu f'dak l-Istat Membru kif previst fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin).	1. L-applikant għandu jagħmel ***u jippreżenta*** l-applikazzjoni tiegħu fl-Istat Membru tal-ewwel dħul jew, fejn dan ikun preżenti legalment fi Stat Membru, hu għandu jagħmel l-applikazzjoni tiegħu f'dak l-Istat Membru kif previst fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din il-formulazzjoni tikkorrispondi għad-definizzjoni ta' meta wieħed jagħmel applikazzjoni.

Emenda 570
Filiz Hyusmenova

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-applikant għandu jikkoopera mal-awtoritajiet responsabbli sabiex dawn jistabbilixxu l-identità tiegħu kif ukoll biex jirreġistraw l-applikazzjoni, jippermettu l-preżentazzjoni tagħha u jeżaminawha billi:	***imħassar***
(a) jipprovdi d-dejta msemmija fil-punti (a) u (b) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 27(1);	
(b) jipprovdi l-marki tas-swaba' u l-immaġni tal-wiċċ kif imsemmi fir-Regolament (UE) XXX/XXX (Ir-Regolament Eurodac).35	
(c) jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu skont l-Artikolu 28 fil-limitu ta' żmien stabbilit u jippreżenta l-elementi kollha għad-dispożizzjoni tiegħu biex jissostanzja l-applikazzjoni tiegħu;	
(d) jagħti dokumenti fil-pussess tiegħu rilevanti għall-eżami tal-applikazzjoni.	

35 ĠU L […], […], p. […].

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tirrigwarda l-modifika tal-Artikolu 7(1).

Emenda 571

Emil Radev

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***L-applikant għandu jikkoopera*** mal-awtoritajiet responsabbli sabiex dawn jistabbilixxu l-identità ***tiegħu*** kif ukoll biex jirreġistraw l-applikazzjoni, jippermettu l-preżentazzjoni tagħha u jeżaminawha billi:	2. ***Meta persuna tapplika għal protezzjoni internazzjonali hija għandha tikkoopera*** mal-awtoritajiet responsabbli sabiex dawn jistabbilixxu l-identità ***tagħha*** kif ukoll biex jirreġistraw l-applikazzjoni, jippermettu l-preżentazzjoni tagħha u jeżaminawha billi:

Or. bg

Emenda 572
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-applikant għandu jikkoopera mal-awtoritajiet responsabbli sabiex dawn jistabbilixxu l-identità tiegħu kif ukoll biex jirreġistraw l-applikazzjoni, jippermettu l-preżentazzjoni tagħha u jeżaminawha billi:	2. L-applikant għandu jikkoopera mal-awtoritajiet responsabbli ***fil-kwistjonijiet kollha koperti minn dan ir-Regolament*** sabiex dawn jistabbilixxu l-identità tiegħu kif ukoll biex jirreġistraw l-applikazzjoni, jippermettu l-preżentazzjoni tagħha u jeżaminawha billi:

Or. en

Emenda 573
Alessandra Mussolini, Salvatore Domenico Pogliese

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-applikant għandu jikkoopera mal-awtoritajiet responsabbli sabiex dawn	2. L-applikant għandu ***jkun marbut li*** jikkoopera mal-awtoritajiet responsabbli

jistabbilixxu l-identità tiegħu kif ukoll biex jirreġistraw l-applikazzjoni, jippermettu l-preżentazzjoni tagħha u jeżaminawha billi:	sabiex dawn jistabbilixxu l-identità tiegħu kif ukoll biex jirreġistraw l-applikazzjoni, jippermettu l-preżentazzjoni tagħha u jeżaminawha billi:

Or. en

Emenda 574
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jipprovdi l-marki tas-swaba' u l-immaġni tal-wiċċ kif imsemmi fir-Regolament (UE) XXX/XXX (Ir-Regolament Eurodac).35	***imħassar***
35 ĠU L […], […], p. […].	

Or. en

Emenda 575
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jipprovdi ***l-marki tas-swaba' u l-immaġni tal-wiċċ*** kif imsemmi fir-Regolament (UE) XXX/XXX (Ir-Regolament Eurodac).[35]	(b) jipprovdi ***d-data bijometrika*** kif imsemmi fir-Regolament (UE) XXX/XXX (Ir-Regolament Eurodac).[35]
[35] ĠU L […], […], p. […].	[35] ĠU L […], […], p. […].

Or. en

Emenda 576
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu skont l-Artikolu 28 ***fil-limitu ta' żmien stabbilit*** u jippreżenta l-elementi kollha għad-dispożizzjoni tiegħu biex jissostanzja l-applikazzjoni tiegħu;	(c) jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu skont l-Artikolu 28 u jippreżenta l-elementi kollha għad-dispożizzjoni tiegħu biex jissostanzja l-applikazzjoni tiegħu;

Or. en

Emenda 577
Péter Niedermüller, Josef Weidenholzer, Ana Gomes, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu skont l-Artikolu 28 ***fil-limitu ta' żmien stabbilit*** u jippreżenta l-elementi kollha għad-dispożizzjoni tiegħu biex jissostanzja l-applikazzjoni tiegħu;	(c) jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu skont l-Artikolu 28 u jippreżenta l-elementi kollha għad-dispożizzjoni tiegħu ***li jistgħu jgħinu*** biex jissostanzja l-applikazzjoni tiegħu;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-limitu ta' żmien huwa stabbilit fl-Artikolu 28, soġġett għal ċerti kundizzjonijiet. Għalhekk, referenza sempliċi għall-Artikolu 28 hija biżżejjed u aktar xierqa hawnhekk. Jidher ċar li mhux l-applikanti kollha se jkollhom l-elementi kollha għad-dispożizzjoni tagħhom biex jissostanzjaw l-applikazzjoni tagħhom.

Emenda 578
Monika Hohlmeier, Heinz K. Becker

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) jekk mitlub, jipprovdi valutazzjoni tal-età stabbilita permezz ta' eżami mediku użat biex tiġi determinata l-età ta' minorenni b'mod konformi mal-Artikolu 24.

Or. en

Emenda 579
Péter Niedermüller, Ana Gomes, Josef Weidenholzer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***jagħti dokumenti*** fil-pussess tiegħu rilevanti għall-eżami tal-applikazzjoni.	(d) ***jippermetti lill-awtoritajiet responsabbli jeżaminaw u jagħmlu kopji tad-dokumenti*** fil-pussess tiegħu rilevanti għall-eżami tal-applikazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-applikant jenħtieġ li ma jkunx mistenni jagħti d-dokumenti personali jew id-dokumenti tal-ivvjaġġar kollha tiegħu lill-awtoritajiet. Jenħtieġ li jkunu jistgħu jeżaminaw u jikkupjaw dawn id-dokumenti iżda l-applikant jenħtieġ li ma jiġix imġiegħel li jagħtihom.

Emenda 580
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jagħti dokumenti fil-pussess tiegħu rilevanti għall-eżami tal-applikazzjoni.	(d) jagħti dokumenti***, jew kopji tagħhom,*** fil-pussess tiegħu rilevanti għall-eżami tal-applikazzjoni.

Or. en

Emenda 581
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fejn applikant jirrifjuta li jikkoopera billi ma jipprovdix id-dettalji neċessarji għall-eżami tal-applikazzjoni u billi ma jipprovdix il-marki tas-swaba' tiegħu u l-immaġni tal-wiċċ, u l-awtoritajiet responsabbli jkunu infurmaw sew lil dik il-persuna dwar l-obbligi tagħha u jkunu żguraw li dik il-persuna kellha opportunità effettiva biex tikkonforma ma' dawk l-obbligi, l-applikazzjoni tiegħu għandha tkun irrifjutata bħala abbandunata skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 39.	3. Fejn applikant jirrifjuta li jikkoopera billi ma jipprovdix id-dettalji neċessarji għall-eżami tal-applikazzjoni u billi ma jipprovdix il-marki tas-swaba' tiegħu u l-immaġni tal-wiċċ, ***jew iqarraq lill-awtoritajiet billi jippreżenta informazzjoni jew dokumenti foloz jew billi jżomm għalih informazzjoni jew dokumenti rilevanti fir-rigward tal-identità jew in-nazzjonalità tiegħu li jista' jkollhom impatt negattiv fuq id-deċiżjoni,*** u l-awtoritajiet responsabbli jkunu infurmaw sew lil dik il-persuna dwar l-obbligi tagħha u jkunu żguraw li dik il-persuna kellha opportunità effettiva biex tikkonforma ma' dawk l-obbligi, l-applikazzjoni tiegħu għandha tkun irrifjutata bħala abbandunata skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 39.

Or. ro

Emenda 582
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fejn applikant jirrifjuta li jikkoopera billi ma jipprovdix id-dettalji ***neċessarji għall-eżami tal-applikazzjoni u***	3. Fejn applikant jirrifjuta li jikkoopera billi ma jipprovdix id-dettalji ***msemmija fil-punti (a) u (b) tal-ewwel***

billi ma jipprovdix il-marki tas-swaba' tiegħu u l-immaġni tal-wiċċ, u l-awtoritajiet responsabbli jkunu infurmaw sew lil dik il-persuna dwar l-obbligi tagħha u jkunu żguraw li dik il-persuna kellha opportunità effettiva biex tikkonforma ma' dawk l-obbligi, l-applikazzjoni tiegħu ***għandha tkun irriffjutata bħala abbandunata*** skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 39.

paragrafu tal-Artikolu 27(1), u l-awtoritajiet responsabbli jkunu infurmaw sew lil dik il-persuna dwar l-obbligi tagħha u ***l-konsegwenzi li jirriżultaw minn dawk l-obbligi u*** jkunu żguraw li dik il-persuna kellha opportunità effettiva biex tikkonforma ma' dawk l-obbligi, l-applikazzjoni tiegħu ***tista' titwaqqaf*** skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 39. ***Kwalunkwe użu ta' forza fit-teħid tal-marki tas-swaba' jew tal-immaġnijiet tal-wiċċ huwa pprojbit u penalizzat.***

Or. en

Emenda 583
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fejn applikant jirrifjuta li jikkoopera billi ma jipprovdix id-dettalji ***neċessarji*** għall-eżami tal-applikazzjoni ***u billi ma jipprovdix il-marki tas-swaba' tiegħu u l-immaġni tal-wiċċ***, u l-awtoritajiet responsabbli jkunu infurmaw sew lil dik il-persuna dwar l-obbligi tagħha u jkunu żguraw li dik il-persuna kellha opportunità effettiva biex tikkonforma ma' dawk l-obbligi, l-applikazzjoni tiegħu ***għandha tkun irriffjutata bħala abbandunata skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 39***.	3. Fejn applikant jirrifjuta li jikkoopera billi ma jipprovdix id-dettalji ***msemmija f'din id-Direttiva*** għall-eżami tal-applikazzjoni, u l-awtoritajiet responsabbli jkunu infurmaw sew lil dik il-persuna dwar l-obbligi tagħha u ***l-konsegwenzi li jirriżultaw minn dawn l-obbligi u*** jkunu żguraw li dik il-persuna kellha opportunità effettiva biex tikkonforma ma' dawk l-obbligi, l-applikazzjoni tiegħu ***se tiġi sospiża sakemm tiġi pprovduta l-informazzjoni meħtieġa***. ***Kwalunkwe użu ta' forza fil-ġbir tal-informazzjoni għandu jiġi pprojbit u penalizzat.***

Or. en

Emenda 584
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fejn applikant jirrifjuta li jikkoopera billi ma jipprovdix id-dettalji ***neċessarji għall-eżami tal-applikazzjoni u billi ma jipprovdix il-marki tas-swaba' tiegħu u l-immaġni tal-wiċċ, u l-awtoritajiet responsabbli jkunu infurmaw sew lil dik il-persuna dwar l-obbligi tagħha u jkunu żguraw li dik il-persuna kellha opportunità effettiva biex tikkonforma ma' dawk l-obbligi,*** l-applikazzjoni tiegħu għandha tkun irrifjutata bħala abbandunata skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 39.	3. Fejn applikant ***ikun ġie infurmat sew mill-awtoritajiet responsabbli dwar l-obbligi tiegħu msemmija f'dan ir-Regolament u l-konsegwenzi li jirriżultaw min-nuqqas ta' sodisfazzjoni ta' dawn l-obbligi, u*** jirrifjuta li jikkoopera billi ma jipprovdix id-dettalji ***msemmija fil-punti (a) u (b) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 27(1) jew ma jikkonformax mal-proċess tat-teħid tad-data bijometrika***, l-applikazzjoni tiegħu għandha tkun irrifjutata bħala abbandunata skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 39.

Or. en

Emenda 585
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fejn applikant jirrifjuta li jikkoopera billi ma jipprovdix id-dettalji neċessarji għall-eżami tal-applikazzjoni u billi ma jipprovdix il-marki tas-swaba' tiegħu u l-immaġni tal-wiċċ, u l-awtoritajiet responsabbli jkunu infurmaw sew lil dik il-persuna dwar l-obbligi tagħha u jkunu żguraw li dik il-persuna kellha opportunità effettiva biex tikkonforma ma' dawk l-obbligi, ***l-applikazzjoni tiegħu għandha tkun irrifjutata bħala abbandunata skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 39***.	3. Fejn applikant jirrifjuta li jikkoopera billi ma jipprovdix id-dettalji neċessarji għall-eżami tal-applikazzjoni u billi ma jipprovdix il-marki tas-swaba' tiegħu u l-immaġni tal-wiċċ, u l-awtoritajiet responsabbli jkunu infurmaw sew lil dik il-persuna dwar l-obbligi tagħha u jkunu żguraw li dik il-persuna kellha opportunità effettiva biex tikkonforma ma' dawk l-obbligi, ***dan m'għandux iwaqqaf lill-awtorità determinati milli tieħu deċiżjoni dwar applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

In-nuqqas ta' kooperazzjoni jenħtieġ li ma jkunx kriterju biex applikazzjoni tiġi kkunsidrata bħala abbandunata peress li d-determinazzjoni ta' dak li jista' jikkostitwixxi nuqqas ta' kooperazzjoni hija vaga wisq, in-nuqqas ta' applikant li jipprovdi l-informazzjoni neċessarja jenħtieġ madankollu li ma jwaqqafx lill-awtorità determinanti milli tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni.

Emenda 586
Monika Hohlmeier, Heinz K. Becker

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fejn applikant jirrifjuta li jikkoopera billi ma jipprovdix id-dettalji neċessarji għall-eżami tal-applikazzjoni u billi ma jipprovdix il-marki tas-swaba' tiegħu u l-immaġni tal-wiċċ, u l-awtoritajiet responsabbli jkunu infurmaw sew lil dik il-persuna dwar l-obbligi tagħha u jkunu żguraw li dik il-persuna kellha opportunità effettiva biex tikkonforma ma' dawk l-obbligi, l-applikazzjoni tiegħu ***għandha*** tkun irrifjutata bħala abbandunata skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 39.	3. Fejn applikant jirrifjuta li jikkoopera billi ma jipprovdix id-dettalji neċessarji għall-eżami tal-applikazzjoni u billi ma jipprovdix il-marki tas-swaba' tiegħu u l-immaġni tal-wiċċ, u l-awtoritajiet responsabbli jkunu infurmaw sew lil dik il-persuna dwar l-obbligi tagħha u jkunu żguraw li dik il-persuna kellha opportunità effettiva biex tikkonforma ma' dawk l-obbligi, l-applikazzjoni tiegħu ***trid*** tkun irrifjutata bħala abbandunata skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 39.

Or. en

Emenda 587
Péter Niedermüller, Ana Gomes, Josef Weidenholzer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fejn applikant jirrifjuta li jikkoopera ***billi ma jipprovdix id-dettalji neċessarji għall-eżami tal-applikazzjoni u billi ma jipprovdix il-marki tas-swaba' tiegħu u l-immaġni tal-wiċċ***, u l-	3. Fejn applikant jirrifjuta li jikkoopera ***b'mod konformi mal-paragrafu 2***, u l-awtoritajiet responsabbli jkunu infurmaw sew lil dik il-persuna dwar l-obbligi tagħha u ***l-konsegwenzi li wieħed***

awtoritajiet responsabbli jkunu infurmaw sew lil dik il-persuna dwar l-obbligi tagħha u jkunu żguraw li dik il-persuna kellha opportunità effettiva biex tikkonforma ma' dawk l-obbligi, l-applikazzjoni tiegħu ***għandha*** tkun irrifjutata bħala ***abbandunata*** skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 39.	***jirrifjuta li jikkoopera u fejn l-awtoritajiet responsabbli*** jkunu żguraw li dik il-persuna kellha opportunità effettiva biex tikkonforma ma' dawk l-obbligi, l-applikazzjoni tiegħu ***tista'*** tkun irrifjutata bħala ***rtirata b'mod impliċitu*** skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 39.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-raġunijiet biex applikazzjoni tiġi kkunsidrata bħala rtirata b'mod impliċitu huma stabbiliti fl-Artikolu 39. Dan it-test itenni biss l-obbligu tal-applikant li jipprovdi informazzjoni b'mod konformi mal-paragrafu 2.

Emenda 588
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-applikant għandu jinforma lill-awtorità ***determinanti*** tal-Istat Membru fejn huwa meħtieġ li jkun preżenti dwar ***il-post tar-residenza*** jew l-indirizz ***tiegħu jew numru tat-telefon*** fejn jistgħu jikkuntattjawh l-awtorità ***determinanti*** jew awtoritajiet responsabbli oħra. Hu għandu jinnotifika lil dik l-awtorità determinanti bi kwalunkwe bidla. ***L-applikant għandu jaċċetta kull komunikazzjoni fl-aktar post ta' residenza jew indirizz reċenti li jkun indika, b'mod partikolari meta jippreżenta applikazzjoni skont l-Artikolu 28.***	4. L-applikant għandu jinforma lill-awtorità ***rilevanti*** tal-Istat Membru fejn huwa meħtieġ li jkun preżenti dwar ***in-numru tat-telefon*** jew l-indirizz ***tal-posta elettronika*** fejn jistgħu jikkuntattjawh l-awtorità ***rilevanti*** jew awtoritajiet responsabbli oħra. Hu għandu jinnotifika lil dik l-awtorità determinanti bi kwalunkwe bidla.

Or. en

Emenda 589
Péter Niedermüller, Elly Schlein, Cécile Kashetu Kyenge, Josef Weidenholzer, Ana Gomes, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-applikant għandu jinforma lill-awtorità determinanti tal-Istat Membru fejn huwa meħtieġ li jkun preżenti dwar il-post tar-residenza jew l-indirizz tiegħu jew numru tat-telefon fejn jistgħu jikkuntattjawh l-awtorità determinanti jew awtoritajiet responsabbli oħra. Hu għandu jinnotifika lil dik l-awtorità determinanti bi kwalunkwe bidla. ***L-applikant għandu jaċċetta kull komunikazzjoni fl-aktar post ta' residenza jew indirizz reċenti li jkun indika, b'mod partikolari meta jippreżenta applikazzjoni skont l-Artikolu 28.***	4. L-applikant għandu jinforma lill-awtorità determinanti tal-Istat Membru fejn huwa meħtieġ li jkun preżenti dwar il-post tar-residenza jew l-indirizz tiegħu jew numru tat-telefon ***jew indirizz tal-posta elettronika*** fejn jistgħu jikkuntattjawh l-awtorità determinanti jew awtoritajiet responsabbli oħra. Hu għandu jinnotifika lil dik l-awtorità determinanti bi kwalunkwe bidla.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Mhijiex kwistjoni li l-applikant jaċċetta korrispondenza fuq l-indirizz tiegħu. L-awtorità determinanti jenħtieġ li tfittex li tiżgura li l-korrispondenza kollha tasal għand l-applikant. Kwalunkwe tilwima li tirrigwarda l-korrispondenza dejjem tista' tiġi evalwata minn Qorti jekk ikun hemm appell dwar deċiżjoni fl-ewwel istanza.

Emenda 590
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-applikant għandu jinforma lill-awtorità determinanti tal-Istat Membru fejn huwa ***meħtieġ li jkun preżenti*** dwar il-post tar-residenza jew l-indirizz tiegħu jew numru tat-telefon fejn jistgħu jikkuntattjawh l-awtorità determinanti jew awtoritajiet responsabbli oħra. Hu għandu jinnotifika lil dik l-awtorità determinanti bi	4. L-applikant għandu jinforma lill-awtorità determinanti tal-Istat Membru fejn huwa ***rreġistra applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali*** dwar il-post tar-residenza jew l-indirizz tiegħu jew numru tat-telefon ***jew indirizz tal-posta elettronika*** fejn jistgħu jikkuntattjawh l-awtorità determinanti jew awtoritajiet

kwalunkwe bidla. L-applikant għandu jaċċetta kull komunikazzjoni fl-aktar post ta' residenza jew indirizz reċenti li jkun indika, b'mod partikolari meta jippreżenta applikazzjoni skont l-Artikolu 28.

responsabbli oħra. Hu għandu jinnotifika lil dik l-awtorità determinanti bi kwalunkwe bidla. L-applikant għandu jaċċetta kull komunikazzjoni fl-aktar post ta' residenza jew indirizz reċenti li jkun indika, b'mod partikolari meta jippreżenta applikazzjoni skont l-Artikolu 28.

Or. en

Emenda 591
Beatrix von Storch

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-applikant għandu jinforma lill-awtorità determinanti tal-Istat Membru fejn huwa meħtieġ li jkun preżenti dwar il-post tar-residenza jew l-indirizz tiegħu jew numru tat-telefon fejn jistgħu jikkuntattjawh l-awtorità determinanti jew awtoritajiet responsabbli oħra. Hu għandu jinnotifika lil dik l-awtorità determinanti bi kwalunkwe bidla. L-applikant għandu jaċċetta kull komunikazzjoni fl-aktar post ta' residenza jew indirizz reċenti li jkun indika, b'mod partikolari meta jippreżenta applikazzjoni skont l-Artikolu 28.	4. L-applikant għandu jinforma lill-awtorità determinanti tal-Istat Membru fejn huwa meħtieġ li jkun preżenti dwar il-post tar-residenza jew l-indirizz tiegħu jew numru tat-telefon fejn jistgħu jikkuntattjawh l-awtorità determinanti jew awtoritajiet responsabbli oħra. Hu għandu jinnotifika ***immedjatament*** lil dik l-awtorità determinanti bi kwalunkwe bidla. L-applikant għandu jaċċetta kull komunikazzjoni fl-aktar post ta' residenza jew indirizz reċenti li jkun indika, b'mod partikolari meta jippreżenta applikazzjoni skont l-Artikolu 28.

Or. en

Emenda 592
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini, Jean Lambert

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-applikant għandu jibqa' fit-territorju tal-Istat Membru fejn huwa meħtieġ li jkun preżenti skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin).	***imħassar***

Or. en

Emenda 593
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Jean Lambert, Judith Sargentini, Bodil Valero

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-applikant għandu jikkonforma mal-obbligi li jirrapporta b'mod regolari lill-awtoritajiet kompetenti jew li jidher quddiemhom personalment mingħajr dewmien jew f'ħin speċifiku jew li jibqa' f'żona indikata fit-territorju tagħhom skont id-Direttiva XXX/XXX/UE (id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza), kif impost mill-Istat Membru fejn huwa meħtieġ li jkun preżenti skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin).	***imħassar***

Or. en

Emenda 594
Emil Radev

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-applikant għandu jikkonforma	6. L-applikant għandu jikkonforma

mal-obbligi li jirrapporta b'mod regolari lill-awtoritajiet kompetenti jew li jidher quddiemhom personalment mingħajr dewmien jew f'ħin speċifiku jew li jibqa' f'żona indikata fit-territorju tagħhom skont id-Direttiva XXX/XXX/UE (id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza)***, kif impost mill-Istat Membru fejn huwa meħtieġ li jkun preżenti skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin)***.	mal-obbligi li jirrapporta b'mod regolari lill-awtoritajiet kompetenti jew li jidher quddiemhom personalment mingħajr dewmien jew f'ħin speċifiku jew li jibqa' f'żona indikata fit-territorju tagħhom skont id-Direttiva XXX/XXX/UE (id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza).

Or. bg

Emenda 595
Péter Niedermüller, Kati Piri, Ana Gomes, Josef Weidenholzer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-applikant għandu jikkonforma ***mal-obbligi*** li jirrapporta b'mod regolari lill-awtoritajiet kompetenti jew li jidher quddiemhom personalment mingħajr dewmien jew f'ħin speċifiku jew li jibqa' f'żona indikata fit-territorju tagħhom skont id-Direttiva XXX/XXX/UE (id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza), ***kif*** impost mill-Istat Membru fejn huwa meħtieġ li jkun preżenti skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin).	6. L-applikant għandu jikkonforma ***ma kwalunkwe obbligu*** li jirrapporta b'mod regolari lill-awtoritajiet kompetenti jew li jidher quddiemhom personalment mingħajr dewmien jew f'ħin speċifiku jew li jibqa' f'żona indikata fit-territorju tagħhom skont id-Direttiva XXX/XXX/UE (id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza), ***fejn dan l-obbligu jkun ġie*** impost mill-Istat Membru fejn huwa meħtieġ li jkun preżenti skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li jiġi ċċarat li ma jistax jiġi impost obbligu bħal dan fuq l-applikant.

Emenda 596
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-applikant għandu jikkonforma mal-obbligi li jirrapporta b'mod regolari lill-awtoritajiet kompetenti jew li jidher quddiemhom personalment mingħajr dewmien jew f'ħin speċifiku ***jew*** li jibqa' f'żona indikata fit-territorju tagħhom skont id-Direttiva XXX/XXX/UE (id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza), kif impost mill-Istat Membru fejn huwa meħtieġ li jkun preżenti skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin).	6. L-applikant għandu jikkonforma mal-obbligi li jirrapporta b'mod regolari lill-awtoritajiet kompetenti jew li jidher quddiemhom personalment mingħajr dewmien jew f'ħin speċifiku ***u*** li jibqa' f'żona indikata fit-territorju tagħhom skont id-Direttiva XXX/XXX/UE (id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza), kif impost mill-Istat Membru fejn huwa meħtieġ li jkun preżenti skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin).

Or. en

Emenda 597
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Fejn ikun meħtieġ għall-eżami ta' applikazzjoni, l-awtoritajiet responsabbli ***jistgħu*** jitolbu lill-applikant jissottometti ruħu għal tfittxija jew li ssir tfittxija fuq l-oġġetti fil-proprjetà tiegħu. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe tfittxija li saret għal raġunijiet ta' sigurtà, tfittxija fuq il-persuna tal-applikant skont dan ir-Regolament għandha ssir minn persuna tal-istess sess b'rispett sħiħ tal-prinċipji tad-dinjità tal-bniedem u tal-integrità fiżika u psikoloġika.	7. Fejn ikun meħtieġ għall-eżami ta' applikazzjoni, l-awtoritajiet responsabbli ***għandhom*** jitolbu lill-applikant jissottometti ruħu għal tfittxija jew li ssir tfittxija fuq l-oġġetti fil-proprjetà tiegħu***, inkluż il-kontenut ta' apparat elettroniku bħal smartphones, tablets u laptops***. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe tfittxija li saret għal raġunijiet ta' sigurtà, tfittxija fuq il-persuna tal-applikant skont dan ir-Regolament għandha ssir minn persuna tal-istess sess b'rispett sħiħ tal-prinċipji tad-dinjità tal-bniedem u tal-integrità fiżika u psikoloġika.

Or. en

Emenda 598
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Fejn ikun meħtieġ ***għall-eżami*** ta' applikazzjoni, l-awtoritajiet responsabbli jistgħu jitolbu lill-applikant jissottometti ruħu għal tfittxija jew li ssir tfittxija fuq l-oġġetti fil-proprjetà tiegħu. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe tfittxija li saret għal raġunijiet ta' sigurtà, tfittxija fuq il-persuna tal-applikant skont dan ir-Regolament għandha ssir minn persuna tal-istess sess b'rispett sħiħ tal-prinċipji tad-dinjità tal-bniedem u tal-integrità fiżika u psikoloġika.	7. Fejn ikun meħtieġ ***għall-ipproċessar*** ta' applikazzjoni, l-awtoritajiet responsabbli jistgħu***, b'mod konformi mal-leġiżlazzjoni nazzjonali u l-prinċipju tal-proporzjonalità,*** jitolbu lill-applikant jissottometti ruħu għal tfittxija jew li ssir tfittxija fuq l-oġġetti fil-proprjetà tiegħu. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe tfittxija li saret għal raġunijiet ta' sigurtà, tfittxija fuq il-persuna tal-applikant skont dan ir-Regolament għandha ssir minn persuna tal-istess sess b'rispett sħiħ tal-prinċipji tad-dinjità tal-bniedem u tal-integrità fiżika u psikoloġika.

Or. en

Emenda 599
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. ***Fejn ikun meħtieġ għall-eżami ta' applikazzjoni,*** l-awtoritajiet responsabbli jistgħu jitolbu lill-applikant jissottometti ruħu għal tfittxija jew li ssir tfittxija fuq l-oġġetti fil-proprjetà tiegħu***. Mingħajr preġudizzju*** għal ***kwalunkwe tfittxija li saret għal*** raġunijiet ta' sigurtà***,*** tfittxija fuq il-persuna tal-applikant skont dan ir-Regolament għandha ssir minn persuna tal-	7. L-awtoritajiet responsabbli jistgħu jitolbu lill-applikant jissottometti ruħu għal tfittxija jew li ssir tfittxija fuq l-oġġetti fil-proprjetà tiegħu għal raġunijiet ta' sigurtà ***biss.*** Tfittxija fuq il-persuna tal-applikant skont dan ir-Regolament għandha ssir minn persuna tal-istess sess b'rispett sħiħ tal-prinċipji tad-dinjità tal-bniedem u tal-integrità fiżika u psikoloġika.

istess sess b'rispett sħiħ tal-prinċipji tad-dinjità tal-bniedem u tal-integrità fiżika u psikoloġika.

Or. en

Emenda 600
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Fejn ikun meħtieġ għall-eżami ta' applikazzjoni, l-awtoritajiet responsabbli jistgħu jitolbu lill-applikant jissottometti ruħu għal tfittxija jew li ssir tfittxija fuq l-oġġetti fil-proprjetà tiegħu. ***Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe*** tfittxija ***li saret għal raġunijiet ta' sigurtà,*** tfittxija fuq il-persuna tal-applikant skont ***dan ir-Regolament*** għandha ssir minn persuna tal-istess sess b'rispett sħiħ tal-prinċipji tad-dinjità tal-bniedem u tal-integrità fiżika u psikoloġika.	7. Fejn ikun meħtieġ għall-eżami ta' applikazzjoni, l-awtoritajiet responsabbli jistgħu jitolbu lill-applikant jissottometti ruħu għal tfittxija jew li ssir tfittxija fuq l-oġġetti fil-proprjetà tiegħu. ***L-awtoritajiet responsabbli jeħtiġilhom jużaw*** tfittxija ***bħala l-aħħar soluzzjoni u jagħtu lill-applikant raġuni speċifika bil-miktub għat-tfittxija.*** Tfittxija fuq il-persuna tal-applikant skont ***din id-Direttiva*** għandha ssir minn persuna tal-istess sess b'rispett sħiħ tal-prinċipji tad-dinjità tal-bniedem u tal-integrità fiżika u psikoloġika.

Or. en

Emenda 601
Elissavet Vozemberg-Vrionidi

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Fejn ikun meħtieġ għall-eżami ta' applikazzjoni, l-awtoritajiet responsabbli jistgħu jitolbu lill-applikant jissottometti ruħu għal tfittxija jew li ssir tfittxija fuq l-oġġetti fil-proprjetà tiegħu. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe tfittxija li	7. Fejn ikun meħtieġ għall-eżami ta' applikazzjoni, l-awtoritajiet responsabbli jistgħu jitolbu lill-applikant jissottometti ruħu għal tfittxija jew li ssir tfittxija fuq l-oġġetti fil-proprjetà tiegħu ***b'mod konformi mal-liġi nazzjonali***. Mingħajr

saret għal raġunijiet ta' sigurtà, tfittxija fuq il-persuna tal-applikant skont dan ir-Regolament għandha ssir minn persuna tal-istess sess b'rispett sħiħ tal-prinċipji tad-dinjità tal-bniedem u tal-integrità fiżika u psikoloġika.	preġudizzju għal kwalunkwe tfittxija li saret għal raġunijiet ta' sigurtà, tfittxija fuq il-persuna tal-applikant skont dan ir-Regolament għandha ssir minn persuna tal-istess sess b'rispett sħiħ tal-prinċipji tad-dinjità tal-bniedem u tal-integrità fiżika u psikoloġika.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-ħtieġa li jiġu rrispettati d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi nazzjonali.

Emenda 602
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar, Filiz Hyusmenova

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-Aġenzija Ewropea għall-Asil għandha, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-aġenziji nazzjonali responsabbli u b'mod komplementari għall-materjal tal-informazzjoni pprovdut skont ir-Regolament XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin), tfassal materjal ta' informazzjoni komuni li jkun fih tal-inqas l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Il-materjal ta' informazzjoni komuni għandu jiġi stabbilit b'tali mod li jippermetti lill-Istati Membri jimlewh b'informazzjoni addizzjonali speċifika għall-Istat Membru. L-Aġenzija Ewropea għall-Asil għandha toħloq materjal ta' informazzjoni speċifiku li jkun immirat b'mod partikolari għall-gruppi fil-mira li ġejjin: ***a) applikanti adulti, b'attenzjoni speċifika għal applikanti nisa u vulnerabbli;*** ***b) minorenni mhux akkompanjati;*** ***c) minorenni akkompanjati.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa kruċjali li l-applikanti kollha jiġu infurmati b'mod xieraq dwar il-proċeduri li se jgħaddu minnhom. L-armonizzazzjoni tal-għoti ta' informazzjoni filwaqt li jiġi żgurat li l-ispeċifiċitajiet nazzjonali jistgħu jiġu inkorporati u spjegati se tkompli ssaħħaħ is-SEKA. Għalkemm l-EUAA tidher li hija l-koordinatur loġiku u l-forza li tmexxi fl-iżvilupp ta' dawn il-materjali, ikun kruċjali wkoll li jiġu involuti l-awtoritajiet nazzjonali li se jużaw l-informazzjoni fil-prattika.

Emenda 603
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Jean Lambert, Bodil Valero, Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-applikanti għandu jkollhom id-dritt għal assistenza legali u rappreżentanza mingħajr ħlas fl-istadji kollha tal-proċedura skont it-Taqsima III ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 604
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Jean Lambert, Bodil Valero, Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. L-applikanti għandhom ikunu garantiti d-dritt għal intervista sostantiva dwar l-applikazzjoni tagħhom b'mod konformi mal-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament u, fejn applikabbli, id-dritt għal intervista dwar l-ammissibilità b'mod konformi mal-Artikolu 10 ta' dan ir-

Regolament.

Or. en

Emenda 605
Péter Niedermüller, Marju Lauristin, Josef Weidenholzer, Ana Gomes, Cécile Kashetu Kyenge, Elly Schlein, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorità ***determinanti*** għandha tinforma ***lill-applikanti***, ***f'ilsein*** li jifhmu jew li huma mistennija b'mod raġonevoli li jifhmu, dwar dan li ġej:	L-awtorità ***responsabbli*** għandha tinforma ***lill-applikant***, ***f'ilsien*** li jifhmu jew li huma mistennija b'mod raġonevoli li jifhmu, ***b'mod konċiż, trasparenti, intelliġibbli u aċċessibbli faċilment u b'lingwaġġ ċar u sempliċi,*** dwar dan li ġej:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din hija l-formulazzjoni użata wkoll fl-Artikolu 7(8) tal-pożizzjoni tal-Parlament fid-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza.

Emenda 606
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Jean Lambert, Judith Sargentini, Bodil Valero

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorità ***determinanti*** għandha tinforma ***lill-applikanti***, ***f'ilsein*** li jifhmu ***jew li huma mistennija*** b'mod ***raġonevoli li jifhmu***, dwar dan li ġej:	L-awtorità ***responsabbli*** għandha tinforma ***lill-applikant***, ***f'ilsien*** li jifhmu***,*** b'mod ***konċiż***, ***trasparenti, intelliġibbli u aċċessibbli faċilment u b'lingwaġġ ċar u sempliċi,*** dwar dan li ġej:

Or. en

Emenda 607
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorità ***determinanti*** għandha tinforma ***lill-applikanti***, ***f'ilsein*** li jifhmu ***jew li huma mistennija*** b'mod ***raġonevoli li jifhmu***, dwar dan li ġej:	L-awtorità ***responsabbli*** għandha tinforma ***lill-applikant***, ***f'ilsien*** li jifhmu***,*** b'mod ***konċiż, trasparenti, intelliġibbli u aċċessibbli faċilment u b'lingwaġġ ċar u sempliċi,*** dwar dan li ġej:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kjarifika sabiex jittejjeb il-fehim tas-SEKA fost l-applikanti.

Emenda 608
Monika Hohlmeier, Heinz K. Becker

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorità determinanti għandha tinforma lill-applikanti, ***f'ilsein*** li jifhmu jew li huma mistennija b'mod raġonevoli li jifhmu, dwar dan li ġej:	L-awtorità determinanti għandha tinforma lill-applikanti, ***f'ilsien*** li jifhmu jew li huma mistennija b'mod raġonevoli li jifhmu, ***u fejn possibbli b'lingwaġġ sempliċi,*** dwar dan li ġej:

Or. en

Emenda 609
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorità ***determinanti*** għandha tinforma ***lill-applikanti***, ***f'ilsein*** li jifhmu ***jew li huma mistennija*** b'mod ***raġonevoli li jifhmu***, dwar dan li ġej:	L-awtorità ***responsabbli*** għandha tinforma ***lill-applikant***, ***f'ilsien*** li jifhmu***,*** b'mod ***konċiż u aċċessibbli faċilment u b'lingwaġġ ċar u sempliċi***, dwar dan li ġej:

Or. en

Emenda 610
Péter Niedermüller, Birgit Sippel, Marju Lauristin, Cécile Kashetu Kyenge, Elly Schlein, Ana Gomes, Josef Weidenholzer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) id-dritt għal assistenza legali għall-preżentazzjoni tal-applikazzjoni individwali, inkluża l-possibilità ta' assistenza legali mingħajr ħlas b'mod konformi mal-Artikolu 15;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa kruċjali li jiġi żgurat li l-applikant għandu d-dritt għal assistenza u rappreżentanza legali sabiex titħejja l-preżentazzjoni tal-applikazzjoni tiegħu.

Emenda 611
Péter Niedermüller, Josef Weidenholzer, Ana Gomes, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) id-drittijiet u l-obbligi tagħhom matul il-proċedura***, inkluż l-obbligu li jibqgħu fit-territorju tal-Istat Membru fejn huma meħtieġa li jkunu preżenti skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX***	(c) id-drittijiet u l-obbligi tagħhom matul il-proċedura;

(ir-Regolament ta' Dublin);

Or. en

Ġustifikazzjoni

Hawnhekk, ir-referenza għar-Regolament ta' Dublin hija superfluwa. Hemm numru ta' drittijiet li l-applikant igawdi u obbligi imposti fuq l-applikant. Ma nsemmux oħrajn hawnhekk.

Emenda 612
Emil Radev

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt в

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) id-drittijiet u l-obbligi tagħhom matul il-proċedura***, inkluż l-obbligu li jibqgħu fit-territorju tal-Istat Membru fejn huma meħtieġa li jkunu preżenti skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin)***;	(c) id-drittijiet u l-obbligi tagħhom matul il-proċedura;

Or. bg

Emenda 613
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) id-drittijiet u l-obbligi tagħhom matul il-proċedura, ***inkluż l-obbligu li jibqgħu fit-territorju tal-Istat Membru fejn huma meħtieġa li jkunu preżenti*** skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin);	(c) id-drittijiet u l-obbligi tagħhom matul il-proċedura, ***inklużi dawk*** skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin);

Or. en

Emenda 614
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Jean Lambert, Judith Sargentini, Bodil Valero

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) id-drittijiet u l-obbligi tagħhom matul il-proċedura, inkluż ***l-obbligu li jibqgħu fit-territorju tal-Istat Membru fejn huma meħtieġa li jkunu preżenti*** skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin);	(c) id-drittijiet u l-obbligi tagħhom matul il-proċedura, inkluż ***id-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja u proċeduri*** skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin);

Or. en

Emenda 615
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) id-drittijiet u l-obbligi tagħhom matul il-proċedura, inkluż ***l-obbligu li jibqgħu fit-territorju tal-Istat*** Membru ***fejn huma meħtieġa li jkunu preżenti*** skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin);	(c) id-drittijiet u l-obbligi tagħhom matul il-proċedura, inkluż ***id-dritt li jerġgħu jingħaqdu ma' membri tal-familja preżenti fi Stat*** Membru ***ieħor*** skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin);

Or. en

Emenda 616
Péter Niedermüller, Ana Gomes, Josef Weidenholzer, Caterina Chinnici, Elly Schlein, Cécile Kashetu Kyenge

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) ***il-perjodu*** ta' żmien ***tal-proċedura***;	(e) ***kwalunkwe limitu*** ta' żmien ***li huwa meħtieġ li jirrispetta u l-limiti ta' żmien li l-awtoritajiet responsabbli huma meħtieġa jirrispettaw***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minħabba li l-iskadenzi imposti għandhom implikazzjonijiet għall-applikant, huwa importanti li l-applikant jiġi infurmat dwar l-iskadenzi li huwa mistenni jirrispetta. Bl-istess mod, sabiex l-applikant jifhem li l-awtoritajiet għandhom l-iskadenzi wkoll, l-applikant jenħtieġ li jiġi infurmat bl-iskadenzi li jridu jirrispettaw.

Emenda 617
Péter Niedermüller, Birgit Sippel, Marju Lauristin, Elly Schlein, Cécile Kashetu Kyenge, Ana Gomes, Josef Weidenholzer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) il-mezzi għad-dispożizzjoni tagħhom biex jissodisfaw l-obbligu li jippreżentaw l-elementi msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Kwalifika);	(f) il-mezzi għad-dispożizzjoni tagħhom biex jissodisfaw l-obbligu li jippreżentaw l-elementi msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Kwalifika) ***inkluż id-dritt għal assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas***;

Or. en

Emenda 618
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(g) il-konsegwenzi għal irtirar espliċitu jew impliċitu tal-applikazzjoni;	(g) il-konsegwenzi għal irtirar espliċitu jew impliċitu tal-applikazzjoni ***jew it-twaqqif tagħha***;

Or. en

Emenda 619
Elissavet Vozemberg-Vrionidi

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) ir-riżultat tad-deċiżjoni tal-awtorità determinanti, ir-raġunijiet ***għal dik id-deċiżjoni***, kif ukoll il-konsegwenza għal deċiżjoni li tirrifjuta li tagħti protezzjoni internazzjonali u l-mod kif wieħed jista' jikkontesta tali deċiżjoni.	(h) ir-riżultat tad-deċiżjoni tal-awtorità determinanti, ir-raġunijiet ***għar-rifjut tal-applikazzjoni***, kif ukoll il-konsegwenza għal deċiżjoni li tirrifjuta li tagħti protezzjoni internazzjonali u l-mod kif wieħed jista' jikkontesta tali deċiżjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fil-każ ta' deċiżjoni li tirrikonoxxi rifuġjat, l-A.S. m'għandux jgħaddi r-raġunijiet sħaħ lir-rifuġjat, minħabba l-fatt li dan ir-raġunament jista' jiġi sfruttat b'mod abużiv minn applikanti oħra, li jwassal għall-ħolqien ta' każijiet simili/l-istess. Madankollu, fil-każ ta' deċiżjoni li tirrikonoxxi applikant eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, jenħtieġ li jingħata r-raġunament sħiħ lill-applikant, minħabba li dan jitqies bħala deċiżjoni parzjalment negattiva u l-applikant jenħtieġ li jkun konxju dwar ir-raġunament kollu sabiex jappella d-deċiżjonijiet.

Emenda 620
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) ir-riżultat tad-deċiżjoni tal-awtorità determinanti, ir-raġunijiet għal dik id-deċiżjoni, kif ukoll il-konsegwenza għal	(h) ir-riżultat tad-deċiżjoni tal-awtorità determinanti, ir-raġunijiet għal dik id-deċiżjoni, kif ukoll il-konsegwenza għal

deċiżjoni li tirrifjuta li tagħti protezzjoni internazzjonali u l-mod kif wieħed jista' jikkontesta tali deċiżjoni.	deċiżjoni li tirrifjuta li tagħti protezzjoni internazzjonali u ***l-iskadenzi u*** l-mod kif wieħed jista' jikkontesta tali deċiżjoni.

Or. en

Emenda 621
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt ha (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ha) id-dritt li jirċievu parir legali mingħajr ħlas u li jikkuntattjaw lil NGOs rilevanti.

Or. en

Emenda 622
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-informazzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu għandha ***tingħata fil-ħin adattat*** biex l-applikanti jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet garantiti f'dan ir-Regolament u jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 7.	L-informazzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu għandha ***tiġi pprovduta malli tiġi rreġistrata l-applikazzjoni*** biex l-applikanti jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet garantiti f'dan ir-Regolament u jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 7. ***L-informazzjoni għandha tiġi pprovduta kemm bil-miktub kif ukoll bil-fomm, fejn xieraq bl-appoġġ ta' tagħmir multimedjali. L-informazzjoni bil-fomm tista' tingħata f'sessjonijiet individwali jew inkella fi grupp u l-applikanti għandu jkollhom il-possibilità li jistaqsu mistoqsijiet dwar il-passi proċedurali li huma mistennija jsegwu fir-rigward tal-proċess li bih jiġi ddeterminat Stat***

Membru responsabbli skont dan ir-Regolament. Fil-każ tal-minorenni, l-informazzjoni għandha tingħata b'mod adattat għat-tfal minn persunal imħarreġ b'mod xieraq u bl-involviment tal-kustodju.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kjarifiki dwar id-drittijiet ta' informazzjoni sabiex jiġu riflessi xi wħud mir-rekwiżiti fir-Regolament ta' Dublin.

Emenda 623
Péter Niedermüller, Marju Lauristin, Caterina Chinnici, Ana Gomes, Josef Weidenholzer, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-informazzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu għandha tingħata fil-ħin adattat biex l-applikanti jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet garantiti f'dan ir-Regolament u jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 7.	L-informazzjoni ***kollha*** msemmija fl-ewwel paragrafu għandha tingħata fil-ħin adattat biex l-applikanti jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet garantiti f'dan ir-Regolament u jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 7. ***L-informazzjoni msemmija fil-punti (a) sa (g) għandha tingħata lill-applikant fil-mument meta tiġi rreġistrata l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li l-applikant jiġi infurmat dwar l-obbligi tiegħu mill-aktar fis possibbli fil-proċedura. Billi l-applikant huwa meħtieġ li jkun preżenti għar-reġistrazzjoni, dan jirrappreżenta opportunità tajba għall-awtoritajiet tal-Istat Membru biex jinfurmawh dwar dawk l-obbligi.

Emenda 624
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-informazzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu għandha tingħata ***fil-ħin adattat*** biex l-applikanti jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet garantiti ***f'dan ir-Regolament*** u jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 7.	L-informazzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu għandha tingħata ***meta tiġi rreġistrata l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, u fi kwalunkwe każ qabel l-intervista personali,*** biex l-applikanti jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet garantiti ***f'din id-Direttiva*** u jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 7.

Or. en

Emenda 625
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-informazzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu għandha tingħata ***fil-ħin adattat*** biex l-applikanti jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet garantiti f'dan ir-Regolament u jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 7.	L-informazzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu għandha tingħata ***meta ssir applikazzjoni u mhux aktar tard minn meta tiġi rreġistrata l-applikazzjoni*** biex l-applikanti jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet garantiti f'dan ir-Regolament u jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 7.

Or. en

Emenda 626
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Jean Lambert, Judith Sargentini, Bodil Valero

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. It-tfal għandhom jiġu pprovduti b'informazzjoni b'mod adattat għat-tfal u b'ilsien li jifhmu minn persunal imħarreġ b'mod xieraq.

Or. en

Emenda 627
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-awtorità determinanti għandha tipprovdi lill-applikanti bis-servizzi ta' interpretu sabiex jippreżentaw il-każ tagħhom lill-awtorità determinanti kif ukoll lill-qrati jew lit-tribunali fejn ma tistax tkun żgurata komunikazzjoni xierqa mingħajr dawn is-servizzi. Is-servizzi ta' interpretazzjoni għandhom jitħallsu minn fondi pubbliċi.	3. L-awtorità determinanti għandha tipprovdi lill-applikanti bis-servizzi ta' interpretu sabiex jippreżentaw il-każ tagħhom lill-awtorità determinanti kif ukoll lill-qrati jew lit-tribunali fejn ma tistax tkun żgurata komunikazzjoni xierqa mingħajr dawn is-servizzi. Is-servizzi ta' interpretazzjoni għandhom jitħallsu minn fondi pubbliċi. ***Dan għandu jseħħ anke meta l-applikanti jkunu jinsabu fiċ-ċentri ta' detenzjoni jew li jinsabu f'punti ta' qsim tal-fruntieri.***

Or. en

Emenda 628
Beatrix von Storch

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-awtorità determinanti għandha tipprovdi lill-applikanti bis-servizzi ta' interpretu sabiex jippreżentaw il-każ	3. L-awtorità determinanti għandha tipprovdi lill-applikanti bis-servizzi ta' interpretu sabiex jippreżentaw il-każ

tagħhom lill-awtorità determinanti kif ukoll lill-qrati jew lit-tribunali fejn ma tistax tkun żgurata komunikazzjoni xierqa mingħajr dawn is-servizzi. Is-servizzi ta' interpretazzjoni għandhom jitħallsu minn fondi pubbliċi.	tagħhom lill-awtorità determinanti kif ukoll lill-qrati jew lit-tribunali fejn ma tistax tkun żgurata komunikazzjoni xierqa mingħajr dawn is-servizzi. Is-servizzi ta' interpretazzjoni għandhom jitħallsu minn fondi pubbliċi ***sakemm l-applikant ma jkollux riżorsi suffiċjenti***.

Or. en

Emenda 629
Elissavet Vozemberg-Vrionidi

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-awtorità determinanti għandha tipprovdi lill-applikanti bis-servizzi ta' interpretu sabiex jippreżentaw il-każ tagħhom lill-awtorità determinanti kif ukoll lill-qrati jew lit-tribunali fejn ma tistax tkun żgurata komunikazzjoni xierqa mingħajr dawn is-servizzi. Is-servizzi ta' interpretazzjoni għandhom ***jitħallsu minn fondi pubbliċi***.	3. L-awtorità determinanti għandha tipprovdi lill-applikanti bis-servizzi ta' interpretu sabiex jippreżentaw il-każ tagħhom lill-awtorità determinanti kif ukoll lill-qrati jew lit-tribunali fejn ma tistax tkun żgurata komunikazzjoni xierqa mingħajr dawn is-servizzi. Is-servizzi ta' interpretazzjoni għandhom ***ikunu mingħajr ħlas għall-applikanti***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'xi Stati Membri dan ma jiġix ipprovdut skont il-liġi nazzjonali.

Emenda 630
Miltiadis Kyrkos

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-awtorità determinanti għandha tipprovdi lill-applikanti bis-servizzi ta' interpretu sabiex jippreżentaw il-każ	3. L-awtorità determinanti għandha tipprovdi lill-applikanti bis-servizzi ta' interpretu sabiex jippreżentaw il-każ

tagħhom lill-awtorità determinanti kif ukoll lill-qrati jew lit-tribunali fejn ma tistax tkun żgurata komunikazzjoni xierqa mingħajr dawn is-servizzi. Is-servizzi ta' interpretazzjoni għandhom ***jitħallsu minn fondi pubbliċi***.	tagħhom lill-awtorità determinanti kif ukoll lill-qrati jew lit-tribunali fejn ma tistax tkun żgurata komunikazzjoni xierqa mingħajr dawn is-servizzi. Is-servizzi ta' interpretazzjoni għandhom ***ikunu mingħajr ħlas għall-applikanti***.

Or. en

Emenda 631
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Aġenzija Ewropea għall-Asil għandha tipprovdi sit web iddedikat b'informazzjoni dwar is-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil, u b'mod partikolari l-funzjonament ta' dan ir-Regolament, immirat lejn l-applikanti għal protezzjoni internazzjonali kif ukoll l-applikanti potenzjali. L-informazzjoni fuq is-sit web għandha tkun komprensiva u aġġornata u għandha tingħata f'forma konċiża, trasparenti, intelliġibbli u aċċessibbli faċilment, bl-użu ta' lingwaġġ ċar u sempliċi u disponibbli bl-ilsna kollha ewlenin mitkellma mill-applikanti għal protezzjoni internazzjonali li jaslu fl-Ewropa.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-idea sottostanti ta' din il-proposta hija li tiġi miġġielda l-informazzjoni żbaljata pprovduta lil applikanti potenzjali f'pajjiżi terzi minn kuntrabandisti u oħrajn sabiex jiġi żgurat li jkollhom fehim realistiku tal-prinċipji bażiċi tas-SEKA. Nittamaw li dan jista' jikkontribwixxi biex jiġi żgurat li l-applikanti b'possibilità baxxa ħafna li jirċievu protezzjoni fl-Ewropa jevitaw li jwettqu qsim ta' fruntieri perikoluż u li jinvolvu spejjeż kbar tal-Mediterran sabiex jaslu l-Ewropa.

Emenda 632
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini, Jean Lambert

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Aġenzija Ewropea għall-Asil għandha tfassal materjal ta' informazzjoni komuni li jkun fih tal-inqas l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. Il-materjal ta' informazzjoni komuni għandu jiġi stabbilit b'tali mod li jippermetti lill-Istati Membri jużawh u jimlewh, fejn meħtieġ, b'informazzjoni addizzjonali speċifika għall-Istat Membru.

Or. en

Emenda 633
Péter Niedermüller, Marju Lauristin, Caterina Chinnici, Josef Weidenholzer, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-awtorità determinanti tista' tipprovdi wkoll lill-applikanti b'medjatur kulturali sabiex jgħinhom waqt il-proċedura u, b'mod partikolari, waqt l-intervista personali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-esperjenza fil-prattika turi li l-medjaturi kulturali jistgħu jkunu katalist ta' għajnuna biex jiġi żviluppat fehim bejn l-applikant u l-awtorità determinanti.

Emenda 634
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom iżommu l-applikanti infurmati dwar il-progress tal-proċeduri mwettqa skont dan ir-Regolment fir-rigward tal-applikazzjoni tagħhom. Tali informazzjoni għandha tiġi pprovduta bil-miktub f'intervalli regolari. Fil-każ tal-minorenni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw kemm lill-minorenni kif ukoll lill-kustodju bl-istess modalitajiet. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta att ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-modalitajiet għall-għoti ta' tali informazzjoni. Dawk l-atti ta'implimentazzjoni għandhom ikunu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 56(2).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ikun aħjar li l-awtoritajiet jintalbu jżommu lill-applikanti infurmati dwar il-proċess li jkunu fih u mhux biss meta tittieħed deċiżjoni. L-iżgurar li l-applikanti jinżammu infurmati b'mod regolari dwar l-istatus tal-applikazzjoni tagħhom jibni l-fiduċja għas-sistema u jgħin biex jiġu limitati l-movimenti sekondarji.

Emenda 635
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-awtorità determinanti għandha tipprovdi lill-applikanti bl-opportunità li jikkomunikaw mal-Kummissarju Għoli	4. L-awtorità determinanti għandha tipprovdi lill-applikanti bl-opportunità li jikkomunikaw mal-Kummissarju Għoli

tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati jew ma' kwalunkwe organizzazzjoni oħra li tipprovdi pariri legali jew konsulenza oħra lill-applikanti ***skont il-liġi nazzjonali***.	tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati jew ma' kwalunkwe organizzazzjoni oħra li tipprovdi pariri legali jew konsulenza oħra lill-applikanti***, u tinfurmahom dwar l-organizzazzjonijiet governattivi u mhux governattivi differenti u tiżgura li jkunu jistgħu jiġu kkuntattjati minnhom***.

Or. en

Emenda 636
Péter Niedermüller, Caterina Chinnici, Ana Gomes, Josef Weidenholzer

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-awtorità determinanti għandha tipprovdi lill-applikanti bl-opportunità li jikkomunikaw mal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati jew ma' kwalunkwe organizzazzjoni oħra li tipprovdi pariri legali jew konsulenza oħra lill-applikanti skont il-liġi nazzjonali.	4. ***Fi żmien 14-il jum minn meta ssir l-applikazzjoni,*** l-awtorità determinanti għandha tipprovdi lill-applikanti bl-opportunità li jikkomunikaw mal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati jew ma' kwalunkwe organizzazzjoni oħra li tipprovdi pariri legali jew konsulenza oħra lill-applikanti skont il-liġi nazzjonali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minħabba l-limiti ta' żmien imposti minn dan ir-Regolament, huwa importanti li jiġi stabbilit li l-applikanti jistgħu jikkuntattjaw lill-UNHCR fi żmien raġonevoli wara li jagħmlu l-applikazzjoni tagħhom.

Emenda 637
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-awtorità determinanti ***għandha***	4. L-awtorità determinanti ***tista', meta***

tipprovdi lill-applikanti bl-opportunità li jikkomunikaw mal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati jew ma' ***kwalunkwe*** organizzazzjoni oħra li tipprovdi pariri legali ***jew konsulenza oħra*** lill-applikanti skont il-liġi nazzjonali.

jitqies fattibbli, tipprovdi lill-applikanti bl-opportunità li jikkomunikaw mal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati jew ma' organizzazzjoni oħra li tipprovdi pariri legali ***professjonali*** lill-applikanti skont il-liġi nazzjonali.

Or. en

Emenda 638
Beatrix von Storch

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-awtorità determinanti ***għandha*** tipprovdi lill-applikanti bl-opportunità li jikkomunikaw mal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati jew ma' kwalunkwe organizzazzjoni oħra li tipprovdi pariri legali jew konsulenza oħra lill-applikanti skont il-liġi nazzjonali.	4. L-awtorità determinanti ***tista'*** tipprovdi lill-applikanti bl-opportunità li jikkomunikaw mal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati jew ma' kwalunkwe organizzazzjoni oħra li tipprovdi pariri legali jew konsulenza oħra lill-applikanti skont il-liġi nazzjonali.

Or. en

Emenda 639
Laura Ferrara

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-awtorità determinanti għandha tiżgura li l-applikanti, u fejn applikabbli, ***l-kustodji***, il-konsulenti legali jew konsulenti oħra tagħhom, ikollhom aċċess għall-informazzjoni ***imsemmija*** fl-Artikolu 33(2)(***e***) meħtieġa għall-eżami tal-applikazzjonijiet u għall-informazzjoni mogħtija mill-esperti msemmija fl-Artikolu 33(3), fejn l-awtorità determinanti tkun	5. L-awtorità determinanti għandha tiżgura li l-applikanti, u fejn applikabbli, ***il-kustodji***, il-konsulenti legali jew konsulenti oħra tagħhom, ikollhom aċċess għall-informazzjoni ***msemmija*** fl-Artikolu 33(2)(***b***) ***u (c),*** meħtieġa għall-eżami tal-applikazzjonijiet u għall-informazzjoni mogħtija mill-esperti msemmija fl-Artikolu 33(3), fejn l-awtorità determinanti tkun

ikkunsidrat dik l-informazzjoni bl-iskop li tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tagħhom.	ikkunsidrat dik l-informazzjoni bl-iskop li tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tagħhom.

Or. it

Emenda 640
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-awtorità determinanti għandha tiżgura li l-applikanti, u fejn applikabbli, l-kustodji, il-konsulenti legali jew konsulenti oħra tagħhom, ikollhom aċċess għall-informazzjoni imsemmija fl-Artikolu 33(2)***(e)*** meħtieġa għall-eżami tal-applikazzjonijiet u għall-informazzjoni mogħtija mill-esperti msemmija fl-Artikolu 33(3), fejn l-awtorità determinanti tkun ikkunsidrat dik l-informazzjoni bl-iskop li tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tagħhom.	5. L-awtorità determinanti għandha tiżgura li l-applikanti, u fejn applikabbli, l-kustodji, il-konsulenti legali jew konsulenti oħra tagħhom, ikollhom aċċess għall-informazzjoni imsemmija fl-Artikolu 33(2) meħtieġa għall-eżami tal-applikazzjonijiet u għall-informazzjoni mogħtija mill-esperti msemmija fl-Artikolu 33(3), fejn l-awtorità determinanti tkun ikkunsidrat dik l-informazzjoni bl-iskop li tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tagħhom.

Or. en

Emenda 641
Kinga Gál

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-awtorità determinanti għandha tiżgura li l-applikanti, u fejn applikabbli, l-kustodji***, il-konsulenti*** legali ***jew konsulenti oħra*** tagħhom, ikollhom aċċess għall-informazzjoni imsemmija fl-Artikolu	5. L-awtorità determinanti għandha tiżgura li l-applikanti, u fejn applikabbli, l-kustodji ***u/jew ir-rappreżentanti*** legali tagħhom, ikollhom aċċess għall-informazzjoni imsemmija fl-Artikolu

33(2)(e) meħtieġa għall-eżami tal-applikazzjonijiet u għall-informazzjoni mogħtija mill-esperti msemmija fl-Artikolu 33(3), fejn l-awtorità determinanti tkun ikkunsidrat dik l-informazzjoni bl-iskop li tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tagħhom.	33(2)(e) meħtieġa għall-eżami tal-applikazzjonijiet u għall-informazzjoni mogħtija mill-esperti msemmija fl-Artikolu 33(3), fejn l-awtorità determinanti tkun ikkunsidrat dik l-informazzjoni bl-iskop li tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tagħhom.

Or. hu

Emenda 642
Péter Niedermüller, Birgit Sippel, Elly Schlein, Cécile Kashetu Kyenge, Caterina Chinnici, Josef Weidenholzer, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-awtorità determinanti għandha tinforma lill-applikanti fi żmien ***raġonevoli*** dwar id-deċiżjoni li tkun ittieħdet dwar l-applikazzjoni tagħhom. Fejn l-applikant ikun qed jiġi ***rrappreżentat*** minn kustodju, konsulent legali jew konsulent ieħor, l-awtorità determinanti ***tista'*** tagħżel li tinnotifika lil dan bid-deċiżjoni ***minflok*** lill-applikant;	6. L-awtorità determinanti għandha tinforma lill-applikanti ***bil-miktub*** fi żmien ***sebat ijiem*** dwar id-deċiżjoni li tkun ittieħdet dwar l-applikazzjoni tagħhom. Fejn l-applikant ikun qed jiġi ***rrappreżentat*** minn kustodju, konsulent legali jew konsulent ieħor, l-awtorità determinanti ***għandha*** tagħżel li tinnotifika lil dan bid-deċiżjoni ***kif ukoll*** lill-applikant;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-formulazzjoni fl-Artikolu 8(6) jenħtieġ li tiġi allinjata ma' dak użat fl-Artikolu 35(1). Kemm l-applikant kif ukoll il-konsulent legali tiegħu jenħtieġ li jiġu infurmati bil-miktub mhux aktar tard minn sebat ijiem wara li tkun ittieħdet id-deċiżjoni.

Emenda 643
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-awtorità determinanti għandha tinforma lill-applikanti fi żmien ***raġonevoli*** dwar id-deċiżjoni li tkun ittieħdet dwar l-applikazzjoni tagħhom. Fejn l-applikant ikun qed jiġi ***rrapreżentat*** minn kustodju, konsulent legali jew konsulent ieħor, l-awtorità determinanti ***tista' tagħżel li tinnotifika lil dan*** bid-deċiżjoni ***minflok lill-applikant***;	6. L-awtorità determinanti għandha tinforma lill-applikanti fi żmien ***ħamest ijiem*** dwar id-deċiżjoni li tkun ittieħdet dwar l-applikazzjoni tagħhom. Fejn l-applikant ikun qed jiġi ***rrappreżentat*** minn kustodju, konsulent legali jew konsulent ieħor, l-awtorità determinanti ***għandha tinnotifikah ukoll*** bid-deċiżjoni;

Or. en

Emenda 644
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-awtorità determinanti għandha tinforma lill-applikanti fi żmien ***raġonevoli*** dwar id-deċiżjoni li tkun ittieħdet dwar l-applikazzjoni tagħhom. Fejn l-applikant ikun qed jiġi ***rrapreżentat*** minn kustodju, konsulent legali jew konsulent ieħor, l-awtorità determinanti ***tista'*** tagħżel li tinnotifika lil dan bid-deċiżjoni ***minflok*** lill-applikant;	6. L-awtorità determinanti għandha tinforma lill-applikanti fi żmien ***ħamest ijiem ta' xogħol*** dwar id-deċiżjoni li tkun ittieħdet dwar l-applikazzjoni tagħhom. Fejn l-applikant ikun qed jiġi ***rrappreżentat*** minn kustodju, konsulent legali jew konsulent ieħor, l-awtorità determinanti ***għandha*** tagħżel li tinnotifika lil dan bid-deċiżjoni ***kif ukoll*** lill-applikant;

Or. en

Emenda 645
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-awtorità determinanti għandha tinforma lill-applikanti fi żmien raġonevoli	6. L-awtorità determinanti għandha tinforma lill-applikanti fi żmien raġonevoli

dwar id-deċiżjoni li tkun ittieħdet dwar l-applikazzjoni tagħhom. Fejn l-applikant ikun qed jiġi ***rrapreżentat*** minn kustodju***,*** konsulent legali ***jew konsulent ieħor***, l-awtorità determinanti tista' tagħżel li tinnotifika lil dan bid-deċiżjoni minflok lill-applikant;	dwar id-deċiżjoni li tkun ittieħdet dwar l-applikazzjoni tagħhom. Fejn l-applikant ikun qed jiġi ***rrappreżentat*** minn kustodju ***u*** konsulent legali, l-awtorità determinanti tista' tagħżel li tinnotifika lil dan bid-deċiżjoni minflok lill-applikant;

Or. en

Emenda 646
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Jean Lambert, Bodil Valero, Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-applikanti għandhom id-dritt li jibqgħu fl-Istat Membru responsabbli, għall-fini tal-proċedura biss, sa meta l-awtorità determinanti tkun ħadet deċiżjoni skont il-proċedura amministrattiva prevista fil-Kapitolu III.	1. L-applikanti għandhom id-dritt li jibqgħu fl-Istat Membru responsabbli, għall-fini tal-proċedura biss, sa meta l-awtorità determinanti tkun ħadet deċiżjoni ***finali*** skont il-proċedura amministrattiva prevista fil-Kapitolu III ***u sakemm tkun ġiet konkluża kwalunkwe proċedura ta' appell kontinwa fir-rigward tal-applikazzjoni, deċiżjoni ta' ritorn jew ordni ta' tneħħija***.

Or. en

Emenda 647
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-applikanti ***għandhom id-dritt*** li jibqgħu fl-Istat Membru responsabbli, għall-fini tal-proċedura biss, sa meta l-	1. L-applikanti ***għandu jkollhom il-permess*** li jibqgħu fl-Istat Membru responsabbli, għall-fini tal-proċedura biss,

awtorità determinanti tkun ħadet deċiżjoni skont il-proċedura amministrattiva prevista fil-Kapitolu III.	sa meta l-awtorità determinanti tkun ħadet deċiżjoni skont il-proċedura amministrattiva prevista fil-Kapitolu III.

Or. en

Emenda 648
Brice Hortefeux, Rachida Dati

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-applikanti ***għandhom id-dritt*** li jibqgħu fl-Istat Membru responsabbli, għall-fini tal-proċedura biss, sa meta l-awtorità determinanti tkun ħadet deċiżjoni skont il-proċedura amministrattiva prevista fil-Kapitolu III.	1. L-applikanti ***huma awtorizzati*** li jibqgħu fl-Istat Membru responsabbli, għall-fini tal-proċedura biss, sa meta l-awtorità determinanti tkun ħadet deċiżjoni skont il-proċedura amministrattiva prevista fil-Kapitolu III.

Or. fr

Emenda 649
Péter Niedermüller, Birgit Sippel, Josef Weidenholzer, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-applikanti għandhom id-dritt li jibqgħu fl-Istat Membru responsabbli, għall-fini tal-proċedura ***biss***, sa meta l-awtorità determinanti tkun ħadet deċiżjoni skont il-proċedura amministrattiva prevista fil-Kapitolu III.	1. L-applikanti għandhom id-dritt li jibqgħu fl-Istat Membru responsabbli, għall-fini tal-proċedura, sa meta l-awtorità determinanti tkun ħadet deċiżjoni skont il-proċedura amministrattiva prevista fil-Kapitolu III.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-applikant jista' possibbilment jaħdem matul il-proċess tal-applikazzjoni. Għalhekk id-dritt tal-applikant li jibqa' jenħtieġ li ma jkunx limitat biss għall-proċedura – anke jekk tkun ir-raġuni prinċipali.

Emenda 650
Beatrix von Storch

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Id-dritt li jibqgħu ma għandux ikun jikkostitwixxi dritt għal permess ta' residenza u ma għandux jagħti lill-applikant id-dritt li jivvjaġġa lejn it-territorju ta' Stati Membri oħra ***mingħajr awtorizzazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 6 tad-Direttiva XXX/XXX/UE (id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza)***.	2. Id-dritt li jibqgħu ma għandux ikun jikkostitwixxi dritt għal permess ta' residenza u ma għandux jagħti lill-applikant id-dritt li jivvjaġġa lejn it-territorju ta' Stati Membri oħra.

Or. en

Emenda 651
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Id-dritt li jibqgħu ma għandux ikun jikkostitwixxi dritt għal permess ta' residenza u ma għandux jagħti lill-applikant id-dritt li jivvjaġġa lejn it-territorju ta' Stati Membri oħra mingħajr awtorizzazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 6 tad-Direttiva XXX/XXX/UE (id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza).	2. Id-dritt li jibqgħu ***fit-territorju ta' Stat Membru*** ma għandux ikun jikkostitwixxi dritt għal permess ta' residenza u ma għandux jagħti lill-applikant id-dritt li jivvjaġġa lejn it-territorju ta' Stati Membri oħra mingħajr awtorizzazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 6 tad-Direttiva XXX/XXX/UE (id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza).

Or. en

Emenda 652
Péter Niedermüller, Birgit Sippel, Kati Piri, Josef Weidenholzer, Ana Gomes, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Id-dritt li jibqgħu ma għandux ***ikun jikkostitwixxi dritt għal permess ta' residenza u ma għandux*** jagħti lill-applikant id-dritt li jivvjaġġa lejn it-territorju ta' Stati Membri oħra mingħajr awtorizzazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 6 tad-Direttiva XXX/XXX/UE (id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza).	2. Id-dritt li jibqgħu ma għandux jagħti lill-applikant id-dritt li jivvjaġġa lejn it-territorju ta' Stati Membri oħra mingħajr awtorizzazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 6 tad-Direttiva XXX/XXX/UE (id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Mhuwiex meħtieġ li niddeterminaw in-natura tad-dritt li jibqgħu. Jenħtieġ sempliċement li nistipulaw li d-dritt li jibqgħu mhuwiex dritt li jivvjaġġjaw fit-territorju tal-Istati Membri l-oħra.

Emenda 653
Monika Hohlmeier, Heinz K. Becker

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Id-dritt li jibqgħu ma għandux ikun jikkostitwixxi dritt għal permess ta' residenza u ma għandux jagħti lill-applikant id-dritt li jivvjaġġa lejn it-territorju ta' Stati Membri oħra mingħajr awtorizzazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 6 tad-Direttiva XXX/XXX/UE (id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza).	2. Id-dritt li jibqgħu ma għandux ikun jikkostitwixxi dritt għal permess ta' residenza ***ta' kwalunkwe tip*** u ma għandux jagħti lill-applikant id-dritt li jivvjaġġa lejn it-territorju ta' Stati Membri oħra mingħajr awtorizzazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 6 tad-Direttiva XXX/XXX/UE (id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza).

Or. en

Emenda 654
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Id-dritt li jibqgħu ***ma għandux ikun*** jikkostitwixxi dritt għal permess ta' residenza u ma għandux jagħti lill-applikant id-dritt li jivvjaġġa lejn it-territorju ta' Stati Membri oħra ***mingħajr awtorizzazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 6 tad-Direttiva XXX/XXX/UE (id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza)***.	2. Id-dritt li jibqgħu ***għandu*** jikkostitwixxi dritt għal permess ta' residenza ***sabiex l-applikazzjoni ssir effettiva,*** u ma għandux jagħti lill-applikant id-dritt li jivvjaġġa lejn it-territorju ta' Stati Membri oħra ***sakemm ikun jista' jiġi kkuntattjat minn numru tat-telefon jew indirizz elettroniku***.

Or. en

Emenda 655
Brice Hortefeux, Rachida Dati

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Id-dritt li jibqgħu ma ***għandux ikun*** jikkostitwixxi dritt għal permess ta' residenza u ma għandux jagħti lill-applikant id-dritt li jivvjaġġa lejn it-territorju ta' Stati Membri oħra mingħajr awtorizzazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 6 tad-Direttiva XXX/XXX/UE (id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza).	2. Id-dritt li jibqgħu ma ***jistax*** jikkostitwixxi dritt għal permess ta' residenza u ma għandux jagħti lill-applikant id-dritt li jivvjaġġa lejn it-territorju ta' Stati Membri oħra mingħajr awtorizzazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 6 tad-Direttiva XXX/XXX/UE (id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza).

Or. fr

Emenda 656
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament

Artikolu 9 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-awtoritajiet responsabbli tal-Istati Membri jistgħu jirrevokaw id-dritt tal-applikant li jibqa' fit-territorju tagħhom matul proċedura amministrattiva fejn:	***imħassar***
(a) persuna tagħmel applikazzjoni sussegwenti skont l-Artikolu 42 u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 43;	
(b) f'każ ta' ċediment jew estradizzjoni ta' persuna, kif xieraq, lejn Stat Membru ieħor skont l-obbligi ta' mandat tal-arrest Ewropew 35 jew lejn pajjiż terz jew qrati jew tribunali kriminali internazzjonali.	
35 Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri (ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1).	

Or. en

Emenda 657
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-awtoritajiet responsabbli tal-Istati Membri ***jistgħu*** jirrevokaw id-dritt tal-applikant li jibqa' fit-territorju tagħhom matul proċedura amministrattiva fejn:	3. L-awtoritajiet responsabbli tal-Istati Membri ***għandhom*** jirrevokaw id-dritt tal-applikant li jibqa' fit-territorju tagħhom matul proċedura amministrattiva fejn:

Or. en

Emenda 658
Ska Keller

f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) persuna tagħmel applikazzjoni sussegwenti skont l-Artikolu 42 u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 43;	***imħassar***

Or. en

Emenda 659
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) persuna tagħmel applikazzjoni sussegwenti skont l-Artikolu 42 u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 43;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Mhuwiex aċċettabbli li persuni jitneħħew mit-territorju Ewropew sakemm tittieħed deċiżjoni finali dwar l-applikazzjoni tagħhom.

Emenda 660
Péter Niedermüller, Josef Weidenholzer, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) persuna tagħmel applikazzjoni sussegwenti skont l-Artikolu 42 u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 43;	(a) persuna tagħmel ***it-tieni*** applikazzjoni ***jew applikazzjoni*** sussegwenti ***oħra*** skont l-Artikolu 42 u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-

Artikolu 43;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Applikazzjoni sussegwenti tista' tirriżulta mill-fatt li applikant ma jkunx preżenti fit-territorju tal-Istat Membru responsabbli matul l-ewwel applikazzjoni. F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-applikant irid ikollu l-permess li jibqa' għall-applikazzjoni sussegwenti.

Emenda 661
Emil Radev

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 3 – punt ƃa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ƃ(a) persuna tirrappreżenta jew issir theddida għas-sigurtà nazzjonali tal-Istat Membru jew twettaq reat. F'każ bħal dan il-persuna jenħtieġ li tiġi estradita minnufih lejn il-pajjiż ta' oriġini jew ta' tranżitu tagħha.

Or. bg

Emenda 662
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 3 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) persuna toħloq riskju għas-sigurtà interna jew l-ordni pubbliku tal-Istat Membru.

Or. en

Emenda 663

Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Stat Membru jista' jestradixxi applikant f'pajjiż terz skont il-paragrafu 3(b) biss fejn l-awtorità determinanti hija sodisfatta li deċiżjoni ta' estradizzjoni mhux se tirriżulta f'refoulement diretta jew indiretta fi ksur tal-obbligi ta' dak l-Istat Membru skont il-liġi internazzjonali u tal-Unjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 664
Péter Niedermüller, Josef Weidenholzer, Ana Gomes, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Stat Membru jista' jestradixxi applikant f'pajjiż terz skont il-paragrafu 3(b) biss fejn l-awtorità determinanti hija sodisfatta li deċiżjoni ta' estradizzjoni mhux se tirriżulta f'refoulement diretta jew indiretta fi ksur tal-obbligi ta' dak l-Istat Membru skont il-liġi internazzjonali u tal-Unjoni.	4. Stat Membru jista' jestradixxi ***jew ikeċċi*** applikant f'pajjiż terz skont il-paragrafu 3***(a) u*** (b) biss fejn l-awtorità determinanti hija sodisfatta li deċiżjoni ta' estradizzjoni ***jew ta' ritorn*** mhux se tirriżulta f'refoulement diretta jew indiretta fi ksur tal-obbligi ta' dak l-Istat Membru skont il-liġi internazzjonali u tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 665
Elissavet Vozemberg-Vrionidi

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

4. Stat Membru jista' jestradixxi applikant f'pajjiż terz skont il-paragrafu 3(b) biss fejn ***l-awtorità determinanti hija sodisfatta li*** deċiżjoni ta' estradizzjoni mhux se tirriżulta f'refoulement diretta jew indiretta fi ksur tal-obbligi ta' dak l-Istat Membru skont il-liġi internazzjonali u tal-Unjoni.	4. Stat Membru jista' jestradixxi applikant f'pajjiż terz skont il-paragrafu 3(b) biss fejn deċiżjoni ta' estradizzjoni mhux se tirriżulta f'refoulement diretta jew indiretta fi ksur tal-obbligi ta' dak l-Istat Membru skont il-liġi internazzjonali u tal-Unjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'xi Stati Membri, id-deċiżjoni dwar l-estradizzjoni tal-applikant lejn pajjiż terz hija separata mid-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għall-asil. Għalhekk, l-awtorità determinanti m'għandhiex rwol deċiżiv fid-deċiżjoni ta' estradizzjoni. Din tal-aħħar hija l-kompetenza tal-qrati nazzjonali biss.

Emenda 666
Brice Hortefeux

Proposta għal regolament
Artikolu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 10	***imħassar***
Intervista dwar l-ammissibilità	
1. Qabel ma tittieħed deċiżjoni mill-awtorità determinanti dwar l-ammissibilità ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, l-applikant għandu jingħata l-opportunità ta' intervista dwar l-ammissibilità tal-applikazzjoni tiegħu.	
2. Fl-intervista għall-ammissibilità, l-applikant għandu jingħata opportunità li jipprovdi raġunijiet għalfejn ir-raġunijiet għall-ammissibilità previsti fl-Artikolu 36(1) ma jkunux applikabbli għaċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu.	

Or. fr

Emenda 667
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 10	***imħassar***
Intervista dwar l-ammissibilità	
1. Qabel ma tittieħed deċiżjoni mill-awtorità determinanti dwar l-ammissibilità ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, l-applikant għandu jingħata l-opportunità ta' intervista dwar l-ammissibilità tal-applikazzjoni tiegħu.	
2. Fl-intervista għall-ammissibilità, l-applikant għandu jingħata opportunità li jipprovdi raġunijiet għalfejn ir-raġunijiet għall-ammissibilità previsti fl-Artikolu 36(1) ma jkunux applikabbli għaċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu.	

Or. en

Emenda 668
Sergei Stanishev

Proposta għal regolament
Artikolu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 10	***imħassar***
Intervista dwar l-ammissibilità	
1. Qabel ma tittieħed deċiżjoni mill-awtorità determinanti dwar l-ammissibilità ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, l-applikant għandu jingħata l-opportunità ta' intervista dwar l-ammissibilità tal-applikazzjoni tiegħu.	

2. Fl-intervista għall-ammissibilità, l-applikant għandu jingħata opportunità li jipprovdi raġunijiet għalfejn ir-raġunijiet għall-ammissibilità previsti fl-Artikolu 36(1) ma jkunux applikabbli għaċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'konformità ma' emendi preċedenti biex jitneħħew il-kontrolli tal-ammissibilità bħala rekwiżit qabel ma jiġi applikat ir-Regolament ta' Dublin.

Emenda 669
Péter Niedermüller, Birgit Sippel, Marju Lauristin, Ana Gomes, Josef Weidenholzer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Qabel ma tittieħed deċiżjoni ***mill-awtorità*** determinanti dwar l-ammissibilità ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, l-applikant għandu jingħata l-opportunità ta' intervista dwar l-ammissibilità tal-applikazzjoni tiegħu.	1. ***Fejn awtorità determinanti tiddeċiedi li twettaq test tal-ammissibilità b'mod konformi mal-Artikolu 36, u*** qabel ma tittieħed deċiżjoni ***minn dik l-awtorità*** determinanti dwar l-ammissibilità ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, l-applikant għandu jingħata l-opportunità ta' intervista ***personali*** dwar l-ammissibilità tal-applikazzjoni tiegħu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Test tal-ammissibilità jenħtieġ li ma jkunx rekwiżit tal-proċedura tal-applikazzjoni, jenħtieġ li jkun fakultattiv. L-intervista jenħtieġ li tkun intervista personali skont id-Direttiva eżistenti.

Emenda 670
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Qabel ma tittieħed deċiżjoni mill-awtorità determinanti dwar l-ammissibilità ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, l-applikant għandu jingħata l-opportunità ta' intervista dwar l-ammissibilità tal-applikazzjoni tiegħu.	1. Qabel ma tittieħed deċiżjoni mill-awtorità determinanti dwar l-ammissibilità ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, l-applikant għandu jingħata ***d-dritt li jinstema' u*** l-opportunità ta' intervista dwar l-ammissibilità tal-applikazzjoni tiegħu.

Or. en

Emenda 671
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fl-intervista għall-ammissibilità, l-applikant għandu jingħata opportunità li jipprovdi raġunijiet għalfejn ir-raġunijiet għall-ammissibilità previsti fl-Artikolu 36***(1)*** ma jkunux applikabbli għaċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu.	2. Fl-intervista għall-ammissibilità, l-applikant għandu jingħata opportunità li jipprovdi raġunijiet għalfejn ir-raġunijiet għall-ammissibilità previsti fl-Artikolu 36 ma jkunux applikabbli għaċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu.

Or. en

Emenda 672
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

2a. L-awtoritajiet nazzjonali tal-asil għandu jkollhom il-kompitu li jwettqu intervisti dwar l-ammissibilità. L-Istati Membri ma jistgħux jafdaw lil awtoritajiet oħra b'dan il-kompitu.

Or. en

Emenda 673
Brice Hortefeux

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Qabel ma tittieħed deċiżjoni mill-awtorità determinanti dwar il-merti ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, l-applikant għandu jingħata l-opportunità ta' intervista sostantiva dwar l-applikazzjoni tiegħu.	1. Qabel ma tittieħed deċiżjoni mill-awtorità determinanti dwar il-merti ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, l-applikant għandu jingħata l-opportunità ta' intervista sostantiva dwar l-applikazzjoni tiegħu ***ma' persuna li għandha s-setgħa biex tmexxi din l-intervista skont il-liġi nazzjonali***.

Or. fr

Emenda 674
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Qabel ma tittieħed deċiżjoni mill-awtorità determinanti dwar il-merti ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, l-applikant għandu jingħata l-opportunità ta' intervista sostantiva dwar l-applikazzjoni tiegħu.	1. Qabel ma tittieħed deċiżjoni mill-awtorità determinanti dwar il-merti ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, l-applikant għandu jingħata ***d-dritt li jinstema' u*** l-opportunità ta' intervista sostantiva dwar l-applikazzjoni tiegħu.

Or. en

Emenda 675
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fl-intervista sostantiva, l-applikant għandu jingħata opportunità adegwata biex jippreżenta l-elementi meħtieġa biex jissostanzja l-applikazzjoni tiegħu skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Kwalifika), u għandu jipprovdi l-elementi kollha għad-dispożizzjoni tiegħu b'mod kemm jista' jkun komplet. ***L-applikant għandu jingħata l-opportunità li jagħti spjegazzjoni dwar l-elementi meħtieġa li jistgħu jkunu nieqsa jew kull inkonsistenza jew kuntradizzjoni fl-istqarrijiet tal-applikant.***	2. Fl-intervista sostantiva, l-applikant għandu jingħata opportunità adegwata biex jippreżenta l-elementi meħtieġa biex jissostanzja l-applikazzjoni tiegħu skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Kwalifika), u għandu jipprovdi l-elementi kollha għad-dispożizzjoni tiegħu b'mod kemm jista' jkun komplet.

Or. en

Emenda 676
Péter Niedermüller, Ana Gomes, Josef Weidenholzer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fl-intervista sostantiva, l-applikant għandu jingħata opportunità ***adegwata*** biex jippreżenta l-elementi meħtieġa biex jissostanzja l-applikazzjoni tiegħu skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Kwalifika), u għandu jipprovdi l-elementi kollha għad-dispożizzjoni tiegħu b'mod kemm jista' jkun komplet. L-applikant għandu jingħata l-opportunità li jagħti spjegazzjoni dwar l-	2. Fl-intervista sostantiva, l-applikant għandu jingħata opportunità ***suffiċjenti*** biex jippreżenta l-elementi meħtieġa biex jissostanzja l-applikazzjoni tiegħu skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Kwalifika), u għandu jipprovdi l-elementi kollha għad-dispożizzjoni tiegħu b'mod kemm jista' jkun komplet. L-applikant għandu jingħata l-opportunità li jagħti spjegazzjoni dwar l-

elementi meħtieġa li jistgħu jkunu nieqsa jew kull inkonsistenza jew kuntradizzjoni fl-istqarrijiet tal-applikant.	elementi meħtieġa li jistgħu jkunu nieqsa jew kull inkonsistenza jew kuntradizzjoni fl-istqarrijiet tal-applikant.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Formulazzjoni ppreferuta. Il-kelma "adegwata" għandha konnotazzjoni limitata u ħafna drabi negattiva bl-Ingliż. Suffiċjenti hija aktar ċara hawnhekk.

Emenda 677
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fl-intervista sostantiva, l-applikant għandu jingħata ***opportunità adegwata*** biex jippreżenta l-elementi meħtieġa biex jissostanzja l-applikazzjoni tiegħu skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Kwalifika), u għandu jipprovdi l-elementi kollha għad-dispożizzjoni tiegħu b'mod kemm jista' jkun komplet. L-applikant għandu jingħata l-opportunità li jagħti spjegazzjoni dwar l-elementi meħtieġa li jistgħu jkunu nieqsa jew kull inkonsistenza jew kuntradizzjoni fl-istqarrijiet tal-applikant.	2. Fl-intervista sostantiva, l-applikant għandu jingħata ***l-opportunità*** biex jippreżenta l-elementi meħtieġa biex jissostanzja l-applikazzjoni tiegħu skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Kwalifika), u għandu jipprovdi l-elementi kollha għad-dispożizzjoni tiegħu b'mod kemm jista' jkun komplet. L-applikant għandu jingħata l-opportunità li jagħti spjegazzjoni dwar l-elementi meħtieġa li jistgħu jkunu nieqsa jew kull inkonsistenza jew kuntradizzjoni fl-istqarrijiet tal-applikant.

Or. en

Emenda 678
Brice Hortefeux, Rachida Dati

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fl-intervista sostantiva, l-applikant għandu jingħata opportunità ***adegwata*** biex	2. Fl-intervista sostantiva, l-applikant għandu jingħata opportunità biex

jippreżenta l-elementi meħtieġa biex jissostanzja l-applikazzjoni tiegħu skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Kwalifika), u għandu jipprovdi l-elementi kollha għad-dispożizzjoni tiegħu b'mod kemm jista' jkun komplet. L-applikant għandu jingħata l-opportunità li jagħti spjegazzjoni dwar l-elementi meħtieġa li jistgħu jkunu nieqsa jew kull inkonsistenza jew kuntradizzjoni fl-istqarrijiet tal-applikant.	jippreżenta l-elementi meħtieġa biex jissostanzja l-applikazzjoni tiegħu skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Kwalifika), u għandu jipprovdi l-elementi kollha għad-dispożizzjoni tiegħu b'mod kemm jista' jkun komplet. L-applikant għandu jingħata l-opportunità li jagħti spjegazzjoni dwar l-elementi meħtieġa li jistgħu jkunu nieqsa jew kull inkonsistenza jew kuntradizzjoni fl-istqarrijiet tal-applikant.

Or. fr

Emenda 679
Péter Niedermüller, Josef Weidenholzer, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Persuna li twettaq intervista sostantiva ta' applikazzjoni ma għandhiex tilbes uniformi militari jew waħda tal-infurzar tal-liġi.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din id-dispożizzjoni jenħtieġ li titħassar u tiżdied mal-Artikolu 12 dwar ir-rekwiżiti għal intervisti personali. Dan ifisser li tapplika kemm għall-intervista dwar l-ammissibilità kif ukoll dwar is-sustanza.

Emenda 680
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Persuna li twettaq intervista sostantiva ta' applikazzjoni ma għandhiex	3. Persuna li twettaq intervista sostantiva ta' applikazzjoni ma għandhiex

tilbes uniformi militari jew waħda tal-infurzar tal-liġi.	tilbes uniformi militari jew waħda tal-infurzar tal-liġi. ***Il-preżenza ta' intepreti u konsulenti legali trid tiġi garantita.***

Or. en

Emenda 681
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Persuna li twettaq intervista sostantiva ta' applikazzjoni ma għandhiex tilbes uniformi militari jew waħda tal-infurzar tal-liġi***.	3. ***L-awtoritajiet nazzjonali tal-asil għandu jkollhom il-kompitu li jwettqu intervisti sostantivi. L-Istati Membri ma jistgħux jafdaw lil awtoritajiet oħra b'dan il-kompitu.***

Or. en

Emenda 682
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Persuna li twettaq intervista sostantiva ta' applikazzjoni ma għandhiex tilbes uniformi militari ***jew waħda tal-infurzar tal-liġi***.	3. Persuna li twettaq intervista sostantiva ta' applikazzjoni ma għandhiex tilbes uniformi militari.

Or. en

Emenda 683
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-applikant għandu jingħata opportunità għal intervista personali dwar l-applikazzjoni tiegħu skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.	1. L-applikant għandu jingħata ***d-dritt li jinstema' u*** opportunità għal intervista personali dwar l-applikazzjoni tiegħu skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 684
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-applikant għandu jingħata opportunità għal intervista personali dwar l-applikazzjoni tiegħu skont il-kundizzjonijiet stabbiliti ***f'dan ir-Regolament***.	1. L-applikant għandu jingħata opportunità għal intervista personali dwar l-applikazzjoni tiegħu skont il-kundizzjonijiet stabbiliti ***f'din id-Direttiva***.

Or. en

Emenda 685
Péter Niedermüller, Josef Weidenholzer, Ana Gomes, Caterina Chinnici, Marju Lauristin

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-intervisti personali għandhom jitwettqu taħt kundizzjonijiet li jiżguraw kunfidenzjalità xierqa u li jippermettu lill-applikanti jippreżentaw ir-raġunijiet għall-applikazzjonijiet tagħhom b'mod	2. L-intervisti personali għandhom jitwettqu taħt kundizzjonijiet li jiżguraw kunfidenzjalità xierqa u ***l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi xierqa biex jiżguraw*** li ***dawk il-kundizzjonijiet***

komprensiv.	jippermettu lill-applikanti jippreżentaw ir-raġunijiet għall-applikazzjonijiet tagħhom b'mod komprensiv.

Or. en

Ġustifikazzjoni

B'mod konformi mad-Direttiva eżistenti, l-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom obbligu pożittiv li jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-intervista jagħtu lill-applikant l-opportunità li jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu b'mod komprensiv.

Emenda 686
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Jean Lambert, Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Għandha tiġi żgurata l-preżenza tal-konsulent legali tal-applikant b'mod konformi mal-Artikolu 15(2)(b).

Or. en

Emenda 687
Péter Niedermüller, Josef Weidenholzer, Ana Gomes, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Intervisti personali għandhom jitwettqu mill-persunal tal-awtorità determinanti, li tista' tkun assistita ***mill-persunal ta' awtoritajiet ta' Stati Membri oħra msemmija fl-Artikolu 5(4)(a) jew*** esperti mibgħuta mill-Aġenzija tal-Unjoni ***Eworpea*** għall-Asil, imsemmija fl-Artikolu 5(***4***)***(b)***.	3. Intervisti personali għandhom jitwettqu mill-persunal tal-awtorità determinanti, li tista' tkun assistita ***minn*** esperti mibgħuta mill-Aġenzija tal-Unjoni ***Ewropea*** għall-Asil, imsemmija fl-Artikolu 5(***4a***).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Imressqa għal konsistenza ma' emendi preċedenti. Ara l-Artikolu 5(4).

Emenda 688
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Intervisti personali għandhom jitwettqu mill-persunal tal-awtorità determinanti, li tista' tkun assistita ***mill-persunal ta' awtoritajiet ta' Stati Membri oħra msemmija fl-Artikolu 5(4)(a) jew*** esperti mibgħuta mill-Aġenzija tal-Unjoni ***Eworpea*** għall-Asil, imsemmija fl-Artikolu 5(4)(b).	3. Intervisti personali għandhom jitwettqu mill-persunal tal-awtorità determinanti, li tista' tkun assistita ***minn*** esperti mibgħuta mill-Aġenzija tal-Unjoni ***Ewropea*** għall-Asil, imsemmija fl-Artikolu 5(4)(b).

Or. en

Emenda 689
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Intervisti personali għandhom jitwettqu mill-persunal tal-awtorità determinanti***, li tista' tkun assistita mill-persunal*** ta' ***awtoritajiet*** ta' ***Stati Membri oħra msemmija fl-Artikolu 5(4)(a) jew esperti mibgħuta mill-Aġenzija tal-Unjoni Eworpea għall-Asil, imsemmija fl-Artikolu 5(4)(b)***.	3. Intervisti personali għandhom jitwettqu mill-persunal tal-awtorità determinanti***. L-awtorità determinanti se tiżgura l-preżenza*** ta' ***interpreti u medjaturi kulturali fejn meħtieġ u*** ta' ***konsulenti legali***.

Or. en

Emenda 690
Elissavet Vozemberg-Vrionidi

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Intervisti personali għandhom jitwettqu mill-persunal tal-awtorità determinanti, li tista' tkun assistita ***mill-persunal ta' awtoritajiet ta' Stati Membri oħra msemmija fl-Artikolu 5(4)(a) jew*** esperti mibgħuta mill-Aġenzija tal-Unjoni ***Eworpea*** għall-Asil, imsemmija fl-Artikolu 5(4)(b).	3. Intervisti personali għandhom jitwettqu mill-persunal tal-awtorità determinanti, li tista' tkun assistita ***minn*** esperti mibgħuta mill-Aġenzija tal-Unjoni ***Ewropea*** għall-Asil, imsemmija fl-Artikolu 5(4)(b) ***fil-każ ta' numru sproporzjonat ta' applikazzjonijiet wara talba mill-awtorità nazzjonali***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kompitu ta' intervisti personali jenħtieġ li jiġi fdat (meta mitlub mill-Istat) biss lil esperti mibgħuta mill-EASO u maħtura għal dak l-għan u mhux mill-awtoritajiet ta' Stat Membru ieħor billi dan huwa rilevanti għal wieħed mid-dominji bażiċi fdati lil kull Stat nazzjonali. Għalhekk l-għajnuna jenħtieġ li tasal biss meta tintalab u biss permezz tal-EASO. Il-persunal tal-awtorità determinanti se jiġi assistit minn esperti mibgħuta mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil f'każ biss ta' numru sproporzjonat ta' applikazzjonijiet u wara talba mill-awtorità nazzjonali biss.

Emenda 691
Péter Niedermüller, Birgit Sippel, Josef Weidenholzer, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Il-persuni li jmexxu intervisti personali dwar l-ammissibilità fuq applikazzjonijiet jew applikazzjonijiet sostantivi ma għandhomx jilbsu uniformi militari jew waħda tal-infurzar tal-liġi waqt dawk l-intervisti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan tmexxa mill-Artikolu 11(3) minħabba li huwa pjuttost parti mir-rekwiżiti ta' intervista personali. Jenħtieġ li jkopri wkoll kemm l-intervisti dwar l-ammissibilità kif ukoll dawn sostantivi.

Emenda 692
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fejn applikazzjonijiet simultanji għal protezzjoni internazzjonali minn numru sproporzjonat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat jagħmluha diffiċli fil-prattika biex l-awtorità determinanti twettaq intervisti personali fil-ħin għal kull applikant, l-awtorità determinanti tista' tiġi assistita mill-persunal ta' awtoritajiet ta' Stati Membri oħra msemmija fl-Artikolu 5(4)(a) u esperti mibgħuta mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil imsemmija fl-Artikolu 5(4)(b), biex iwettqu dawn l-intervisti.	***imħassar***

Or. en

Emenda 693
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fejn applikazzjonijiet simultanji għal protezzjoni internazzjonali minn	***imħassar***

numru sproporzjonat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat jagħmluha diffiċli fil-prattika biex l-awtorità determinanti twettaq intervisti personali fil-ħin għal kull applikant, l-awtorità determinanti tista' tiġi assistita mill-persunal ta' awtoritajiet ta' Stati Membri oħra msemmija fl-Artikolu 5(4)(a) u esperti mibgħuta mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil imsemmija fl-Artikolu 5(4)(b), biex iwettqu dawn l-intervisti.

Or. en

Emenda 694
Péter Niedermüller, Josef Weidenholzer, Ana Gomes, Caterina Chinnici, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fejn applikazzjonijiet simultanji għal protezzjoni internazzjonali minn numru sproporzjonat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat jagħmluha diffiċli fil-prattika biex l-awtorità determinanti twettaq intervisti personali fil-ħin għal kull applikant, l-awtorità determinanti tista' tiġi assistita ***mill-persunal ta' awtoritajiet ta' Stati Membri oħra msemmija fl-Artikolu 5(4)(a) u*** esperti mibgħuta mill-Aġenzija tal-Unjoni ***Eworpea*** għall-Asil imsemmija fl-Artikolu 5(***4***)***(b)***, biex iwettqu dawn l-intervisti.	4. Fejn applikazzjonijiet simultanji għal protezzjoni internazzjonali minn numru sproporzjonat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat jagħmluha diffiċli fil-prattika biex l-awtorità determinanti twettaq intervisti personali fil-ħin għal kull applikant, l-awtorità determinanti tista' tiġi assistita ***minn*** esperti mibgħuta mill-Aġenzija tal-Unjoni ***Ewropea*** għall-Asil imsemmija fl-Artikolu 5(***4a***), biex iwettqu dawn l-intervisti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huma biss l-esperti mibgħuta mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropa għall-Asil li jenħtieġ li jkunu intitolati li jissostitwixxu lill-awtorità determinati tal-Istat Membru responsabbli għall-finijiet tal-parti fl-eżami tal-applikazzjonijiet.

Emenda 695
Elissavet Vozemberg-Vrionidi

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fejn applikazzjonijiet simultanji għal protezzjoni internazzjonali minn numru sproporzjonat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat jagħmluha diffiċli fil-prattika biex l-awtorità determinanti twettaq intervisti personali fil-ħin għal kull applikant, l-awtorità determinanti tista' tiġi assistita ***mill-persunal ta' awtoritajiet ta' Stati Membri oħra msemmija fl-Artikolu 5(4)(a) u*** esperti mibgħuta mill-Aġenzija tal-Unjoni ***Eworpea*** għall-Asil imsemmija fl-Artikolu 5(4)(b), biex iwettqu dawn l-intervisti.	4. Fejn applikazzjonijiet simultanji għal protezzjoni internazzjonali minn numru sproporzjonat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat jagħmluha diffiċli fil-prattika biex l-awtorità determinanti twettaq intervisti personali fil-ħin għal kull applikant, l-awtorità determinanti tista' tiġi assistita ***minn*** esperti mibgħuta mill-Aġenzija tal-Unjoni ***Ewropea*** għall-Asil imsemmija fl-Artikolu 5(4)(b), biex iwettqu dawn l-intervisti ***wara talba mill-awtorità nazzjonali***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kompitu tal-intervisti personali jenħtieġ li jiġi fdat (meta mitlub mill-Istat) biss lil esperti mibgħuta mill-EASO u maħtura għal dak l-għan u mhux mill-awtoritajiet ta' Stat Membru ieħor billi dan huwa rilevanti għal wieħed mid-dominji bażiċi fdati lil kull Stat nazzjonali. Għalhekk l-għajnuna jenħtieġ li tasal biss meta tintalab u biss permezz tal-EASO. Il-persunal tal-awtorità determinanti se jiġi assistit minn esperti mibgħuta mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil f'każ biss ta' numru sproporzjonat ta' applikazzjonijiet u wara talba mill-awtorità nazzjonali biss.

Emenda 696
Brice Hortefeux, Rachida Dati

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-intervista personali tista' tiġi ommessa ***fis-sitwazzjonijiet li ġejjin*** fejn l-awtorità determinanti:	L-intervista personali ***dwar l-applikazzjoni*** tista' tiġi ommessa fejn l-awtorità determinanti:

Or. fr

Emenda 697
Péter Niedermüller, Marju Lauristin, Josef Weidenholzer, Ana Gomes, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
In-nuqqas ta' intervista personali skont il-punt (b) ma għandhiex taffettwa b'mod ħażin id-deċiżjoni tal-awtorità determinanti. L-awtorità għandha tagħti lill-applikant opportunità effettiva li jippreżenta aktar informazzjoni. Meta jkun hemm dubju dwar il-kundizzjoni tal-applikant, l-awtorità determinanti għandha tikkonsulta professjonist mediku biex tistabbilixxi jekk il-kundizzjoni li minħabba fiha l-applikant ***li*** mhuwiex f'siktu jew kapaċi li jiġi intervistat hijiex temporanja jew fit-tul.	In-nuqqas ta' intervista personali skont il-punt (b) ma għandhiex taffettwa b'mod ħażin id-deċiżjoni tal-awtorità determinanti. L-awtorità għandha tagħti lill-applikant opportunità effettiva li jippreżenta aktar informazzjoni. Meta jkun hemm dubju dwar il-kundizzjoni tal-applikant, l-awtorità determinanti għandha tikkonsulta professjonist mediku biex tistabbilixxi jekk il-kundizzjoni li minħabba fiha l-applikant mhuwiex f'siktu jew kapaċi li jiġi intervistat hijiex temporanja jew fit-tul. ***Jekk, wara konsultazzjoni ta' dak il-professjonist mediku, ikun ċar li l-kundizzjoni li minħabba fiha l-applikant mhuwiex f'siktu jew kapaċi li jiġi intervistat hija ta' natura temporanja, l-awtorità determinanti għandha tipposponi l-intervista personali sa dak il-ħin li l-applikant ikun kapaċi li jiġi intervistat.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

M'hemm l-ebda segwitu għall-konsultazzjoni medika fil-proposta tal-Kummissjoni. Huwa importanti li jiġi żgurat li ssir intervista personali kull meta jkun possibbli. Jekk din teħtieġ li tiġi posposta għal raġunijiet mediċi, imbagħad jenħtieġ li tkun fil-fatt posposta.

Emenda 698
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
In-nuqqas ta' intervista personali skont il-punt (b) ma għandhiex taffettwa b'mod ħażin id-deċiżjoni tal-awtorità determinanti. L-awtorità għandha tagħti lill-applikant opportunità effettiva li jippreżenta aktar informazzjoni. Meta jkun hemm dubju dwar il-kundizzjoni tal-applikant, l-awtorità determinanti ***għandha*** tikkonsulta professjonist mediku biex tistabbilixxi jekk il-kundizzjoni li minħabba fiha l-applikant mhuwiex f'siktu jew kapaċi li jiġi intervistat hijiex temporanja jew fit-tul.	In-nuqqas ta' intervista personali skont il-punt (b) ma għandhiex taffettwa b'mod ħażin id-deċiżjoni tal-awtorità determinanti. L-awtorità għandha tagħti lill-applikant opportunità effettiva li jippreżenta aktar informazzjoni. Meta jkun hemm dubju dwar il-kundizzjoni tal-applikant, l-awtorità determinanti ***tista'*** tikkonsulta professjonist mediku biex tistabbilixxi jekk il-kundizzjoni li minħabba fiha l-applikant mhuwiex f'siktu jew kapaċi li jiġi intervistat hijiex temporanja jew fit-tul.

Or. en

Emenda 699
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-persuna li tagħmel l-intervista għandha tkun kompetenti sabiex tieħu kont taċ-ċirkostanzi personali u ġenerali attinenti għall-applikazzjoni, inkluż l-oriġini kulturali, l-età, is-sess, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità sesswali u l-vulnerabbiltà tal-applikant. Il-persunal li jintervista lill-applikanti għandu jkollu ukoll għarfien ġenerali miksub ta' problemi li jistgħu jaffettwaw b'mod ħażin il-kapaċità tal-applikanti li jiġu intervistati, bħal indikazzjonijiet li l-persuna setgħet ġiet ittorturata fil-passat.	6. Il-persuna li tagħmel l-intervista għandha tkun kompetenti sabiex tieħu kont taċ-ċirkostanzi personali u ġenerali attinenti għall-applikazzjoni, inkluż l-oriġini kulturali, l-età, is-sess, l-orjentazzjoni sesswali***, l-espressjoni tal-ġeneru, il-karatteristiċi sesswali,*** u l-vulnerabbiltà tal-applikant***, kif ukoll is-sitwazzjoni fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu***. Il-persunal li jintervista lill-applikanti għandu jkollu ukoll għarfien ġenerali miksub ta' problemi li jistgħu jaffettwaw b'mod ħażin il-kapaċità tal-applikanti li jiġu intervistati, bħal ***f'każ li jkun superstiti ta' nawfraġju jew*** indikazzjonijiet li l-persuna setgħet ġiet ittorturata fil-passat ***jew kienet vittma tat-traffikar jew ta' kwalunkwe forma oħra***

ta' orjentazzjoni sesswali u vjolenza bbażata fuq is-sess.

Or. en

Emenda 700
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-persuna li tagħmel l-intervista għandha tkun kompetenti sabiex tieħu kont taċ-ċirkostanzi personali u ġenerali attinenti għall-applikazzjoni***, inkluż l-oriġini kulturali, l-età, is-sess, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità sesswali u l-vulnerabbiltà tal-applikant***. Il-persunal li jintervista lill-applikanti għandu jkollu ukoll għarfien ġenerali miksub ta' problemi li jistgħu jaffettwaw b'mod ħażin il-kapaċità tal-applikanti li jiġu intervistati, bħal indikazzjonijiet li l-persuna setgħet ġiet ittorturata fil-passat.	6. Il-persuna li tagħmel l-intervista għandha tkun kompetenti sabiex tieħu kont taċ-ċirkostanzi personali u ġenerali attinenti għall-applikazzjoni. Il-persunal li jintervista lill-applikanti għandu jkollu ukoll għarfien ġenerali miksub ta' problemi li jistgħu jaffettwaw b'mod ħażin il-kapaċità tal-applikanti li jiġu intervistati, bħal indikazzjonijiet li l-persuna setgħet ġiet ittorturata fil-passat.

Or. en

Emenda 701
Péter Niedermüller, Marju Lauristin, Josef Weidenholzer, Ana Gomes, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-persuna li tagħmel l-intervista għandha tkun kompetenti sabiex tieħu kont taċ-ċirkostanzi personali u ġenerali attinenti għall-applikazzjoni, ***inkluż*** l-oriġini kulturali, l-età, is-sess, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità sesswali u	6. Il-persuna li tagħmel l-intervista għandha tkun kompetenti sabiex tieħu kont taċ-ċirkostanzi personali u ġenerali attinenti għall-applikazzjoni, ***inklużi s-sitwazzjoni prevalenti fil-pajjiż ta' oriġini tal-applikant,*** l-oriġini kulturali, l-età, is-

l-vulnerabbiltà tal-applikant. Il-persunal li jintervista lill-applikanti għandu jkollu ukoll għarfien ġenerali miksub ta' problemi li jistgħu jaffettwaw b'mod ħażin il-kapaċità tal-applikanti li jiġu intervistati, bħal indikazzjonijiet li l-persuna setgħet ġiet ittorturata fil-passat.	sess, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità sesswali u l-vulnerabbiltà tal-applikant. Il-persunal li jintervista lill-applikanti għandu jkollu ukoll għarfien ġenerali miksub ta' problemi li jistgħu jaffettwaw b'mod ħażin il-kapaċità tal-applikanti li jiġu intervistati, bħal indikazzjonijiet li l-persuna setgħet ġiet ittorturata fil-passat.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din iż-żieda tirrifletti l-lingwaġġ użat fl-Artikolu 33(2)(b) tal-proposta.

Emenda 702
Emil Radev

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-persuna li tagħmel l-intervista għandha tkun kompetenti sabiex tieħu kont taċ-ċirkostanzi personali u ġenerali attinenti għall-applikazzjoni, inkluż l-oriġini kulturali, l-età, is-sess***, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità sesswali*** u l-vulnerabbiltà tal-applikant. Il-persunal li jintervista lill-applikanti għandu jkollu ukoll għarfien ġenerali miksub ta' problemi li jistgħu jaffettwaw b'mod ħażin il-kapaċità tal-applikanti li jiġu intervistati, bħal indikazzjonijiet li l-persuna setgħet ġiet ittorturata fil-passat.	6. Il-persuna li tagħmel l-intervista għandha tkun kompetenti sabiex tieħu kont taċ-ċirkostanzi personali u ġenerali attinenti għall-applikazzjoni, inkluż l-oriġini kulturali, l-età, is-sess u l-vulnerabbiltà tal-applikant. Il-persunal li jintervista lill-applikanti għandu jkollu ukoll għarfien ġenerali miksub ta' problemi li jistgħu jaffettwaw b'mod ħażin il-kapaċità tal-applikanti li jiġu intervistati, bħal indikazzjonijiet li l-persuna setgħet ġiet ittorturata fil-passat.

Or. bg

Emenda 703
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar, Filiz Hyusmenova

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-persunal li jintervista lill-applikanti, inklużi esperti mibgħuta mill-Aġenzija tal-Unjoni ***Eworpea*** għall-Asil, għandu jkun irċieva taħriġ rilevanti minn qabel, li għandu jinkludi l-elementi elenkati fl-Artikolu 7(5) tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-UE għall-Asil), inkluż fir-rigward tal-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, il-liġi tal-Unjoni dwar l-asil, u regoli dwar l-aċċess għall-proċedura ta' protezzjoni internazzjonali, inkluż għal persuni li jistgħu jeħtieġu garanziji proċedurali ***speċjali***.	7. Il-persunal li jintervista lill-applikanti, inklużi esperti mibgħuta mill-Aġenzija tal-Unjoni ***Ewropea*** għall-Asil, għandu jkun irċieva taħriġ rilevanti minn qabel, li għandu jinkludi l-elementi elenkati fl-Artikolu 7(5) tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-UE għall-Asil), inkluż fir-rigward tal-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, il-liġi tal-Unjoni dwar l-asil, u regoli dwar l-aċċess għall-proċedura ta' protezzjoni internazzjonali, inkluż għal persuni li jistgħu jeħtieġu garanziji proċedurali ***speċifiċi***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tallinja t-terminoloġija mal-pożizzjoni tal-PE dwar strumenti oħra tas-SEKA, b'mod partikolari d-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza.

Emenda 704
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 8 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-intervista personali għandu jkun provdut interpretu li jkun kapaċi jiżgura komunikazzjoni adegwata bejn l-applikant u l-persuna li tmexxi l-intervista. Il-komunikazzjoni għandha ssir fl-ilsien li jippreferi l-applikant ħlief jekk ikun hemm ilsien ieħor li huwa jifhem u li bih huwa jkun kapaċi jikkomunika b'mod ċar.	Għall-intervista personali għandu jkun provdut interpretu li jkun kapaċi jiżgura komunikazzjoni adegwata bejn l-applikant u l-persuna li tmexxi l-intervista. ***L-interpreti għandhom ikunu kompetenti biex jittraduċu b'mod adegwat dikjarazzjonijiet relatati mal-persunal u ċ-ċirkostanzi ġenerali tal-applikazzjoni, inklużi l-oriġini kulturali, l-età, is-sess, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità sesswali, l-espressjoni tal-ġeneru, il-karatteristiċi sesswali, u l-vulnerabbiltà tal-applikant, filwaqt li jiġu evitati espressjonijiet żbaljati, sterjotipiċi u derogatorji.*** Il-

komunikazzjoni għandha ssir fl-ilsien li jippreferi l-applikant ħlief jekk ikun hemm ilsien ieħor li huwa jifhem u li bih huwa jkun kapaċi jikkomunika b'mod ċar.

Or. en

Emenda 705
Laura Ferrara

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 8 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn mitlub mill-applikant, l-awtorità determinanti għandha tiżgura li dawk li jintervistaw u l-interpreti jkunu tal-istess sess bħall-applikant, sakemm dan ikun possibbli u l-awtorità determinanti ma jkollhiex raġunijiet biex temmen li tali talba hi bbażata fuq raġunijiet li mhumiex relatati ma' diffikultajiet min-naħa tal-applikant biex jippreżenta r-raġunijiet tal-applikazzjoni tiegħu b'mod komprensiv;	***imħassar***

Or. it

Emenda 706
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 8 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn mitlub mill-applikant, l-awtorità determinanti għandha tiżgura li dawk li jintervistaw u l-interpreti jkunu tal-istess sess bħall-applikant***, sakemm dan ikun possibbli u l-awtorità determinanti ma jkollhiex raġunijiet biex temmen li tali talba hi bbażata fuq raġunijiet li mhumiex relatati ma' diffikultajiet min-naħa tal-***	Fejn mitlub mill-applikant, l-awtorità determinanti għandha tiżgura li dawk li jintervistaw u l-interpreti jkunu tal-istess sess bħall-applikant.

applikant biex jippreżenta r-raġunijiet tal-applikazzjoni tiegħu b'mod komprensiv.

Or. en

Emenda 707
Emil Radev

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 8 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn mitlub mill-applikant, l-awtorità determinanti ***għandha*** tiżgura li dawk li jintervistaw u l-interpreti jkunu tal-istess sess bħall-applikant, sakemm dan ikun possibbli u l-awtorità determinanti ma jkollhiex raġunijiet biex temmen li tali talba hi bbażata fuq raġunijiet li mhumiex relatati ma' diffikultajiet min-naħa tal-applikant biex jippreżenta r-raġunijiet tal-applikazzjoni tiegħu b'mod komprensiv.	Fejn mitlub mill-applikant, l-awtorità determinanti ***tista'*** tiżgura li dawk li jintervistaw u l-interpreti jkunu tal-istess sess bħall-applikant, sakemm dan ikun possibbli u l-awtorità determinanti ma jkollhiex raġunijiet biex temmen li tali talba hi bbażata fuq raġunijiet li mhumiex relatati ma' diffikultajiet min-naħa tal-applikant biex jippreżenta r-raġunijiet tal-applikazzjoni tiegħu b'mod komprensiv.

Or. bg

Emenda 708
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 8 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn mitlub mill-applikant, l-awtorità determinanti għandha tiżgura li dawk li jintervistaw u l-interpreti jkunu tal-istess sess bħall-applikant, sakemm dan ikun possibbli ***u*** l-awtorità determinanti ***ma jkollhiex raġunijiet biex temmen li tali talba hi bbażata fuq raġunijiet li mhumiex relatati ma' diffikultajiet min-naħa tal-applikant biex jippreżenta r-raġunijiet tal-applikazzjoni tiegħu b'mod komprensiv.***	L-awtorità determinanti għandha tiżgura li dawk li jintervistaw u l-interpreti jkunu tal-istess sess bħall-applikant, sakemm dan ikun possibbli***. Kemm*** l-awtorità determinanti ***kif ukoll l-interpreti għandhom ikunu diġà rċevew taħriġ speċifiku dwar il-liġi internazzjonali fir-rigward tal-asil, kif ukoll dwar l-identifikazzjoni ta' vittmi tat-traffikar, it-tortura, vittmi tal-vjolenza minħabba***

	orjentazzjoni sesswali u vjolenza bbażata fuq is-sess.

Or. en

Emenda 709
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. In-nuqqas ta' intervista personali ma għandux jimpedixxi lill-awtorità determinanti milli tieħu deċiżjoni dwar applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 710
Péter Niedermüller, Birgit Sippel, Marju Lauristin, Ana Gomes, Josef Weidenholzer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. In-nuqqas ta' intervista personali ma għandux jimpedixxi lill-awtorità determinanti milli tieħu deċiżjoni dwar applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.	9. ***Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10(1), u l-Artikolu 11(1), u sakemm ikunu saru sforzi suffiċjenti biex jiġi żgurat li l-applikant ingħata l-opportunità ta' intervista personali,*** in-nuqqas ta' intervista personali ma għandux jimpedixxi lill-awtorità determinanti milli tieħu deċiżjoni dwar applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Nistgħu naċċettaw li xi deċiżjonijiet se jittieħdu mingħajr intervista personali iżda l-Artikoli 11 u 12 jipprovdu dritt tal-applikant għal dawn l-intervisti u jinħtieġu sforzi suffiċjenti min-naħa tal-awtoritajiet determinanti biex ikun żgurat li tista' ssir intervista personali qabel ma tkun tista' ttieħed deċiżjoni mingħajr intervista personali.

Emenda 711
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. In-nuqqas ta' intervista personali ma għandux jimpedixxi lill-awtorità determinanti milli tieħu deċiżjoni dwar applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.	9. In-nuqqas ta' intervista personali***, li tkun tħalliet barra b'mod konformi mal-paragrafu 5,*** ma għandux jimpedixxi lill-awtorità determinanti milli tieħu deċiżjoni dwar applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu jiddikjara r-raġunijiet aċċettabbli biex titħalla barra l-intervista. Ikun aħjar fl-interess taċ-ċarezza leġiżlattiva li d-dritt tal-awtorità determinanti li tipproċedi b'deċiżjoni mingħajr ma tkun twettqet intervista jiġi marbut ma' dan il-paragrafu.

Emenda 712
Péter Niedermüller, Josef Weidenholzer, Ana Gomes, Caterina Chinnici, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtorità determinanti jew ***kwalunkwe awtorità oħra jew*** esperti li jassistuha jew li jwettqu l-intervista personali għandhom iħejju rapport fil-fond u fattwali li jinkludi ***l-element*** sostantivi kollha jew traskrizzjoni ta' kull intervista personali.	1. L-awtorità determinanti jew esperti ***mibgħuta mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil imsemmija fl-Artikolu 5(4a)*** li jassistuha jew li jwettqu l-intervista personali għandhom iħejju rapport fil-fond u fattwali li jinkludi ***l-elementi*** sostantivi kollha jew traskrizzjoni

ta' kull intervista personali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-esperti mibgħuta mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil jenħtieġ li jkunu intitolati li jissostitwixxu lill-awtorità determinati tal-Istat Membru responsabbli għall-finijiet tal-parti fl-eżami tal-applikazzjonijiet.

Emenda 713
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtorità determinanti jew kwalunkwe awtorità oħra jew esperti li jassistuha jew li jwettqu l-intervista personali għandhom iħejju rapport fil-fond u fattwali li jinkludi ***l-element*** sostantivi kollha jew traskrizzjoni ta' kull intervista personali.	1. L-awtorità determinanti jew kwalunkwe awtorità oħra jew esperti li jassistuha jew li jwettqu l-intervista personali għandhom iħejju rapport fil-fond u fattwali li jinkludi ***l-elementi*** sostantivi kollha jew traskrizzjoni ta' kull intervista personali. ***L-applikant jingħata kopja tar-rapport.***

Or. en

Emenda 714
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtorità determinanti ***jew kwalunkwe awtorità oħra jew esperti li jassistuha jew li jwettqu*** l-intervista personali ***għandhom iħejju*** rapport fil-fond u fattwali li jinkludi ***l-element*** sostantivi kollha ***jew*** traskrizzjoni ta' kull intervista	1. L-awtorità determinanti ***li twettaq*** l-intervista personali ***għandha tħejji*** rapport fil-fond u fattwali li jinkludi ***l-elementi*** sostantivi kollha ***u*** traskrizzjoni ta' kull intervista personali.

personali.

Or. en

Emenda 715
Péter Niedermüller, Birgit Sippel, Josef Weidenholzer, Ana Gomes, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-intervista personali għandha tkun irreġistrata bl-użu ta' mezzi tal-awdjo jew awdjoviżivi għar-reġistrazzjoni. L-applikant għandu jkun infurmat minn qabel dwar din ir-reġistrazzjoni.	2. L-intervista personali għandha tkun irreġistrata bl-użu ta' mezzi tal-awdjo jew awdjoviżivi għar-reġistrazzjoni. L-applikant għandu jkun infurmat minn qabel dwar ***il-fatt ta'*** din ir-reġistrazzjoni ***u l-għan tagħha. Madankollu, fejn l-applikant ikun minorenni, l-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu kunsiderazzjoni primarja fid-deċiżjoni dwar jekk l-intervista personali hijiex irreġistrata b'mod awdjoviżiv.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-applikant jenħtieġ li jkun infurmat dwar l-għan tar-reġistrazzjoni. Fil-każ ta' minorenni, jenħtieġ li jiġi deċiż jekk ikunx fl-aħjar interessi tat-tfal li ssir reġistrazzjoni awdjoviżiva tal-intervista.

Emenda 716
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-intervista personali għandha tkun irreġistrata bl-użu ta' mezzi tal-awdjo jew awdjoviżivi għar-reġistrazzjoni. L-applikant għandu jkun infurmat minn qabel	2. L-intervista personali għandha tkun irreġistrata bl-użu ta' mezzi tal-awdjo jew awdjoviżivi għar-reġistrazzjoni. L-applikant għandu jkun infurmat minn qabel dwar din ir-reġistrazzjoni ***u għandu***

dwar din ir-reġistrazzjoni.	***jintalab il-kunsens tiegħu***.

Or. en

Emenda 717
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-intervista personali għandha tkun irreġistrata bl-użu ta' mezzi tal-awdjo jew awdjoviżivi għar-reġistrazzjoni. L-applikant għandu jkun infurmat minn qabel dwar din ir-reġistrazzjoni.	2. L-intervista personali għandha tkun irreġistrata bl-użu ta' mezzi tal-awdjo jew awdjoviżivi għar-reġistrazzjoni. L-applikant għandu jkun infurmat minn qabel dwar din ir-reġistrazzjoni ***u jagħti l-kunsens tiegħu għaliha***.

Or. en

Emenda 718
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-intervista personali għandha tkun irreġistrata bl-użu ta' mezzi tal-awdjo ***jew awdjoviżivi*** għar-reġistrazzjoni. L-applikant għandu jkun infurmat minn qabel dwar din ir-reġistrazzjoni.	2. L-intervista personali għandha tkun irreġistrata bl-użu ta' mezzi tal-awdjo għar-reġistrazzjoni. L-applikant għandu jkun infurmat minn qabel dwar din ir-reġistrazzjoni ***u dwar l-użu li se jsir minnha***.

Or. en

Emenda 719
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-applikant għandu jingħata l-opportunità li jagħmel kummenti u/jew jipprovdi kjarifiki oralment jew bil-miktub dwar kwalunkwe traduzzjoni ħażina jew kull informazzjoni żbaljata li jidhru fir-rapport jew it-traskrizzjoni, ***meta tintemm l-intervista personali jew*** f'limitu ta' żmien speċifiku qabel id-deċiżjoni tal-awtorità determinanti***. Għal dan il-għan, l-applikant għandu*** jkun ***infurmat dwar il-kontenut kollu*** tar-rapport, ***jew l-elementi sostantivi tat-traskrizzjoni jekk meħtieġ bl-assistenza ta' interpretu***. Wara, l-applikant għandu jintalab jikkonferma li l-kontenut tar-rapport jew it-traskrizzjoni jirriflettu b'mod tajjeb l-intervista personali.	3. L-applikant għandu jingħata l-opportunità li jagħmel kummenti u/jew jipprovdi kjarifiki oralment jew bil-miktub dwar kwalunkwe traduzzjoni ħażina jew kull informazzjoni żbaljata li jidhru fir-rapport jew it-traskrizzjoni, f'limitu ta' żmien speċifiku qabel id-deċiżjoni tal-awtorità determinanti ***u wara li*** jkun ***irċieva kopja*** tar-rapport, ***tradotta f'ilsien li jifhem, u jkun irċieva parir legali***. Wara, l-applikant għandu jintalab jikkonferma li l-kontenut tar-rapport jew it-traskrizzjoni jirriflettu b'mod tajjeb l-intervista personali ***u għandu jingħata l-opportunità li jżid elementi, jikkoreġih u jivverifika l-inklużjoni ta' dawn iż-żidiet u/jew korrezzjonijiet fir-rapport tal-intervista***.

Or. en

Emenda 720
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-applikant għandu jingħata l-opportunità li jagħmel kummenti u/jew jipprovdi kjarifiki oralment jew bil-miktub dwar kwalunkwe traduzzjoni ħażina jew kull informazzjoni żbaljata li jidhru fir-rapport jew it-traskrizzjoni, meta tintemm l-intervista personali jew f'limitu ta' żmien speċifiku qabel id-deċiżjoni tal-awtorità determinanti. Għal dan il-għan, l-applikant għandu jkun infurmat dwar il-kontenut	3. L-applikant għandu jingħata l-opportunità li jagħmel kummenti u/jew jipprovdi kjarifiki oralment jew bil-miktub dwar kwalunkwe traduzzjoni ħażina jew kull informazzjoni żbaljata ***jew żbalji fattwali oħra*** li jidhru fir-rapport jew it-traskrizzjoni, meta tintemm l-intervista personali jew f'limitu ta' żmien speċifiku qabel id-deċiżjoni tal-awtorità determinanti. Għal dan il-għan, l-applikant

kollu tar-rapport, jew l-elementi sostantivi tat-traskrizzjoni jekk meħtieġ bl-assistenza ta' interpretu. Wara, l-applikant għandu jintalab jikkonferma li l-kontenut tar-rapport jew it-traskrizzjoni jirriflettu b'mod tajjeb l-intervista personali.

għandu jkun infurmat dwar il-kontenut kollu tar-rapport, jew l-elementi sostantivi tat-traskrizzjoni jekk meħtieġ bl-assistenza ta' interpretu. Wara, l-applikant għandu jintalab jikkonferma li l-kontenut tar-rapport jew it-traskrizzjoni jirriflettu b'mod tajjeb l-intervista personali.

Or. en

Emenda 721
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-applikant għandu jingħata l-opportunità li jagħmel kummenti u/jew jipprovdi kjarifiki oralment jew bil-miktub dwar kwalunkwe traduzzjoni ħażina jew kull informazzjoni żbaljata li jidhru fir-rapport ***jew it-traskrizzjoni***, meta tintemm l-intervista personali jew f'limitu ta' żmien speċifiku qabel id-deċiżjoni tal-awtorità determinanti. Għal dan il-għan, l-applikant għandu jkun infurmat dwar il-kontenut kollu tar-rapport, ***jew*** l-elementi sostantivi tat-traskrizzjoni jekk meħtieġ bl-assistenza ta' interpretu. Wara, l-applikant għandu jintalab jikkonferma li l-kontenut tar-rapport ***jew it-traskrizzjoni*** jirriflettu b'mod tajjeb l-intervista personali.	3. L-applikant għandu jingħata l-opportunità li jagħmel kummenti u/jew jipprovdi kjarifiki oralment jew bil-miktub dwar kwalunkwe traduzzjoni ħażina jew kull informazzjoni żbaljata li jidhru fir-rapport ***u t-traskrizzjoni***, meta tintemm l-intervista personali jew f'limitu ta' żmien speċifiku qabel id-deċiżjoni tal-awtorità determinanti. Għal dan il-għan, l-applikant għandu jkun infurmat dwar il-kontenut kollu tar-rapport, ***u*** l-elementi sostantivi tat-traskrizzjoni jekk meħtieġ bl-assistenza ta' interpretu. Wara, l-applikant għandu jintalab jikkonferma li l-kontenut tar-rapport ***u t-traskrizzjoni*** jirriflettu b'mod tajjeb l-intervista personali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ikun aħjar li l-applikanti jkollhom id-dritt jipprovdu kummenti u kjarifika kemm dwar ir-rapport kif ukoll dwar it-traskrizzjoni.

Emenda 722
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. ***L-applikanti u l-konsulenti*** legali ***tagħhom jew konsulenti oħra għandu jkollhom*** aċċess għal dan ir-rapport ***jew it-traskrizzjoni*** u r-reġistrazzjoni, qabel ma l-awtorità determinanti tieħu d-deċiżjoni tagħha.	5. ***L-awtorità determinanti għandha tiżgura li l-applikant u/ jew il-kustodju jew il-konsulent*** legali ***li qed jirrappreżenta lill-applikant ikollu*** aċċess għal dan ir-rapport u ***t-traskrizzjoni u*** r-reġistrazzjoni ***mill-aktar fis possibbli wara l-intervista, u fi kwalunkwe każ fi żmien xieraq*** qabel ma l-awtorità determinanti tieħu d-deċiżjoni tagħha.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kjarifika sabiex jiġi żgurat li l-applikanti jkollhom aċċess għad-dokumenti bażiċi li fuqhom se jiġu bbażati deċiżjonijiet dwar l-applikazzjoni.

Emenda 723
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-applikanti u l-konsulenti legali tagħhom ***jew konsulenti oħra*** għandu jkollhom aċċess għal dan ir-rapport jew it-traskrizzjoni u r-reġistrazzjoni, qabel ma l-awtorità determinanti tieħu d-deċiżjoni tagħha.	5. L-applikanti u l-konsulenti legali tagħhom għandu jkollhom aċċess għal dan ir-rapport jew it-traskrizzjoni u r-reġistrazzjoni, qabel ma l-awtorità determinanti tieħu d-deċiżjoni tagħha.

Or. en

Emenda 724
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Fejn l-applikazzjoni hija eżaminata skont il-proċedura aċċellerata ta' eżami, l-awtorità determinanti tista' tagħti aċċess għar-rapport jew it-traskrizzjoni tar-reġistrazzjoni fl-istess ħin li fih tittieħed id-deċiżjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 725
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Fejn l-applikazzjoni hija eżaminata skont il-proċedura aċċellerata ta' eżami, l-awtorità determinanti tista' tagħti aċċess għar-rapport jew it-traskrizzjoni tar-reġistrazzjoni fl-istess ħin li fih tittieħed id-deċiżjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 726
Brice Hortefeux, Rachida Dati

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Fejn l-applikazzjoni hija eżaminata skont il-proċedura aċċellerata ta' eżami, l-awtorità determinanti tista' tagħti aċċess għar-rapport jew it-traskrizzjoni tar-reġistrazzjoni ***fl-istess ħin li fih*** tittieħed	6. ***Fil-każ*** fejn l-applikazzjoni hija eżaminata skont il-proċedura aċċellerata ta' eżami, l-awtorità determinanti tista' tagħti aċċess għar-rapport jew it-traskrizzjoni tar-reġistrazzjoni ***minn x'ħin*** tittieħed id-

id-deċiżjoni.	deċiżjoni.

Or. fr

Emenda 727
Miltiadis Kyrkos

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Fejn l-applikazzjoni hija eżaminata skont il-proċedura aċċellerata ta' eżami, l-awtorità determinanti tista' tagħti aċċess għar-rapport jew it-traskrizzjoni tar-reġistrazzjoni ***fl-istess ħin li fih*** tittieħed ***id-deċiżjoni***.	6. Fejn l-applikazzjoni hija eżaminata skont il-proċedura aċċellerata ta' eżami, l-awtorità determinanti tista' tagħti aċċess għar-rapport jew it-traskrizzjoni tar-reġistrazzjoni ***qabel ma*** tittieħed ***deċiżjoni***.

Or. en

Emenda 728
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-awtoritajiet responsabbli għandhom jaħżnu jew ir-reġistrazzjoni jew it-traskrizzjoni għal għaxar snin mid-data ta' deċiżjoni finali. Ir-reġistrazzjoni għandha titħassar meta jiskadi dan il-perjodu ***jew fejn ikun jirrigwradja persuna li tkun kisbet ċittadinanza ta' kwalunkwe Stat Membru qabel ma jiskadi dak il-perjodu hekk kif l-Istat Membru isir konxju li l-persuna kkonċernata tkun kisbet din iċ-ċittadinanza***.	7. L-awtoritajiet responsabbli għandhom jaħżnu jew ir-reġistrazzjoni jew it-traskrizzjoni għal għaxar snin mid-data ta' deċiżjoni finali. Ir-reġistrazzjoni għandha titħassar meta jiskadi dan il-perjodu.

Or. en

Emenda 729

Péter Niedermüller, Birgit Sippel, Caterina Chinnici, Ana Gomes, Josef Weidenholzer

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-awtoritajiet responsabbli għandhom jaħżnu jew ir-reġistrazzjoni jew it-traskrizzjoni għal għaxar snin mid-data ta' deċiżjoni finali. Ir-reġistrazzjoni għandha titħassar meta jiskadi dan il-perjodu jew fejn ikun ***jirrigwradja*** persuna li tkun kisbet ċittadinanza ta' kwalunkwe Stat Membru qabel ma jiskadi dak il-perjodu hekk kif l-Istat Membru isir konxju li l-persuna kkonċernata tkun kisbet din iċ-ċittadinanza.	7. L-awtoritajiet responsabbli għandhom jaħżnu jew ir-reġistrazzjoni jew it-traskrizzjoni għal għaxar snin mid-data ta' deċiżjoni finali ***dwar l-applikazzjoni, inklużi l-livelli kollha ta' appell***. Ir-reġistrazzjoni għandha titħassar meta jiskadi dan il-perjodu jew fejn ikun ***jirrigwarda*** persuna li tkun kisbet ċittadinanza ta' kwalunkwe Stat Membru qabel ma jiskadi dak il-perjodu hekk kif l-Istat Membru isir konxju li l-persuna kkonċernata tkun kisbet din iċ-ċittadinanza.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa possibbli, fil-kuntest ta' applikazzjonijiet sussegwenti, li reġistrazzjoni tal-intervista personali tkun utli wara li tkun ittieħdet deċiżjoni finali dwar applikazzjoni. Madankollu, minħabba l-limiti ta' żmien biex l-applikazzjonijiet jiġu indirizzati b'mod ġenerali, u b'mod partikolari l-applikazzjonijiet sussegwenti, ikun impossibbli li wieħed jifhem għaliex ir-reġistrazzjoni tinżamm għal perjodu ta' għaxar snin. Sena wara li ttieħed deċiżjoni finali jenħtieġ li tkun aktar milli suffiċjenti.

Emenda 730
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-awtoritajiet responsabbli għandhom jaħżnu ***jew ir-reġistrazzjoni jew it-traskrizzjoni*** għal għaxar snin mid-data ta' deċiżjoni finali. Ir-reġistrazzjoni għandha titħassar meta jiskadi dan il-perjodu jew fejn ikun ***jirrigwradja*** persuna	7. L-awtoritajiet responsabbli għandhom jaħżnu ***r-reġistrazzjoni u t-traskrizzjoni*** għal għaxar snin mid-data ta' deċiżjoni finali. Ir-reġistrazzjoni għandha titħassar ***u t-traskrizzjoni tinqered*** meta jiskadi dan il-perjodu jew fejn ikun

li tkun kisbet ċittadinanza ta' kwalunkwe Stat Membru qabel ma jiskadi dak il-perjodu hekk kif l-Istat Membru isir konxju li l-persuna kkonċernata tkun kisbet din iċ-ċittadinanza.

jirrigwarda persuna li tkun kisbet ċittadinanza ta' kwalunkwe Stat Membru qabel ma jiskadi dak il-perjodu hekk kif l-Istat Membru isir konxju li l-persuna kkonċernata tkun kisbet din iċ-ċittadinanza.

Or. en

Emenda 731
Kinga Gál

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. ***L-awtoritajiet responsabbli għandhom jaħżnu jew ir-reġistrazzjoni jew it-traskrizzjoni għal għaxar snin mid-data*** ta' ***deċiżjoni finali***. Ir-reġistrazzjoni għandha titħassar meta jiskadi dan il-perjodu jew fejn ikun jirrigwradja persuna li tkun kisbet ċittadinanza ta' kwalunkwe Stat Membru qabel ma jiskadi dak il-perjodu hekk kif l-Istat Membru isir konxju li l-persuna kkonċernata tkun kisbet din iċ-ċittadinanza.	7. ***Għandu jkun f'idejn l-Istati Membri biex jiddeterminaw il-perjodu*** ta' ***ħażna għar-reġistrazzjoni jew għat-traskrizzjoni***. Ir-reġistrazzjoni għandha titħassar meta jiskadi dan il-perjodu jew fejn ikun jirrigwradja persuna li tkun kisbet ċittadinanza ta' kwalunkwe Stat Membru qabel ma jiskadi dak il-perjodu hekk kif l-Istat Membru isir konxju li l-persuna kkonċernata tkun kisbet din iċ-ċittadinanza.

Or. hu

Emenda 732
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-awtoritajiet responsabbli għandhom jaħżnu jew ir-reġistrazzjoni jew it-traskrizzjoni għal ***għaxar snin*** mid-data ***ta' deċiżjoni*** finali. Ir-reġistrazzjoni għandha titħassar meta jiskadi dan il-perjodu jew fejn ikun ***jirrigwradja*** persuna	7. L-awtoritajiet responsabbli għandhom jaħżnu jew ir-reġistrazzjoni jew it-traskrizzjoni għal ***sentejn*** mid-data ***tad-deċiżjoni*** finali. Ir-reġistrazzjoni għandha titħassar meta jiskadi dan il-perjodu jew fejn ikun ***jirrigwarda*** persuna li tkun kisbet

li tkun kisbet ċittadinanza ta' kwalunkwe Stat Membru qabel ma jiskadi dak il-perjodu hekk kif l-Istat Membru isir konxju li l-persuna kkonċernata tkun kisbet din iċ-ċittadinanza.	ċittadinanza ta' kwalunkwe Stat Membru qabel ma jiskadi dak il-perjodu hekk kif l-Istat Membru isir konxju li l-persuna kkonċernata tkun kisbet din iċ-ċittadinanza.

Or. en

Emenda 733
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-awtoritajiet responsabbli għandhom jaħżnu jew ir-reġistrazzjoni jew it-traskrizzjoni għal ***għaxar*** snin mid-data ta' deċiżjoni finali. Ir-reġistrazzjoni għandha titħassar meta jiskadi dan il-perjodu jew fejn ikun ***jirrigwradja*** persuna li tkun kisbet ċittadinanza ta' kwalunkwe Stat Membru qabel ma jiskadi dak il-perjodu hekk kif l-Istat Membru isir konxju li l-persuna kkonċernata tkun kisbet din iċ-ċittadinanza.	7. L-awtoritajiet responsabbli għandhom jaħżnu jew ir-reġistrazzjoni jew it-traskrizzjoni għal ***ħames*** snin mid-data ta' deċiżjoni finali. Ir-reġistrazzjoni għandha titħassar meta jiskadi dan il-perjodu jew fejn ikun ***jirrigwarda*** persuna li tkun kisbet ċittadinanza ta' kwalunkwe Stat Membru qabel ma jiskadi dak il-perjodu hekk kif l-Istat Membru isir konxju li l-persuna kkonċernata tkun kisbet din iċ-ċittadinanza.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-perjodu iqsar taż-żamma tad-data jikkorrispondi għall-perjodi taż-żamma tad-data ġodda miftiehma fil-pożizzjoni tal-PE dwar l-Eurodac.

Emenda 734
Péter Niedermüller, Marju Lauristin, Caterina Chinnici, Ana Gomes, Josef Weidenholzer

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***L-applikanti*** għandu ***jkollhom id-***	1. ***Malli tkun ġiet irreġistrata***

dritt li jikkonsultaw, b'mod effettiv, konsulent legali jew konsulent ieħor, li jkun ammess jew permess bħala tali skont il-liġi nazzjonali, dwar materji relatati mal-applikazzjonijiet ***tagħhom*** fl-istadji kollha tal-proċedura.	***applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali mill-awtoritajiet responsabbli b'mod konformi mal-Artikolu 27, l-applikant*** għandu ***jkollu d-dritt li jikkonsulta***, b'mod effettiv, konsulent legali jew konsulent ieħor, li jkun ammess jew permess bħala tali skont il-liġi nazzjonali, dwar materji relatati mal-applikazzjonijiet ***tiegħu*** fl-istadji kollha tal-proċedura.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-applikant jeħtieġlu jkollu assistenza u rappreżentanza legali fi żmien tajjeb biex jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu (b'mod konformi mal-proċessi fi tliet stadji stabbiliti fil-proposta tal-Kummissjoni). Malli Stat Membru jkun irreġistra applikazzjoni, applikant jenħtieġ li jkun intitolat għal assistenza u rappreżentanza legali.

Emenda 735
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-applikanti għandu jkollhom id-dritt li jikkonsultaw, b'mod effettiv, konsulent legali ***jew konsulent ieħor***, li jkun ammess jew permess bħala tali skont il-liġi nazzjonali, dwar materji relatati mal-applikazzjonijiet tagħhom fl-istadji kollha tal-proċedura.	1. L-applikanti għandu jkollhom id-dritt li jikkonsultaw, b'mod effettiv, konsulent legali, li jkun ammess jew permess bħala tali skont il-liġi nazzjonali, dwar materji relatati mal-applikazzjonijiet tagħhom fl-istadji kollha tal-proċedura.

Or. en

Emenda 736
Péter Niedermüller, Marju Lauristin, Caterina Chinnici, Josef Weidenholzer, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-applikant li jagħżel il-konsulent legali tiegħu stess jew konsulent ieħor bi spiża tiegħu, applikant jista' jitlob assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas fl-istadji kollha tal-proċedura skont l-Artikolu 15 sa 17. L-applikant għandu jkun infurmat dwar id-dritt tiegħu li jitlob assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas fl-istadji kollha tal-proċedura.	2. Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-applikant li jagħżel il-konsulent legali tiegħu stess jew konsulent ieħor bi spiża tiegħu, applikant jista' jitlob assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas fl-istadji kollha tal-proċedura skont l-Artikolu 15 sa 17. ***Malli tiġi rreġistrata applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali mill-awtoritajiet responsabbli b'mod konformi mal-Artikolu 27,*** l-applikant għandu jkun infurmat dwar id-dritt tiegħu li jitlob assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas fl-istadji kollha tal-proċedura.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Emenda mressqa għal konsistenza mal-emenda għall-Artikolu 14(1).

Emenda 737
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Jean Lambert, Judith Sargentini, Bodil Valero

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-applikant li jagħżel il-konsulent legali tiegħu stess jew konsulent ieħor bi spiża tiegħu, applikant jista' jitlob assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas fl-istadji kollha tal-proċedura skont l-Artikolu 15 sa 17. L-applikant għandu jkun infurmat dwar id-dritt tiegħu li jitlob assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas fl-istadji kollha tal-proċedura.	2. Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-applikant li jagħżel il-konsulent legali tiegħu stess jew konsulent ieħor bi spiża tiegħu, applikant jista' jitlob assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas fl-istadji kollha tal-proċedura skont l-Artikolu 15 sa 17. L-applikant għandu jkun infurmat ***b'mod effettiv, mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn meta jirreġistra l-applikazzjoni*** dwar id-dritt tiegħu li jitlob assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas fl-istadji kollha tal-proċedura.

Or. en

Emenda 738
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-applikant li jagħżel il-konsulent legali tiegħu stess jew konsulent ieħor bi spiża tiegħu, applikant jista' jitlob assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas fl-istadji kollha tal-proċedura skont l-Artikolu 15 sa 17. L-applikant għandu jkun infurmat dwar id-dritt tiegħu li jitlob assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas fl-istadji kollha tal-proċedura.	2. Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-applikant li jagħżel il-konsulent legali tiegħu stess jew konsulent ieħor bi spiża tiegħu, applikant jista' jitlob assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas fl-istadji kollha tal-proċedura ***, u malli tkun ġiet iddikjarata r-rieda tiegħu li jirċievi protezzjoni internazzjonali***.

Or. en

Emenda 739
Elissavet Vozemberg-Vrionidi

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-applikant li jagħżel il-konsulent legali tiegħu stess jew konsulent ieħor bi spiża tiegħu, applikant jista' jitlob assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas fl-istadji kollha tal-proċedura skont l-Artikolu 15 sa 17. L-applikant għandu jkun infurmat dwar id-dritt tiegħu li jitlob assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas ***fl-istadji kollha*** tal-proċedura.	2. Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-applikant li jagħżel il-konsulent legali tiegħu stess jew konsulent ieħor bi spiża tiegħu, applikant jista' jitlob assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas ***fl-istadju*** tal-proċedura ***tal-appell***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'xi Stati Membri, mhijiex ipprovduta assistenza legali mingħajr ħlas fil-livell amministrattiv.

Emenda 740
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-applikant li jagħżel il-konsulent legali tiegħu stess jew konsulent ieħor bi spiża tiegħu, applikant jista' jitlob assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas ***fl-istadji kollha*** tal-proċedura skont l-Artikolu 15 sa 17. L-applikant għandu jkun infurmat dwar id-dritt tiegħu li jitlob assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas ***fl-istadji kollha*** tal-proċedura.	2. Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-applikant li jagħżel il-konsulent legali tiegħu stess jew konsulent ieħor bi spiża tiegħu, applikant jista' jitlob assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas ***fl-istadju tal-appell*** tal-proċedura skont l-Artikolu 15 sa 17. L-applikant għandu jkun infurmat dwar id-dritt tiegħu li jitlob assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas ***fl-istadju tal-appell*** tal-proċedura.

Or. en

Emenda 741
Péter Niedermüller, Marju Lauristin, Caterina Chinnici, Josef Weidenholzer, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fuq talba tal-applikant, l-Istati Membri għandhom jipprovdu assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas fil-proċedura amministrattiva prevista fil-Kapitolu III u fil-proċedura tal-appell prevista fil-Kapitolu V.	1. ***Malli tkun ġiet irreġistrata applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali mill-awtoritajiet responsabbli b'mod konformi mal-Artikolu 27,*** fuq talba tal-applikant, l-Istati Membri għandhom jipprovdu assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas fil-proċedura amministrattiva prevista fil-Kapitolu III u fil-proċedura tal-appell

prevista fil-Kapitolu V.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Emenda mressqa għal konsistenza ma' emendi preċedenti għall-Artikolu 14.

Emenda 742
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Fuq talba tal-applikant,*** l-Istati Membri għandhom jipprovdu assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas fil-proċedura amministrattiva prevista fil-Kapitolu III u fil-proċedura tal-appell prevista fil-Kapitolu V.	1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas fil-proċedura amministrattiva prevista fil-Kapitolu III u fil-proċedura tal-appell prevista fil-Kapitolu V***, mill-aktar fis possibbli wara li tkun intweriet ir-rieda li tinkiseb protezzjoni internazzjonali u, fi kwalunkwe każ, mhux aktar tard minn jumejn wara din id-dikjarazzjoni***.

Or. en

Emenda 743
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fuq talba tal-applikant, l-Istati Membri għandhom jipprovdu assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas fil-proċedura amministrattiva prevista fil-Kapitolu III u fil-proċedura tal-appell prevista fil-Kapitolu V.	1. Fuq talba tal-applikant, l-Istati Membri għandhom jipprovdu***, mill-aktar fis possibbli wara li tkun ġiet ippreżentata l-applikazzjoni,*** assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas fil-proċedura amministrattiva prevista fil-Kapitolu III u fil-proċedura tal-appell

prevista fil-Kapitolu V.

Or. en

Emenda 744
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fuq talba tal-applikant, l-Istati Membri għandhom jipprovdu assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas fil-proċedura ***amministrattiva prevista fil-Kapitolu III u fil-proċedura*** tal-appell prevista fil-Kapitolu V.	1. Fuq talba tal-applikant, l-Istati Membri għandhom jipprovdu assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas fil-proċedura tal-appell prevista fil-Kapitolu V.

Or. en

Emenda 745
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fuq talba tal-applikant, l-Istati Membri għandhom jipprovdu assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas ***fil-proċedura amministrattiva prevista fil-Kapitolu III u fil-proċedura tal-appell prevista fil-Kapitolu V***.	1. Fuq talba tal-applikant, l-Istati Membri għandhom jipprovdu assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas ***għal kwistjonijiet relatati mal-applikazzjonijiet tagħhom fl-istadji kollha tal-proċedura***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Assistenza legali mingħajr ħlas jenħtieġ li tkun disponibbli fl-istadji kollha tal-proċedura.

Emenda 746
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fuq talba tal-applikant, l-Istati Membri ***għandhom*** jipprovdu assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas fil-proċedura amministrattiva prevista fil-Kapitolu III u fil-proċedura tal-appell prevista fil-Kapitolu V.	1. Fuq talba tal-applikant, l-Istati Membri ***jistgħu*** jipprovdu assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas fil-proċedura amministrattiva prevista fil-Kapitolu III u fil-proċedura tal-appell prevista fil-Kapitolu V.

Or. ro

Emenda 747
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Jean Lambert, Bodil Valero, Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Fuq talba tal-applikant,*** l-Istati Membri għandhom jipprovdu assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas fil-proċedura amministrattiva prevista fil-Kapitolu III u fil-proċedura tal-appell prevista fil-Kapitolu V.	1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas fil-proċedura amministrattiva prevista fil-Kapitolu III u fil-proċedura tal-appell prevista fil-Kapitolu V.

Or. en

Emenda 748
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għall-finijiet tal-proċedura amministrattiva, l-assistenza u r-	***imħassar***

rappreżentanza legali mingħajr ħlas għandhom jinkludu, tal-anqas:

(a) l-għoti ta' informazzjoni dwar il-proċedura fid-dawl taċ-ċirkostanzi individwali tal-applikant;

(b) assistenza fit-tħejjija tal-applikazzjoni u l-intervista personali, inkluża parteċipazzjoni fl-intervista personali kif meħtieġ;

(c) spjegazzjoni tar-raġunijiet għal deċiżjoni li tirrifjuta l-għoti ta' protezzjoni internazzjonali u l-konsegwenzi tagħha kif ukoll informazzjoni dwar kif wieħed jista' jikkontesta dik id-deċiżjoni.

Or. en

Emenda 749
Elissavet Vozemberg-Vrionidi

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għall-finijiet tal-proċedura ***amministrattiva***, l-assistenza u r-rappreżentanza legali mingħajr ħlas għandhom jinkludu, tal-anqas:	2. Għall-finijiet tal-proċedura ***tal-appell***, l-assistenza u r-rappreżentanza legali mingħajr ħlas għandhom jinkludu, tal-anqas:

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'xi Stati Membri, mhijiex ipprovduta assistenza legali mingħajr ħlas fil-livell amministrattiv.

Emenda 750
Péter Niedermüller, Birgit Sippel, Marju Lauristin, Caterina Chinnici, Elly Schlein, Cécile Kashetu Kyenge, Josef Weidenholzer, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2 – punt -a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-a) assistenza fit-tħejjija u l-preżentazzjoni tal-applikazzjoni b'mod konformi mal-Artikolu 28;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li jiġi ċċarat li l-applikant jenħtieġ li jkun intitolat għal assistenza u rappreżentanza legali qabel il-preżentazzjoni tal-applikazzjoni, minħabba li dan huwa pass amministrattiv importanti fil-proċedura.

Emenda 751
Péter Niedermüller, Birgit Sippel, Marju Lauristin, Caterina Chinnici, Josef Weidenholzer, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) assistenza fit-tħejjija tal-applikazzjoni ***u*** l-intervista personali, ***inkluża parteċipazzjoni*** fl-intervista personali ***kif meħtieġ***;	(b) assistenza fit-tħejjija tal-applikazzjoni***,*** l-intervista personali, ***u l-parteċipazzjoni*** fl-intervista personali;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li tiġi żgurata l-possibilità ta' assistenza legali għal parteċipazzjoni fl-intervisti personali fi kwalunkwe każ.

Emenda 752
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(b) assistenza fit-tħejjija tal-applikazzjoni ***u*** l-intervista personali, ***inkluża parteċipazzjoni*** fl-intervista personali ***kif meħtieġ***;	(b) assistenza fit-tħejjija tal-applikazzjoni***,*** l-intervista personali, ***u l-parteċipazzjoni*** fl-intervista personali;

Or. en

Emenda 753
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) assistenza fit-tħejjija tal-applikazzjoni ***u*** l-intervista personali***,*** ***inkluża*** parteċipazzjoni fl-intervista personali ***kif meħtieġ***;	(b) assistenza fit-tħejjija tal-applikazzjoni***,*** l-intervista personali ***u*** parteċipazzjoni fl-intervista personali;

Or. en

Emenda 754
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-għoti ta' assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas fil-proċedura amministrattiva jista' jkun eskluż fejn:	***imħassar***
(a) l-applikant ikollu riżorsi suffiċjenti;	
(b) l-applikazzjoni titqies li ma għandhiex prospett tanġibbli ta' suċċess;	
(c) l-applikazzjoni hija applikazzjoni sussegwenti.	

Or. en

Emenda 755
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-għoti ta' assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas fil-proċedura amministrattiva jista' jkun eskluż fejn:	***imħassar***
(a) l-applikant ikollu riżorsi suffiċjenti;	
(b) l-applikazzjoni titqies li ma għandhiex prospett tanġibbli ta' suċċess;	
(c) l-applikazzjoni hija applikazzjoni sussegwenti.	

Or. en

Emenda 756
Elissavet Vozemberg-Vrionidi

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-għoti ta' assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas fil-proċedura amministrattiva jista' jkun eskluż fejn:	***imħassar***
(a) l-applikant ikollu riżorsi suffiċjenti;	
(b) l-applikazzjoni titqies li ma għandhiex prospett tanġibbli ta' suċċess;	
(c) l-applikazzjoni hija applikazzjoni sussegwenti.	

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'xi Stati Membri, mhijiex ipprovduta assistenza legali mingħajr ħlas fil-livell amministrattiv.

Emenda 757
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-applikazzjoni titqies li ma għandhiex prospett tanġibbli ta' suċċess;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din id-dispożizzjoni jkollha r-riskju li tiġi interpretata b'mod estensiv wisq mill-awtoritajiet u jenħtieġ li titħassar.

Emenda 758
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-applikazzjoni titqies li ma għandhiex prospett tanġibbli ta' suċċess;	***imħassar***

Or. en

Emenda 759
Péter Niedermüller, Kati Piri, Josef Weidenholzer, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-applikazzjoni titqies li ma	***imħassar***

għandhiex prospett tanġibbli ta' suċċess;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din hija f'konformità mal-pożizzjoni tal-Parlament fid-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza.

Emenda 760
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-applikazzjoni titqies li ma għandhiex prospett ***tanġibbli*** ta' suċċess;	(b) L-applikazzjoni titqies li ma għandhiex ***elementi sostantivi u għalhekk m'għandha l-ebda*** prospett ta' suċċess;

Or. en